Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 344

Volum 60

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni — 23 ta' Diċembru 2017

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2428 tat-30 ta' Novembru 2017 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea** 1

Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea 3

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2429 tal-5 ta' Diċembru 2017 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/713/KE dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv fir-Renju Unit** 6

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/2430 tat-8 ta' Diċembru 2017 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntiera għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/2/2017)** 9

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2431 tal-11 ta' Diċembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-istabbiliment ta' żewġ gruppi ta' ħidma speċjali** 11

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/2432 tat-13 ta' Diċembru 2017 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/1534 (EUNAVFOR MED/3/2017)** 20

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2433 tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fis-Sottokumitat Doganali stabbilit bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, b'rabta mas-sostituzzjoni tal-Protokoll I ta' dak il-Ftehim, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, bi protokoll ġdid li jirreferi għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji** 21

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2434 tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill Konġunt u dawk tal-Kumitat Konġunt** 26

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2435 tat-18 ta' Diċembru 2017 li taħtar membru, propost minn Malta, fil-Kumitat tar-Reġjuni** 36

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2017/2436 tat-18 ta' Diċembru 2017 li taħtar membru, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** 37

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2437 tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar it-tiġdid tal-mandat tal-President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni** 38

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/2438 tad-19 ta' Diċembru 2017 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM GEORGIA/1/2017)** 39

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/2439 tad-19 ta' Diċembru 2017 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (EUTM RCA/4/2017)** 40

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2440 tat-18 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/190/UE rigward it-tqassim annwali tar-riżorsi mill-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ skont l-Istat Membru flimkien mal-lista ta' reġjuni eliġibbli** *(notifikata bid-dokument C(2017) 8300)* 41

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2441 tal-21 ta' Diċembru 2017 dwar l-ekwivalenza tal-qafas legali u superviżorju applikabbli għall-boroż fl-Iżvizzera f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) 52

★ **Deċiżjoni (UE) 2017/2442 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-8 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2164 dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2017 (BĊE/2017/39)** 59

★ **Deċiżjoni (UE) 2017/2443 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-8 ta' Diċembru 2017 dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2018 (BĊE/2017/40)** 61

★ **Deċiżjoni (UE) 2017/2444 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-8 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 dwar il-qafas proċedurali għall-approvazzjoni tal-volum ta' ħrug ta' muniti tal-euro (BĊE/2017/41)** 63

RAKKOMANDAZZJONIJIET

★ **Rakkomandazzjoni Nru 1/2017 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia tal-20 ta' Novembru 2017 dwar l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia [2017/2445]** 65

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2428

tat-30 ta' Novembru 2017

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew, ([1])

Billi

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/718/UE ([2]), il-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra ("il-Protokoll"), ġie ffirmat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.

(2) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, qiegħed b'dan jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina lill-persuna jew persuni bis-setgħa li tiddepożita jew jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 4(1) tal-Protokoll.

([1]) Kunsens mogħti fit-8 ta' Ġunju 2016.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/718/UE tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 300, 18.10.2014, p. 3).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

K. SIMSON

PROTOKOLL

għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Istati Membri", irrappreżentati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn' il quddiem imsejħa "l-Unjoni Ewropea",

min-naħa l-waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-FILIPPINI, minn hawn' il quddiem imsejħa "il-Filippini",

min-naħa l-oħra,

minn issa 'l quddiem imsejħa b'mod konġunt bħala "l-Partijiet Kontraenti" għall-għanijiet ta' dan il-Protokoll,

WARA LI KKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013,

BILLI il-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Filippini fuq in-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", ġie ffirmat fi Phnom Penh fil-11 ta' Lulju 2012;

BILLI t-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"Trattat tal-Adeżjoni," ġie ffirmat fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2011;

BILLI, skont l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tagħha mal-ftehim għandha tiġi miftiehma bil-konklużjoni ta' protokoll mal-Ftehim,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Kroazja hawnhekk taderixxi bħala Parti għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Phnom Penh fil-11 ta' Lulju 2012 u għandha tadotta u tieħu nota rispettivament, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea, tat-test tal-Ftehim.

Artikolu 2

Fi żmien debitu wara l-inizjalar ta' dan il-Protokoll, l-Unjoni Ewropea għandha tikkomunika lill-Istati Membri tagħha u lill-Filippini, il-verżjoni tal-Ftehim bil-lingwa Kroata. Soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-protokoll, il-verżjoni tal-lingwa msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan l-Artikolu għandha ssir awtentika bl-istess kundizzjonijiet tal-verżjonijiet tal-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriżatal-Ftehim.

Artikolu 3

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim.

Artikolu 4

1. Dan il-Protokoll għandu jkun approvat mill-Unjoni Ewropea, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri, u mill-Filippini skont il-proċeduri tagħhom stess. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal dak l-għan. L-istrumenti ta' approvazzjoni għandhom jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta' approvazzjoni, iżda mhux qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Artikolu 5

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji tal-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa awtentiku bl-istess mod.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji ffirmati hawn taħt, mogħtija s-setgħa għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Protokoll.

Съставено в Брюксел на петнадесети януари две хиляди и петнадесета година.
Hecho en Bruselas, el quince de enero de dos mil quince.
V Bruselu dne patnáctého ledna dva tisíce patnáct.
Udfærdiget i Bruxelles den femtende januar to tusind og femten.
Geschehen zu Brüssel am fünfzehnten Januar zweitausendfümfzehn.
Kahe tuhande viieteistkümnenda aasta jaanuarikuu viieteistkümnendal päeval Brüsselis.
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις δέκα πέντε Ιανουαρίου δύο χιλιάδες δεκαπέντε.
Done at Brussels on the fifteenth day of January in the year two thousand and fifteen.
Fait à Bruxelles, le quinze janvier deux mille quinze.
Sastavljeno u Bruxellesu petnaestog siječnja dvije tisuće petnaeste.
Fatto a Bruxelles, addì quindici gennaio duemilaquindici.
Briselē, divi tūkstoši piecpadsmitā gada piecpadsmitajā janvārī.
Priimta du tūkstančiai penkioliktų metų sausio penkioliktą dieną Briuselyje.
Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizenötödik év január havának tizenötödik napján.
Magħmul fi Brussell, fil-ħmistax-il jum ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax.
Gedaan te Brussel, de vijftiende januari tweeduizend vijftien.
Sporządzono w Brukseli dnia piętnastego stycznia roku dwa tysiące piętnastego.
Feito em Bruxelas, em quinze de janeiro de dois mil e quinze.
Întocmit la Bruxelles la cincisprezece ianuarie două mii cincisprezece.
V Bruseli pätnásteho januára dvetisícpätnásť.
V Bruslju, dne petnajstega januarja leta dva tisoč petnajst.
Tehty Brysselissä viidentenätoista päivänä tammikuuta vuonna kaksituhattaviisitoista.
Som skedde i Bryssel den femtonde januari tjugohundrafemton.

За държавите членки
Por los Estados miembros
Za členské státy
For medlemsstaterne
Für die Mitgliedstaaten
Liikmesriikide nimel
Για τα κράτη μέλη
For the Member States
Pour les États membres
Za države članice
Per gli Stati membri
Dalībvalstu vārdā –
Valstybių narių vardu
A tagállamok részéről
Għall-Istati Membri
Voor de lidstaten
W imieniu Państw Członkowskich
Pelos Estados-Membros
Pentru statele membre
Za členské štáty
Za države članice
Jäsenvaltioiden puolesta
För medlemsstaterna

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



За Република Филипини
Por la República de Filipinas
Za Filipínskou republiku
For Republikken Filippinerne
Für die Republik der Philippinen
Filipiini Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία της Φιλιππίνων
For the Republic of the Philippines
Pour la République des Philippines
Za Republiku Filipine
Per la Repubblica delle Filippine
Filipīnu Republikas vārdā –
Filipinų Respublikos vardu
A Fülöp-szigeteki Köztársaság részéről
Għar-Repubblika tal-Filippini
Voor de Republiek der Filipijnen
W imieniu Republiki Filipin
Pela República das Filipinas
Pentru Republica Filipine
Za Filipínsku republiku
Za Republiko Filipini
Filippiinien tasavallan puolesta
För Republiken Filippinerna

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2429

tal-5 ta' Diċembru 2017

li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/713/KE dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv fir-Renju Unit

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Lulju 2008, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda, bid-Deċiżjoni 2008/713/KE ([1]) skont l-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ("TKE"), li kien jeżisti defiċit eċċessiv fir-Renju Unit. Il-Kunsill innota li, skont id-*data* tal-EDP notifikata mill-awtoritajiet tar-Renju Unit f'Marzu 2008, id-defiċit pubbliku tar-Renju Unit fl-2008-09 kien mistenni jilħaq it-3,2 % tal-PDG u b'hekk jaqbeż il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG. Barra minn hekk, wara l-pubblikazzjoni tal-baġit ta' Marzu 2008, dikjarazzjoni politika fit-13 ta' Mejju 2008 li naqqset it-taxxa fuq id-dħul personali fl-2008-09 kienet mistennija żżid ulterjorment id-defiċit ippjanat f'dik is-sena finanzjarja. Iż-żieda ta' din il-miżura mat-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2008 implikat defiċit fl-2008-09 ta' 3,5 % tal-PDG. Id-defiċit eċċessiv ukoll ma tqiesx wieħed temporanju peress li t-tbassir tal-Kummissjoni, abbażi ta' politiki mhux mibdula, stima defiċit fl-2009-10 ta' 3,3 % tal-PDG. Il-Kunsill innota wkoll li l-proporzjon tad-dejn pubbliku baqa' sew taħt il-valur referenzjarju ta' 60 %, għalkemm kien ipprojettat li jinsab f'xejra tiela' sal-2009-10.

(2) Fl-istess data, skont l-Artikolu 104(7) TKE u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 ([2]), il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, indirizza rakkomandazzjoni lir-Renju Unit bl-għan li s-sitwazzjoni tad-defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sa mhux aktar tard mis-sena finanzjarja 2009-10. Il-Kunsill stabbilixxa wkoll it-8 ta' Jannar 2009 bħala d-data ta' skadenza sa meta għandha tittieħed azzjoni effettiva.

(3) Skont l-Artikolu 104(8) TKE, il-Kunsill iddeċieda, fis-27 ta' April 2009, permezz tad- Deċiżjoni 2009/409/KE ([3]), li r-Renju Unit ma kienx ħa azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2008.

(4) Filwaqt li rrikonoxxa li l-pożizzjoni baġitarja tar-Renju Unit fl-2009-10 rriżultat mill-implimentazzjoni ta' miżuri li kienu jammontaw għal madwar 1,5 % tal-PDG, li kienu reazzjoni xierqa għall-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku, u l-operat liberu ta' stabbilizzaturi awtomatiċi, fit-2 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill ħareġ Rakkomandazzjoni riveduta skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), fejn irrakkomanda li r-Renju Unit itemm is-sitwazzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2014-15. Speċifikament, sabiex iġib id-defiċit pubbliku taħt it-3 % tal-PDG b'mod kredibbli u sostenibbli, ir-Renju Unit ingħata r-rakkomandazzjoni biex jiżgura sforz fiskali annwali medju ta' 1¾ % tal-PDG bejn l-2010-11 u l-2014-15. Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill stabbilixxa data ta' skadenza tat-2 ta' Ġunju 2010 biex tittieħed azzjoni effettiva f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97.

(5) Fis-6 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010, ir-Renju Unit kien ħa azzjoni effettiva f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009 skont l-Artikolu 126(7)TFUE.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/713/KE tal-24 ta' Lulju 2008 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fir-Renju Unit (ĠU L 238, 5.9.2008, p. 5).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/409/KE tas-27 ta' April 2009 li tistabbilixxi, konformement mal-Artikolu 104(8) tat-Trattat, jekk ittieħditx azzjoni effettiva mir-Renju Unit b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat- 8 ta' Lulju 2008 taħt l-Artikolu 104(7) (ĠU L 132, 29.5.2009, p. 11).

(6) Fid-19 ta' Ġunju 2015, skont l-Artikolu 126(8) TFUE, iddeċieda li r-Renju Unit ma kienx ħa azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009 [1]. Il-Kunsill innota li r-Renju Unit kien esperjenza riduzzjoni kbira fit-tkabbir tal-PDG reali b'riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali fl-2008 u fl-2009, li kienet affettwat ukoll il-finanzi pubbliċi tiegħu. Sussegwentement, ir-Renju Unit implimenta pjan ta' konsolidazzjoni u d-deficit pubbliku kien niżel, bħala perċentwal tal-PDG, kull sena bejn is-snin finanzjarji 2009-10 u 2014-15. B'kuntrast, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG kompla jiżdied tul dan il-perjodu, xprunat l-iktar minn deficit nominali, imma anke minn interventi tas-settur finanzjarju. Il-Kunsill ikkonkluda li, minkejja programm ta' konsolidazzjoni fiskali stabbilit u implimentat, ir-Renju Unit ma kienx temm id-deficit eċċessiv tiegħu sal-2014-15. Barra minn hekk, ir-Renju Unit ma żammx mal-isforz fiskali annwali medju ta' 1 % tal-PDG li kien ġie rrakkomandat mill-Kunsill fit-2 ta' Diċembru 2009.

(7) Fid-19 ta' Ġunju 2015, skont l-Artikolu 126(7) TFUE u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, indirizza Rakkomandazzjoni lir-Renju Unit biex tikkoreġi d-deficit eċċessiv sas-sena finanzjarja 2016-17. Speċifikament, ir-Renju Unit ngħata r-rakkomandazzjoni li jilħaq il-mira ta' deficit nominali ta' 4,1 % tal-PDG fl-2015-16 u 2,7 % tal-PDG fl-2016-17, li kien projettat li jkun konsistenti ma' titjib fil-bilanċ strutturali ta' 0,5 % tal-PDG fl-2015-16 u ta' 1,1 % tal-PDG fl-2016-17, abbażi tat-tbassir aġġornat tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2015.

(8) Fis-16 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-Renju Unit kien ħa azzjoni effettiva biex jikkoreġi d-deficit eċċessiv sas-sena finanzjarja 2016-17, kif irrakkomandat mill-Kunsill fid-19 ta' Ġunju 2015.

(9) Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-proċedura ta' deficit eċċessiv anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, il-Kummissjoni tipprovdi d-*data* għall-implimentazzjoni tal-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dak il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-*data* dwar id-deficit u d-dejn tal-gvern kif ukoll dwar varjabbli assoċjati oħra darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [2].

(10) Il-Kunsill jieħu deċiżjonijiet biex jirrevoka deċiżjonijiet dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv abbażi tad-*data* notifikata. Barra minn hekk, deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv ikun jenħtieġ li tiġi revokata biss jekk it-tbassir tal-Kummissjoni jindika li d-deficit ma jkunx se jaqbeż il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG tul il-perjodu ta' tbassir [3].

(11) Abbażi tad-*data* pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, wara l-Programm ta' Konverġenza tal-2017, in-notifika ta' Settembru 2017 mir-Renju Unit, u t-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2017, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

— Ir-Renju Unit laħaq il-miri rakkomandati għad-deficit pubbliku fis- snin reċenti. Wara li laħaq massimu ta' 10 % tal-PDG fl-2009-10, id-deficit pubbliku nominali segwa xejra dejjem nieżla, li niżlet għal 4 % fl-2015-16 u 2,3 % fl-2016-17, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 2015. Il-konsolidazzjoni fiskali li saret tul dan il-perjodu kienet fil-parti l-kbira bbażata fuq l-infiq, fejn l-infiq kurrenti totali niżel minn 42,9 % tal-PDG fl-2009-10 għal 38 % tal-PDG fl-2016-17. Żieda fil-proporzjon tad-dħul tal-gvern, minn 37,4 % tal-PDG fl-2009-10 għal 38,6 % tal-PDG fl-2016-17, ikkontribwixxiet ukoll, għalkemm mhux fl-istess miżura.

— Il-Programm ta' Konverġenza 2016-17, ippreżentat mill-awtoritajiet tar-Renju Unit fis-27 ta' April 2017 u li jkopri l-perjodu 2016-17 sal-2021-22, ipprojetta żieda fid-deficit pubbliku għal 2,8 % tal-PDG fl-2017-18 segwita minn tnaqqis għal 1,9 % tal-PDG fl-2018-19. Dan it-tbassir kien ibbażat fuq deficit pubbliku ppjanat ta' 2,7 % fl-2016-17, skont id-*data* tal-EDP innotifikata mill-awtoritajiet tar-Renju Unit f'Marzu 2017. Wara l-preżentazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza, l-Uffiċċju għall-Istatistika Nazzjonali (ONS) irreveda 'l isfel l-istima tiegħu tad-deficit pubbliku fl-2016-17 għal 2,3 % tal-PDG. Filwaqt li sussegwentement l-awtoritajiet tar-Renju Unit ma ppubblikawx tbassir aġġornat tad-deficit tal-amministrazzjoni pubblika, it-tbassir

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1098 tad-19 ta' Ġunju 2015 li tistabbilixxi li ma ttieħdet ebda azzjoni effettiva mir-Renju Unit b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009 (ĠU L 180, 8.7.2015, p. 1).
[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.
[3] F'konformità ma' "Speċifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Linji Gwida dwar il-format u l-kontenut ta' Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza", tat-3 ta' Settembru 2012. Ara: http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/pdf/coc/code_of_conduct_en.pdf

tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2017 ipprojettat defiċits ta' 2,5 % fl-2017-18, 1,8 % fl-2018-19, u 1,3 % fl-2019-20, abbażi ta' suppożizzjoni tal-ebda bdil fil-politika. Għaldaqstant, id-defiċit mistenni jibqa' taħt il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG matul il-perjodu ta' tbassir.

— Skont it-tbassir tal-ħarifa 2017, il-Kummissjoni tistma li l-bilanċ strutturali, li hu l-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika aġġustat għaċ-ċiklu ekonomiku u nett minn miżuri ta' darba u miżuri oħra temporanji, tjieb b'3,2 % tal-PDG bejn l-2008-09 u l-2016-17.

— Il-proporzjon tad-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika tar-Renju Unit żdied b'mod sinifikanti minn meta l-Kunsill iddeċieda, fit-8 ta' Lulju 2008, li kien jeżisti defiċit eċċessiv fir-Renju Unit. Il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika żdied minn 41 % tal-PDG fl-2007-08 għal 86,8 % fl-2016-17, li rrifletta defiċits nominali tal-amministrazzjoni pubblika ogħla kif ukoll interventi tas-settur finanzjarju tul dan il-perjodu. Skont it-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2017, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG huwa mistenni li laħaq il-massimu fl-2016-17 u li jonqos gradwalment għal 82,9 % tal-PDG fl-2019-20.

(12) F'konformità mal-Artikolu 126(12) TFEU, deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi revokata meta, fil-fehma tal-Kunsill, tkun saret korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat.

(13) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fir-Renju Unit ġie kkoreġut u d-Deċiżjoni 2008/713/KE għalhekk jenħtieġ li tiġi revokata.

(14) Mill-2017-18, li hija s-sena finanzjarja ta' wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, ir-Renju Unit huwa soġġett għall-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u jenħtieġ li jimxi lejn l-objettiv baġitarju minimu tat-terminu l-medju tiegħu b'pass xieraq, inkluż billi jirrispetta l-parametru referenzjarju tal-infiq u li jikkonforma mal-kriterju tad-dejn skont l-Artikolu 2(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Minn valutazzjoni kumplessiva, jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fir-Renju Unit ġiet ikkoreġuta.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2008/713/KE hija b'dan revokata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2017/2430

tat-8 ta' Diċembru 2017

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntiera għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/2/2017)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK ([1]) tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah, (EU BAM Rafah), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(1) tal-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tat-tmexxija strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah), inkluż b'mod partikolari d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fis-7 ta' Lulju 2015, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EU BAM Rafah/1/2015 ([2]) li taħtar is-Sinjura Natalina CEA bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016.

(3) Fl-4 ta' Lulju 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1193 ([3]) li testendi l-mandat ta' EUBAM Rafah sat-30 ta' Ġunju 2018.

(4) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EU BAM Rafah/1/2016 ([4]), li testendi l-mandat tas-Sinjura Natalina CEA bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah sat-30 ta' Ġunju 2018.

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2017, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sur Günther FREISLEBEN bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUBAM Rafah minflok is-Sinjura Natalina CEA mill-4 ta' Diċembru 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Günther FREISLEBEN huwa b'dan maħtur bħala l-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntiera għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) mill-4 ta' Diċembru 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EU BAM Rafah/1/2017 hija mħassra.

([1]) ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.
([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/1128 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2015) (ĠU L 184, 11.7.2015, p. 16).
([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1193 tal-4 ta' Lulju 2017 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 172, 5.7.2017, p. 12).
([4]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/1280 tal-11 ta' Lulju 2017 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal- Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2016) (ĠU L 184, 15.7.2017, p. 63).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-4 ta' Diċembru 2017.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2431

tal-11 ta' Diċembru 2017

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-istabbiliment ta' żewġ gruppi ta' ħidma speċjali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Gholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim"), ġie ffirmat fit-18 ta' Frar 2017 u huwa soġġett għall-applikazzjoni proviżorja, skont l-Artikolu 59(2) u (3) tal-Ftehim u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/434 ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 49 tal-Ftehim, ġie stabbilit Kumitat Konġunt, sabiex jiżgura, fost l-oħrajn, il-funzjonament u l-implimentazzjoni korretti tal-Ftehim. Sabiex isir kontribut lejn l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, jenħtieġ li l-Kumitat Konġunt jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

(3) Skont l-Artikolu 49 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi kumitati jew gruppi ta' ħidma speċjali biex jassistuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.

(4) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt f'dak li għandu x'jaqsam mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjali tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet mehmuża tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 49 tal-Ftehim fir-rigward ta':

(a) l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt; u

(b) l-istabbiliment ta' żewġ gruppi ta' ħidma speċjali,

għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

2. Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet żgħar fl-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

([1]) ĠU L 67, 14.3.2017, p. 3.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/434 tat-13 ta' Frar 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra (ĠU L 67, 14.3.2017, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 1/2017 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-AFGANISTAN

ta' …

rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-AFGANISTAN,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 49(5) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim"), ġie ffirmat fit-18 ta' Frar 2017 u huwa soġġett għall-applikazzjoni proviżorja skont l-Artikolu 59(2) u (3) tal-Ftehim u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/434 ([2]).

(2) Il-Kumitat Konġunt ġie stabbilit skont l-Artikolu 49 tal-Ftehim. Sabiex ikun jista' jwettaq il-kompiti fdati lilu, jenħtieġ li l-Kumitat Konġunt jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, huma b'dan adottati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi. …, …

Għall-Kumitat Konġunt UE-Afganistan

Il-President

([1]) ĠU L 67, 14.3.2017, p. 3.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/434 tat-13 ta' Frar 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra (ĠU L 67, 14.3.2017, p. 1).

ANNESS

Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt

Artikolu 1

Kompożizzjoni u presidenza

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq il-kompiti stipulati fl-Artikolu 49 tal-Ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet fl-ogħla livell possibbli u għandu jkun ippresedut b'mod alternat, għal perjodu ta' sena kalendarja, mill-Parti li tospita l-laqgħa fis-sena kalendarja inkwistjoni.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun ippresedut b'mod alternat mill-Ministru għall-Finanzi tar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. Huma jistgħu jiddelegaw l-awtorità tagħhom lil uffiċjal għoli biex jippresiedi fuq il-laqgħat kollha tal-Kumitat Konġunt jew fuq parti minnhom.

Artikolu 2

Laqgħat

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' darba fis-sena. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandhom jissejħu mill-President. Il-laqgħat għandhom isiru fi Brussell u f'Kabul b'mod alternat, f'data stabbilita bi ftehim reċiproku. Jistgħu jsiru sessjonijiet speċjali tal-Kumitat Konġunt fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir dan.

2. Jekk il-Partijiet jaqblu, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt jistgħu isiru eċċezzjonalment permezz ta' vidjokonferenza.

Artikolu 3

Parteċipanti

1. Kull Parti għandha tgħarraf lill-President dwar il-konfigurazzjoni tad-delegazzjoni tiegħu, qabel kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt.

2. Il-President, bi ftehim mal-Partijiet, jista' jistieden esperti jew rappreżentanti ta' korpi oħra għal-laqgħa biex jaġixxu bħala osservaturi jew biex jipprovdu informazzjoni dwar suġġett partikolari.

Artikolu 4

Pubbliċità

1. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandhom isiru bil-bibien magħluqa, ħlief jekk il-President, bi qbil mal-Partijiet, jiddeċiedi li l-laqgħa għandha tkun pubblika.

2. Il-Kumitat Konġunt jista' joħroġ dikjarazzjonijiet lill-pubbliku kif iqis xieraq.

Artikolu 5

Segretarjat

Rappreżentant tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u rappreżentant tal-Gvern tar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan għandhom iservu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-Kumitat Konġunt. Il-komunikazzjonijiet kollha lil u mingħand il-President għandhom jiġu mgħoddija lis-Segretarji. Il-korrispondenza lil u mill-President tista' ssir permezz ta' kull mezz bil-miktub, inkluż permezz tal-posta elettronika.

Artikolu 6

Aġendi għal-laqgħat

1. Il-President għandu jfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt. L-aġenda proviżorja għandha tintbagħat, flimkien mad-dokumenti rilevanti, lill-Parti l-oħra sa mhux iktar tard minn 15-il jum qabel id-data tal-laqgħa.

2. Kull Parti tista' titlob lill-President biex tpoġġi punt fuq l-aġenda.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta l-aġenda fil-bidu ta' kull laqgħa. Kull punt minbarra dawk li jidhru fl-aġenda proviżorja jista' jitqiegħed fuq l-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

4. F'ċirkostanzi speċjali u bi qbil mal-Partijiet, il-President jista' jqassar l-iskadenzi msemmija fil-paragrafu 1 sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

Artikolu 7

Minuti

1. L-eżitu tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandu jkun fil-forma ta' minuti miftiehma.

2. Il-President għandu jagħmel sommarju tal-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Kumitat Konġunt f'kull laqgħa. Iż-żewġ Segretarji għandhom ifasslu b'mod konġunt l-abbozz tal-minuti abbażi ta' dawk il-konklużjonijiet, preferibbilment fi tmiem il-laqgħa jew sa mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara d-data tal-laqgħa.

3. Il-partijiet għandhom japprovaw l-abbozz preferibbilment fi tmiem il-laqgħa jew sa mhux aktar tard minn 45 jum kalendarju mid-data tal-laqgħa jew sa kwalunkwe data oħra li jiftiehmu dwarha l-Partijiet. Malli l-partijiet ikunu approvaw l-abbozz tal-minuti, għandhom jiġu ffirmati żewġ kopji oriġinali mill-President u mis-Segretarji. Kull Parti għandha tirċievi kopja oriġinali waħda.

Artikolu 8

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu adottati bi qbil komuni bejn il-Partijiet.

2. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikollhom it-titolu "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament u jkunu segwiti b'numru tas-serje, id-data tal-adozzjoni tagħhom u deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom. Kull deċiżjoni għandha tistipula d-data li fiha tidħol fis-seħħ.

3. Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub. F'tali każijiet, il-Partijiet għandhom jaqblu dwar limitu ta' żmien għat-tul tal-proċedura. Jekk mal-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien, l-ebda Parti ma tkun esprimiet oppożizzjoni għall-proposta ta' deċiżjoni jew rakkomandazzjoni, il-President għandu jiddikjara li d-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni ġew adottati bi ftehim komuni.

4. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu awtentikati permezz ta' żewġ kopji awtentiċi ffirmati mill-President.

5. Kull Parti tista' tippubblika d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

Artikolu 9

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tassumi l-ispejjeż sostnuti fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt, kemm rigward in-nefqa tal-persunal, tal-ivvjaġġar u tal-għajxien kif ukoll rigward in-nefqa tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet.

2. Kull Parti għandha tassumi l-ispejjeż konnessi mal-interpretazzjoni fil-laqgħat u mat-traduzzjoni.

3. Il-parti li tospita laqgħa għandha tassumi l-ispejjeż konnessi mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti.

Artikolu 10

Kumitati u gruppi ta' ħidma speċjali

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi kumitati jew gruppi ta' ħidma speċjali sabiex jgħinuh fil-prestazzjoni tal-kompiti tiegħu.

2. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jabolixxi kwalunkwe kumitat jew grupp ta' ħidma speċjali eżistenti, jadotta jew jemenda t-termini ta' referenza tagħhom.

3. Il-kumitati jew il-gruppi ta' ħidma speċjali għandhom jagħmlu rapporti dettaljati dwar l-attivitajiet tagħhom lill-Kumitat Konġunt wara kull waħda mil-laqgħat tagħhom u jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt.

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 2/2017 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-AFGANISTAN

ta'…

li tistabbilixxi żewġ gruppi ta' ħidma speċjali u li tadotta t-termini ta' referenza tagħhom

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-AFGANISTAN,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 49(3) tiegħu, u l-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Shubija u Żvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim") ġie ffirmat fit-18 ta' Frar 2017 u huwa suġġett għal applikazzjoni proviżorja, skont l-Artikolu 59;

(2) Sabiex isir kontribut lejn l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, għandu jiġi stabbilit il-qafas istituzzjonali tiegħu.

(3) Skont l-Artikolu 49(3) tal-Ftehim u l-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi gruppi ta' ħidma jew kumitati speċjali sabiex jgħinuh fil-prestazzjoni tal-kompiti tiegħu.

(4) Sabiex jiġu permessi diskussjonijiet fil-livell ta' esperti dwar l-oqsma ewlenin li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim, għandhom jiġu stabbiliti gruppi ta' ħidma speċjali. Il-Partijiet jistgħu jaqblu wkoll li jemendaw il-lista ta' gruppi ta' ħidma jew kumitati speċjali u/jew il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

(5) Jenħtieġ li l-gruppi ta' ħidma speċjali jsiru operattivi malajr,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-gruppi ta' ħidma speċjali elenkati fl-Anness A huma b'dan stabbiliti. It-termini ta' referenza tal-gruppi ta' ħidma speċjali għandhom ikunu kif indikat fl-Anness B.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

Għall-Kumitat Konġunt UE-Afganistan

Il-President

([1]) ĠU L 67, 14.3.2017, p. 3.

ANNESS A

Kumitat Konġunt UE-Afganistan

Gruppi ta' ħidma speċjali

1. Grupp ta' Ħidma Speċjali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Governanza Tajba u l-Migrazzjoni;
2. Grupp ta' Ħidma Speċjali għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.

ANNESS B

Termini ta' referenza tal-gruppi ta' ħidma speċjali stabbiliti taħt il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra

Artikolu 1

Il-gruppi ta' ħidma speċjali jistgħu jiddiskutu l-implimentazzjoni tal-Ftehim fl-oqsma li huma jkopru. Huma jistgħu jiddiskutu wkoll suġġetti jew proġetti speċifiċi rigward il-qasam rilevanti ta' kooperazzjoni bilaterali.

Artikolu 2

Il-gruppi ta' ħidma speċjali għandhom jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat Konġunt. Huma għandhom jirrapportaw u jibagħtu l-minuti u l-konklużjonijiet tagħhom lill-President tal-Kumitat Konġunt fi żmien 30 jum kalendarju wara kull laqgħa.

Artikolu 3

1. Il-gruppi ta' ħidma speċjali għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-Partijiet.

2. Il-gruppi ta' ħidma speċjali jistgħu jistiednu esperti għal-laqgħat tagħhom u jistgħu jisimgħuhom rigward punti speċifiċi fuq l-aġenda.

Artikolu 4

Il-gruppi ta' ħidma speċjali għandhom ikunu ppreseduti mill-Parti li tippresjedi l-Kumitat Konġunt.

Artikolu 5

Rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u rappreżentant tal-Gvern tal-Afganistan għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-gruppi ta' ħidma speċjali.

Artikolu 6

1. Il-gruppi ta' ħidma speċjali għandhom jiltaqgħu kull meta jkun hemm bżonn, fuq il-bażi ta' talba bil-miktub minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet, u mill-inqas darba fis-sena. Kull laqgħa għandha ssir fi żmien u f'post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ Partijiet.

2. Meta waħda mill-Partijiet tagħmel talba għal laqgħa tal-grupp ta' ħidma speċjali, is-Segretarju tal-Parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien 15-il jum ta' xogħol minn meta tasal dik it-talba. F'każijiet ta' urġenza partikolari, laqgħa ta'grupp ta' ħidma speċjali tista' tissejjaħ fi żmien iqsar, jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu.

3. Il-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma speċjali għandhom ikunu msejħa b'mod konġunt miż-żewġ Segretarji.

Artikolu 7

1. Kull Parti tista' titlob lill-President biex tpoġġi punt fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-grupp speċjali ta' ħidma. Il-punti biex ikunu inklużi fl-aġenda għandhom jitressqu quddiem is-Segretarji mill-inqas 15-il jum ta' xogħol qabel id-data tal-laqgħa kkonċernata. Kull dokument ta' sostenn għandu jkun ipprovdut lis-Segretarji mill-inqas għaxart (10) ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa.

2. Is-Segretarji għandhom jikkomunikaw l-abbozz tal-aġenda lill-Partijiet mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, bi qbil tal-Partijiet, jistgħu jiġu miżjuda punti għall-aġenda f'limiti qosra ta' żmien.

Artikolu 8

1. Is-Segretarji għandhom ifasslu b'mod konġunt abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa.

2. Il-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma speċjali għandhom isiru bil-bibien magħluqa, ħlief jekk il-President, bi ftehim mal-Partijiet, jiddeċiedi li l-laqgħa għandha tkun pubblika.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2017/2432

tat-13 ta' Diċembru 2017

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/1534 (EUNAVFOR MED/3/2017)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").

(2) Fil-31 ta' Awwissu 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1534 ([2]) biex ħatar lill-Viċi Ammirall (LH) Javier MORENO SUSANNA bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.

(3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrakkomanda l-ħatra tal-Viċi Ammirall (LH) Alberto MAFFEIS biex jieħu post il-Viċi Ammirall (LH) Javier MORENO SUSANNA bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE mill-14 ta' Diċembru 2017.

(4) Fis-6 ta' Diċembru 2017, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.

(5) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Viċi Ammirall (LH) Alberto MAFFEIS u għaldaqstant għandha titħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/1534.

(6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall (LH) Alberto MAFFEIS huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) mill-14 ta' Diċembru 2017.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/1534 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2017.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

([1]) ĠU L 122, 19.5.2015, p. 31.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/1534 tal-31 ta' Awwissu 2017 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin- Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/681 (EUNAVFOR MED/2/2017) (ĠU L 233, 9.9.2017, p. 4).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2433

tat-18 ta' Diċembru 2017

dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fis-Sottokumitat Doganali stabbilit bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, b'rabta mas-sostituzzjoni tal-Protokoll I ta' dak il-Ftehim, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, bi protokoll ġdid li jirreferi għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim"), ġie konkluż mill-Unjoni Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/838 ([2]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) Skont l-Artikolu 38 tal-Protokoll I tal-Ftehim ("Protokoll I"), is-Sottokumitat Doganali UE-Georgia stabbilit permezz tal-Artikolu 74(1) tal-Ftehim ("Sottokumitat Doganali") jista' jadotta emendi għad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.

(3) Is-Sottokumitat Doganali jrid jadotta deċiżjoni dwar is-sostituzzjoni tal-Protokoll, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, bi protokoll ġdid li jirreferi għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ([3]) ("il-Konvenzjoni").

(4) Il-Konvenzjoni tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-oriġini ta' oġġetti kkummerċjati skont il-Ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ b'rabta mal-Unjoni u l-Georgia fl-1 ta' Mejju 2012 u fl-1 ta' Lulju 2017 rispettivament.

(5) L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jistipula li kull Parti Kontraenti trid tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li l-Konvenzjoni tiġi applikata b'mod effettiv. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Protokoll I jiġi sostitwit bi protokoll ġdid li, fir-rigward tar-regoli tal-oriġini, ikun jirreferi għall-Konvenzjoni.

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fis-Sottokumitat Doganali UE-Georgia, minħabba li d-deċiżjoni ser tkun vinkolanti għall-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fis-Sottokumitat Doganali stabbilit bl-Artikolu 74(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tas-Sottokumitat Doganali mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fis-Sottokumitat Doganali jistgħu jaqblu dwar korrezzjonijiet tekniċi fl-abbozz tad-deċiżjoni tas-Sottokumitat Doganali, mingħajr ebda deċiżjoni oħra tal-Kunsill.

([1]) ĠU L 261, 30.8.2014, p. 4.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/838 tat-23 ta' Mejju 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Georgia, min-naħa l-oħra (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 26).
([3]) ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

K. SIMSON

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru …/2017 TAS-SOTTOKUMITAT DOGANALI UE-GEORGIA

ta' …

tissostitwixxi l-Protokoll I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

IS-SOTTOKUMITAT DOGANALI UE-GEORGIA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa wahda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva,

Billi:

(1) L-Artikolu 23(2) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), jirreferi għall-Protokoll I tal-Ftehim ("il-Protokoll I") għar-regoli tal-oriġini.

(2) Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(3) L-Artikolu 38 tal-Protokoll I jipprevedi li s-Sottokumitat Doganali previst fl-Artikolu 74(1) tal-Ftehim jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll I.

(4) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji ([2]) ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li tissostitwixxi r-regoli tal-oriġini fis-seħħ bħalissa fost il-pajjiżi taż-żona pan-Ewro-Mediterranja b'att legali wieħed.

(5) L-Unjoni ffirmat il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011. Bid-Deċiżjoni tiegħu Nru 1/2016 ([3]), il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni ddeċieda li l-Georgia jenħtieġ li tiġi mistiedna taderixxi għall-Konvenzjoni.

(6) L-Unjoni u l-Georgia ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' aċċettazzjoni għand id-depożitarju tal-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012 u fis-17 ta' Mejju 2017, rispettivament. Konsegwentement, b'applikazzjoni tal-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-UE u fil-Georgia fl-1 ta' Mejju 2012 u fil-1 ta' Lulju 2017 rispettivament.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li l-Protokoll I jiġi sostitwit bi protokoll ġdid li jkun jirreferi għall-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, għandu jiġi sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 261, 30.8.2014, p. 4.
([2]) ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.
([3]) Id-Deċiżjoni Nru 1/2016 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji tat-28 ta' Settembru 2016 rigward it-talba tal-Georgia biex issir Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji [2016/2126] (ĠU L 329, 3.12.2016, p. 118).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika minn …

Magħmul fi…

Għas-Sottokumitat Doganali
Il-President

ANNESS

"Protokoll I

rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

Artikolu 1

Regoli tal-oriġini applikabbli

1. Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw l-Appendiċi I u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji ([1]) ("il-Konvenzjoni").

2. Ir-referenzi kollha għall-"ftehim rilevanti" fl-Appendiċi I u fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni għandhom jitqiesu li qed jirreferu għal dan il-Ftehim.

Artikolu 2

Soluzzjoni tat-tilwim

1. Meta jinqala' xi tilwim rigward il-proċeduri ta' verifika tal-Artikolu 32 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, li ma jkunx jista' jinstab soluzzjoni għalih mill-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika u l-awtoritajiet doganali responsabbli biex iwettqu dik il-verifika, it-tilwim għandu jitressaq quddiem is-Sottokumitat Doganali. Id-dispożizzjonijiet dwar il-mekkaniżmu tar-riżoluzzjoni tat-tilwim fil-Kapitolu 14 (Soluzzjoni tat-Tilwim) tat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet Relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim ma għandhomx japplikaw.

2. Fil-każijiet kollha ir-riżoluzzjoni tat-tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur għandha timxi skont il-leġiżlazzjoni ta' dak il-pajjiż.

Artikolu 3

Emendi għall-Protokoll

Is-Sottokumitat Doganali jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 4

Irtirar mill-Konvenzjoni

1. Jekk l-Unjoni Ewropea jew il-Georgia jagħtu avviż bil-miktub lid-depożitarju tal-Konvenzjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jirtiraw mill-Konvenzjoni skont l-Artikolu 9 tagħha, l-Unjoni u l-Georgia għandhom jidħlu minnufih f'negozjati dwar ir-regoli tal-oriġini għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Sakemm jidħlu fis-seħħ tali regoli tal-oriġini negozjati mill-ġdid, ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fl-Appendiċi I u, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, applikabbli fil-mument tal-irtirar, għandhom ikomplu japplikaw għal dan il-Ftehim. Madankollu, mill-mument tal-irtirar, ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fl-Appendiċi I u, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni għandhom jiġu interpretati b'mod li jippermetti kumulazzjoni bilaterali bejn l-Unjoni u l-Georgia biss.

Artikolu 5

Dispożizzjonijiet tranżitorji – kumulazzjoni

Minkejja l-Artikoli 16(5) u 21(3) tal-Appendiċi I għall-Konvenzjoni, fejn il-kumulazzjoni tinvolvi biss l-Istati tal-EFTA, il-Gżejjer Faeroe, l-Unjoni, it-Turkija, il-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, u r-Repubblika tal-Moldova u l-Georgia, il-prova tal-oriġini tista' tkun ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni tal-oriġini."

([1]) ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2434

tat-18 ta' Diċembru 2017

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill Konġunt u dawk tal-Kumitat Konġunt

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 209 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra [1] ("il-Ftehim") ġie ffirmat fi Brussell fit-12 ta' Diċembru 2016 u ġie applikat parzjalment fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Novembru 2017.

(2) L-Artikoli 81 u 82 tal-Ftehim jistabbilixxu Kunsill Konġunt u Kumitat Konġunt biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

(3) L-Artikolu 81(4) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill Konġunt jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess, u l-Artikolu 82(3) jipprevedi li l-Kunsill Konġunt jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt.

(4) L-Artikolu 81(3) u (5) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill Konġunt ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet fil-livell ministerjali u jkun presedut b'mod alternat minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u minn rappreżentant tar-Repubblika ta' Kuba.

(5) L-Artikolu 82(1) u (5) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet fuq livell uffiċjali għoli u jkun presedut b'mod alternat minn rappreżentant tal-Unjoni u minn rappreżentant tar-Repubblika ta' Kuba.

(6) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, jenħtieġ li jiġu adottati r-regoli ta' proċedura tal-Kunsill Konġunt u tal-Kumitat Konġunt.

(7) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Konġunt stabbilit mill-Artikolu 81 tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

K. SIMSON

([1]) ĠU L 337I, 13.12.2016, p. 3.

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 1/[…] TAL-KUNSILL KONĠUNT UE-KUBA

ta' […]

li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu u dawk tal-Kumitat Konġunt

IL-KUNSILL KONĠUNT UE-KUBA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") u b'mod partikolari l-Artikoli 81(4) u 82(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 86(3) tal-Ftehim, partijiet mill-Ftehim bdew jiġu applikati fuq bażi provviżorja bejn l-Unjoni u Kuba mill-1 ta' Novembru 2017.

(2) Skont l-Artikolu 81(4) tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

(3) Skont l-Artikolu 82(1) tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt għandu jkun megħjun minn Kumitat Konġunt fit-twettiq ta' dmirijietu,

(4) Skont l-Artikolu 82(3) tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Konġunt u dawk tal-Kumitat Konġunt, kif stabbiliti fl-Annessi I u II rispettivament, huma b'dan adottati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

Għall-Kunsill Konġunt

Il-Presidenza

ANNESS 1

Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Konġunt

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Kunsill Konġunt, stabbilit skont l-Artikolu 81(1) tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għandu jwettaq dmirijietu kif previst fl- Artikolu 81(2) tal-Ftehim.

2. Skont l-Artikolu 81(3) tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet. Huwa jiltaqa' fil-livell ministerjali.

3. Kif previst fl-Artikolu 81(6) tal-Ftehim, u biex jintlaħqu l-objettivi tiegħu, il-Kunsill Konġunt għandu jkollu s-setgħa jieħu deċiżjonijiet li jkunu vinkolanti fuq il-Partijiet. Il-Kunsill Konġunt għandu jieħu l-miżuri xierqa għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu, inkluż, jekk meħtieġ, billi jagħti s-setgħa lil entitajiet speċifiċi stabbiliti taħt il-Ftehim, sabiex jaġixxu f'ismu. Il-Kunsill Konġunt jista' jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet. Huwa għandu jadotta d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi qbil bejn il-Partijiet wara t-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi, b'konformità mal-Artikolu 11 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura. Il-Kunsill Konġunt jista' jiddelega s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet lill-Kumitat Konġunt.

4. Il-Partijiet f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura huma dawk definiti fl-Artikolu 84 tal-Ftehim.

Artikolu 2

Il-Presidenza

Il-Kunsill Konġunt għandu jkun presedut b'mod alternat, minn laqgħa waħda għal dik suċċessiva, minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u minn rappreżentant tar-Repubblika ta' Kuba. L-ewwel Kunsill Konġunt għandu jkun presedut minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Laqgħat

1. Il-Kunsill Konġunt għandu jiltaqa' regolarment tal-inqas kull sentejn, u kull meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk. Sakemm ma jintlaħaqx ftehim mod ieħor mill-Partijiet, il-Kunsill Konġunt għandu jsir fil-post fejn is-soltu jsiru l-laqgħat tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-laqgħat tal-Kunsill Konġunt għandhom isiru f'data li dwarha jkun hemm qbil bejn il-Partijiet.

3. Il-laqgħat tal-Kunsill Konġunt għandhom jissejħu b'mod konġunt mis-Segretarji tal-Kunsill Konġunt, bi qbil mal-Presidenza tal-Kunsill Konġunt, mhux aktar tard minn 30 jum qabel id-data tal-laqgħa.

Artikolu 4

Rappreżentanza

1. Il-membri tal-Kunsill Konġunt jistgħu jkunu rappreżentati f'każ li ma jkunux jistgħu jattendu. Jekk membru jkun jixtieq ikun rappreżentat, dak il-membru għandu jinforma lill-Presidenza bil-miktub b'isem ir-rappreżentant tiegħu qabel il-laqgħa konċernata.

2. Ir-rappreżentant ta' membru tal-Kunsill Konġunt għandu jeżerċita d-drittijiet kollha ta' dak il-membru.

Artikolu 5

Delegazzjonijiet

Il-membri tal-Kunsill Konġunt jistgħu jkunu akkumpanjati minn uffiċjali. Qabel kull laqgħa, il-Presidenza għandha tiġi infurmata, permezz tas-Segretarjat, bil-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjoni ta' kull Parti.

Artikolu 6

Is-Segretarjat

Uffiċjal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u uffiċjal tal-Gvern ta' Kuba għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-Kunsill Konġunt.

Artikolu 7

Korrispondenza

1. Il-korrispondenza indirizzata lill-Kunsill Konġunt għandha tintbagħat lil wieħed mis-Segretarji, li min-naħa tiegħu għandu jgħarraf lis-Segretarju l-ieħor.

2. Iż-żewġ Segretarji għandhom jiżguraw li l-korrispondenza tingħadda lill-Presidenza u, fejn xieraq, tiġi ċċirkolata lill-membri tal-Kunsill Konġunt.

3. Il-korrispondenza ċċirkolata skont il-paragrafu 2 għandha tintbagħat, kif ikun xieraq, lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, u lir-Rappreżentanzi Permanenti tal-Istati Membri għall-Unjoni Ewropea, kif ukoll lill-Missjoni ta' Kuba għall-Unjoni Ewropea u lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika ta' Kuba.

4. Il-komunikazzjonijiet mill-Presidenza tal-Kunsill Konġunt għandhom jintbagħtu lid-destinatarji miż-żewġ Segretarji f'isem il-Presidenza tal-Kunsill Konġunt. Tali komunikazzjonijiet għandhom jiġu ċċirkolati, meta jkun xieraq, lill-membri tal-Kunsill Konġunt kif stipulat fil-paragrafu 3.

Artikolu 8

Kunfidenzjalità

1. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Partijiet, il-laqgħat tal-Kunsill Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi.

2. Meta Parti tippreżenta informazzjoni lill-Kunsill Konġunt li tkun immarkata bħala kunfidenzjali, il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni bħala tali.

Artikolu 9

Aġendi għal-laqgħat

1. Il-Presidenza għandha tfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa. Din għandha tiġi ċċirkolata mis-Segretarji lid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 7 sa mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju qabel il-laqgħa.

2. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi dawk il-punti li l-Presidenza tkun irċeviet talba għall-inklużjoni tagħhom fl-aġenda sa mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju qabel il-laqgħa. Dawn il-punti għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti ta' prova rilevanti li jridu jintbagħtu lis-Segretarji qabel dakinhar li tintbagħat l-aġenda.

3. L-aġenda għandha tkun adottata mill-Kunsill Konġunt fil-bidu ta' kull laqgħa. Punt li ma jkunx fost dawk li jidhru fl-aġenda proviżorja jista' jiddaħħal fl-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

4. Wara konsultazzjoni mal-Partijiet, il-Presidenza tista' tqassar il-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 sabiex jitqiesu r-rekwiżiti ta' każ partikolari.

5. Fuq qbil bejn il-Partijiet, il-Kunsill Konġunt jista' jistieden esperti indipendenti f'qasam biex jattendu l-laqgħat tiegħu bħala osservaturi jew sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġetti partikolari. Il-Partijiet għandhom jaqblu fuq bażi ta' każ b'każ dwar it-termini u l-kundizzjonijiet biex dawn l-esperti jattendu l-laqgħat u jiżguraw li dawn jirrispettaw kwalunkwe rekwiżit ta' kunfidenzjalità.

Artikolu 10

Minuti

1. L-abbozz tal-minuti għal kull laqgħa għandu jitħejja miż-żewġ Segretarji b'mod konġunt.

2. Sakemm waqt il-laqgħa ma jkunx hemm qbil mod ieħor, il-minuti għandhom jindikaw fir-rigward ta' kull punt fl-aġenda:

(a) id-dokumentazzjoni ppreżentata lill-Kunsill Konġunt;

(b) id-dikjarazzjonijiet li membru tal-Kunsill Konġunt ikun talab li jiddaħħlu fil-minuti; u

(c) kwistjonijiet li jkun intlaħaq qbil dwarhom bejn il-Partijiet, bħal deċiżjonijiet adottati, id-dikjarazzjonijiet li kien hemm qbil dwarhom u kwalunkwe konklużjoni.

3. L-abbozz tal-minuti għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill Konġunt għall-approvazzjoni. Il-Kunsill Konġunt għandu japprova l-abbozz tal-minuti fil-laqgħa tiegħu li jkun imiss. Alternattivament, l-abbozz tal-minuti jista' jiġi approvat bil-miktub mill-Kunsill Konġunt qabel il-laqgħa li jkun imiss.

Artikolu 11

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kunsill Konġunt għandu jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet wara t-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom.

2. Il-Kunsill Konġunt jista' jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk. Għal dan l-għan, l-abbozz tal-proposta għandu jiġi ċċirkolat bil-miktub mill-Presidenza tal-Kunsill Konġunt lill-membri tiegħu skont l-Artikolu 7, b'limitu ta' żmien ta' mhux anqas minn 21 jum kalendarju, li fih il-membri għandhom jgħarrfu b'kull riżerva jew emenda li jixtiequ jagħmlu. Wara konsultazzjoni mal-Partijiet, il-Presidenza tista' tnaqqas il-limitu ta' żmien imsemmi qabel sabiex jitqiesu r-rekwiżiti ta' każ partikolari.

3. L-atti tal-Kunsill Konġunt għandhom ikunu intitolati "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni", skont il-każ, segwiti bin-numru tas-serje, is-sena tal-adozzjoni tagħhom u deskrizzjoni tas-suġġett. Id-deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Konġunt għandhom ikunu ffirmati mill-Presidenza u jiġu ċċirkolati lid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regoli ta' Proċedura. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Konġunt fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

4. Kull deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha sakemm id-deċiżjoni ma tipprovdix mod ieħor

Artikolu 12

Lingwi

1. Il-lingwi uffiċjali tal-Kunsill Konġunt għandhom ikunu l-Ingliż u l-Ispanjol.

2. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-Kunsill Konġunt għandu jibbaża d-deliberazzjonijiet tiegħu fuq dokumentazzjoni mħejjija f'dawk il-lingwi.

Artikolu 13

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tkopri kull spiża li tagħmel b'riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill Konġunt, kemm fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u l-ispejjeż ta' sussistenza kif ukoll fir-rigward tal-ispejjeż postali u ta' telekomunikazzjoni.

2. In-nefqa marbuta mal-interpretazzjoni fil-laqgħat, it-traduzzjoni u r-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Unjoni Ewropea. F'każ li Kuba tkun teħtieġ interpretazzjoni jew traduzzjoni għal u minn lingwi oħra barra dawk stipulati fl-Artikolu 12, hija għandha tħallas l-ispejjeż relatati.

3. Infiq ieħor relatat mal-organizzazzjoni tal-laqgħat għandu jitħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħat.

Artikolu 14

Kumitat Konġunt

1. Skont l-Artikolu 82 tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt għandu jkun assistit fit-twettiq ta' dmirijietu mill-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet, fil-prinċipju fil-livell ta' uffiċjali anzjani.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jħejji l-laqgħat u d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Konġunt, jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt fejn ikun xieraq u, b'mod ġenerali, jiżgura l-kontinwità tar-relazzjoni u l-funzjonament korrett tal-Ftehim. Huwa għandu jqis kull kwistjoni li tiġi referita lilu mingħand il-Kunsill Konġunt kif ukoll kull kwistjoni oħra li tista' tinqala' matul l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Huwa għandu jippreżenta proposti jew kwalunkwe abbozz ta' deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill Konġunt għall-approvazzjoni tiegħu.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet fejn ikun mogħti s-setgħa li jagħmel dan mill-Ftehim. Skont l-Artikolu 82(4) tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt jista' jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt biex jieħu deċiżjonijiet.

4. F'każijiet fejn il-Ftehim jirreferi għal obbligu ta' konsultazzjoni jew possibbiltà ta' konsultazzjoni jew fejn il-Partijiet jiddeċiedu bi qbil komuni biex jikkonsultaw lil xulxin, dik il-konsultazzjoni tista' ssir fil-Kumitat Konġunt, ħlief meta jkun speċifikat mod ieħor fil-Ftehim. Il-konsultazzjoni tista' tkompli fil-Kunsill Konġunt jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

Artikolu 15

L-emendar tar-Regoli ta' Proċedura

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati b'deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt, skont l-Artikolu 11.

ANNESS 2

Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 82 tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għandu jgħin lill-Kunsill Konġunt fit-twettiq ta' dmirijietu u tal-funzjonijiet tiegħu u jwettaq il-kompiti stipulati f'dan il-Ftehim u assenjati lilu mill-Kunsill Konġunt.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jħejji l-laqgħat u d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Konġunt, jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt fejn ikun meħtieġ u, b'mod ġenerali, jiżgura l-kontinwità tar-relazzjoni u l-funzjonament korrett tal-Ftehim. Huwa għandu jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni li titressaq quddiemu mill-Kunsill Konġunt kif ukoll kull kwistjoni li tista' tinqala' fl-andament tal-implimentazzjoni ta' kuljum tal-Ftehim. Huwa għandu jippreżenta proposti jew kwalunkwe abbozz ta' deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet għall-adozzjoni lill-Kunsill Konġunt.

3. Kif stipulat fl-Artikolu 82(1) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet, fil-livell ta' uffiċjali anzjani, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet speċifiċi li jkunu jridu jiġu indirizzati.

4. Il-Partijiet f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura huma dawk definiti fl-Artikolu 84 tal-Ftehim.

Artikolu 2

Il-Presidenza

Il-Kumitat Konġunt għandu jkun presedut b'mod alternat, minn laqgħa waħda għal dik suċċessiva, minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u minn rappreżentant tar-Repubblika ta' Kuba. L-ewwel Parti li jkollha l-Presidenza għandha tkun ir-Repubblika ta' Kuba.

Artikolu 3

Laqgħat

1. Ħlief fuq qbil mod ieħor mill-Partijiet, il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' b'mod regolari, tal-inqas darba fis-sena. Jistgħu jsiru sessjonijiet speċjali tal-Kumitat Konġunt wara talba ta' waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li dan isir.

2. Kull laqgħa għandha tissejjaħ mill-Presidenza f'data u f'post li dwarhom ikun hemm qbil mill-Partijiet. L-avviż li jsejjaħ il-laqgħa għandu jinħareġ mis-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt sa mhux aktar tard minn 28 jum kalendarju qabel id-data tal-laqgħa, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

3. Kull meta jkun possibbli, il-laqgħa regolari tal-Kumitat Konġunt għandha tissejjaħ fi żmien adatt qabel il-laqgħa regolari tal-Kunsill Konġunt.

4. Eċċezzjonalment u jekk jaqblu l-Partijiet, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt jistgħu jsiru permezz ta' mezzi teknoloġiċi li jintlaħaq qbil dwarhom, bħal vidjokonferenza.

Artikolu 4

Delegazzjonijiet

Qabel kull laqgħa, il-Partijiet għandhom ikunu infurmati, permezz tas-Segretarjat, bil-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet li jkunu se jattendu l-laqgħa fuq iż-żewġ naħat.

Artikolu 5

Is-Segretarjat

Uffiċjal tal-Unjoni Ewropea u uffiċjal tal-Gvern ta' Kuba għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-Kumitat Konġunt u għandhom iwettqu kompiti segretarjali b'mod konġunt sakemm dawn ir-Regoli ta' Proċedura ma jistipulawx mod ieħor, fi spirtu ta' fiduċja reċiproka u ta' kooperazzjoni.

Artikolu 6

Korrispondenza

1. Il-korrispondenza indirizzata lill-Kumitat Konġunt għandha tintbagħat lil wieħed mis-Segretarji, li min-naħa tiegħu għandu jgħarraf lis-Segretarju l-ieħor.

2. Is-Segretarjat għandu jiżgura li l-korrispondenza indirizzata lill-Kumitat Konġunt tingħata lill-Presidenza u tiġi ċċirkolata, fejn ikun xieraq, skont l-Artikolu 7.

3. Il-korrispondenza mill-Presidenza għandha tintbagħat lill-Partijiet mis-Segretarjat f'isem il-Presidenza. Din il-korrispondenza għandha tiġi ċċirkolata, fejn ikun xieraq, skont l-Artikolu 7.

Artikolu 7

Dokumenti

1. Dokumenti għandhom jiġu ċċirkolati permezz tas-Segretarji.

2. Parti għandha tittrażmetti d-dokumenti tagħha lis-Segretarju tagħha. Is-Segretarju għandu jittrażmetti dawk id-dokumenti lis-Segretarju tal-Parti l-oħra mingħajr dewmien żejjed.

3. Kull Segretarju għandu jiċċirkola d-dokumenti lir-rappreżentanti responsabbli tal-Parti tiegħu, u sistematikament jinkludi lis-Segretarju tal-Parti l-oħra billi jgħaddilu kopji.

Artikolu 8

Kunfidenzjalità

Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Partijiet, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi. Meta Parti tippreżenta informazzjoni lill-Kumitat Konġunt li tkun immarkata bħala kunfidenzjali, il-Parti l-oħra għandha tittratta din l-informazzjoni bħala tali.

Artikolu 9

Aġendi għal-laqgħat

1. Aġenda proviżorja għal kull laqgħa kif ukoll abbozz tal-konklużjonijiet operazzjonali kif stipulat fl-Artikolu 10 għandhom jitfasslu mis-Segretarjat fuq il-bażi tal-proposti magħmula mill-Partijiet. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi punti li fir-rigward tagħhom is-Segretarjat ikun irċieva talba għall-inklużjoni fl-aġenda mingħand Parti, liema talba tkun sostnuta minn dokumenti rilevanti, mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju qabel id-data tal-laqgħa.

2. L-aġenda proviżorja, flimkien mad-dokumenti rilevanti, għandha tiġi ċċirkolata skont l-Artikolu 7, mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju qabel id-data tal-laqgħa.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta l-aġenda fil-bidu ta' kull laqgħa. Punti li ma jkunux dawk li jidhru fl-aġenda proviżorja jistgħu jiddaħħlu fl-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

4. Il-Presidenza tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt tista', fuq bażi *ad hoc* u suġġett għall-qbil tal-Parti l-oħra, tistieden esperti indipendenti f'suġġett biex jattendu l-laqgħat tiegħu sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġetti speċifiċi. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li dawk l-osservaturi jew esperti jirrispettaw kull rekwiżit ta' kunfidenzjalità.

5. F'konsultazzjoni mal-Partijiet, il-Presidenza tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt tista' tnaqqas il-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 sabiex jitqiesu ċirkostanzi speċjali.

Artikolu 10

Minuti u konklużjonijiet operazzjonali

1. L-abbozz tal-minuti għal kull laqgħa għandu jitħejja miż-żewġ Segretarji b'mod konġunt.

2. Il-minuti għandhom, bħala regola ġenerali, jindikaw fir-rigward ta' kull punt fl-aġenda:

(a) lista tal-parteċipanti, lista ta' uffiċjali akkumpanjanti u lista ta' kull osservatur jew espert li attendew il-laqgħa;

(b) id-dokumentazzjoni ppreżentata lill-Kumitat Konġunt;

(c) id-dikjarazzjonijiet li l-Kumitat Konġunt ikun talab li jiddaħħlu fil-minuti; u

(d) konklużjonijiet operazzjonali mil-laqgħa.

3. L-abbozz tal-minuti għandu jiġi ppreżentat lill-Kumitat Konġunt għall-approvazzjoni. Il-Kumitat Konġunt għandu japprova l-minuti fil-laqgħa tiegħu li jkun imiss jew, alternattivament, bil-miktub.

4. L-abbozz tal-konklużjonijiet operazzjonali ta' kull laqgħa għandu jitfassal mis-Segretarju tal-Parti li jkollha l-Presidenza u jiġi ċċirkolat lill-Partijiet flimkien mal-aġenda, normalment mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju qabel il-laqgħa. Dak l-abbozz għandu jiġi aġġornat matul il-laqgħa sabiex fi tmiem il-laqgħa, dment li ma jkunx hemm qbil mod ieħor mill-Partijiet, il-Kumitat Konġunt jadotta l-konklużjonijiet operazzjonali, li jkunu jirriflettu l-azzjoni ta' segwitu li tkun trid tittieħed mill-Partijiet. Ladarba jkun hemm qbil dwarhom, il-konklużjonijiet operazzjonali għandhom ikunu mehmuża mal-minuti u l-implimentazzjoni tagħhom għandha tiġi rieżaminata waqt kwalunkwe laqgħa sussegwenti tal-Kumitat Konġunt. Għal dak il-għan il-Kumitat Konġunt għandu jadotta mudell, li jippermetti li kull punt ta' azzjoni jiġi segwit fir-rigward ta' skadenza speċifika.

Artikolu 11

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Fil-każijiet speċifiċi fejn il-Ftehim jagħtih is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet jew fejn dik is-setgħa tkun ġiet iddelegata lilu mill-Kunsill Konġunt, il-Kumitat Konġunt għandu jieħu deċiżjonijiet. Huwa għandu jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill Konġunt. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom isiru bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet u malli jitlestew il-proċeduri interni rispettivi. Kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni għandha tiġi ffirmata mill-Presidenza.

2. Il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk. Il-proċedura bil-miktub għandha tikkonsisti minn skambju ta' noti bejn iż-żewġ Segretarji, li jaġixxu bi ftehim mal-Partijiet. Għal dan il-għan, it-test tal-proposta għandu jiġi ċċirkolat skont l-Artikolu 7, b'limitu ta' żmien ta' mhux anqas minn 21 jum kalendarju, li matulu għandhom jiġu mgħarrfa kull kumment u kull oġġezzjoni. Il-Presidenza tal-Kumitat Konġunt jista', wara konsultazzjoni mal-Partijiet, inaqqas dak il-limitu ta' żmien, biex jitqiesu ċirkostanzi speċjali. Ladarba jintlaħaq qbil dwar it-test, id-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi ffirmata mill-Presidenza.

3. L-atti tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu intitolati "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni", skont il-każ, segwiti b'numru tas-serje, bis-sena tal-adozzjoni tagħhom u b'deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom. Kull deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha sakemm hija ma tipprevedix mod ieħor.

4. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu ċċirkolati lill-Partijiet.

5. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

Artikolu 12

Rapporti

Il-Kumitat Konġunt għandu jagħti rendikont lill-Kunsill Konġunt dwar l-attivitajiet tiegħu u dwar dawk tas-sottokumitati tiegħu f'kull laqgħa regolari tal-Kunsill Konġunt.

Artikolu 13

Lingwi

1. Il-lingwi uffiċjali tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu l-lingwi uffiċjali tal-Kunsill Konġunt.

2. Il-lingwi tal-ħidma tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu l-Ingliż u l-Ispanjol. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-Kumitat Konġunt għandu jibbaża d-deliberazzjonijiet tiegħu fuq dokumentazzjoni mħejjija f'dawk il-lingwi.

Artikolu 14

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tkopri kull spiża li tagħmel b'riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt, kemm fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u l-ispejjeż ta' sussistenza kif ukoll fir-rigward tal-ispejjeż postali u ta' telekomunikazzjoni.

2. L-infiq relatat mal-organizzazzjoni tal-laqgħat, mar-riproduzzjoni ta' dokumenti u mal-interpretazzjoni fil-laqgħat u traduzzjoni ta' dokumenti għal u mill-Ingliż u l-Ispanjol għandhom jitħallsu mill-Parti li tospita l-laqgħa. L-interpretazzjoni u t-traduzzjoni għal jew minn lingwi oħra għandhom jitħallsu direttament mill-Parti li titlobhom.

Artikolu 15

L-emendar tar-Regoli ta' Proċedura

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati b'deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt skont l-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Konġunt.

Artikolu 16

Sottokumitati

1. Skont l-Artikolu 83(1) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li joħloq sottokumitat f'oqsma speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim biex jassistih fit-twettiq ta' dmirijietu. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jtemm kwalunkwe tali sottokumitat, u li jiddefinixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu jew li jemendahom. Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, dawk is-sottokumitati għandhom jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat Konġunt, li lilu għandhom jagħtu rendikont wara kull waħda mil-laqgħat tagħhom.

2. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-Ftehim jew ma jkunx hemm qbil mod ieħor fil-Kunsill Konġunt, dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kwalunkwe sottokumitat stabbilit mill-Ftehim jew taħt il-paragrafu 1.

3. Il-laqgħat tas-sottokumitati jistgħu jsiru skont, u meta jkun hemm, il-bżonn personalment, fi Brussell jew f'Kuba, jew, pereżempju, b'vidjokonferenza. Is-sottokumitati għandhom ikunu l-pjattaforma għall-monitoraġġ tal-progress dwar l-approssimazzjoni f'oqsma speċifiċi, għad-diskussjoni ta' ċerti kwistjonijiet u sfidi li jirriżultaw minn dak il-proċess u għall-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet u konklużjonijiet operazzjonali.

4. Is-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt għandu jirċievi kopji tal-korrispondenza, dokumenti u komunikazzjonijiet rilevanti kollha li jikkonċernaw ix-xogħol ta' sottokumitat.

5. Sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor mill-Partijiet fil-Kunsill Konġunt, is-sottokumitati għandu jkollhom biss is-setgħa li jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2435

tat-18 ta' Diċembru 2017

li taħtar membru, propost minn Malta, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern ta' Malta,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 [1], (UE) 2015/190 [2] u (UE) 2015/994 [3] li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fil-11 ta' Lulju 2017, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1337 [4], is-Sur Marc SANT ġie sostitwit mis-Sur Mario FAVA bħala membru.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan ġie propost is-Sur Mario Fava *(Councillor, Swieqi, Local Council)*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sur Mario FAVA, *Councillor, Fgura, Local Council* (bidla tal-mandat).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

K. SIMSON

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

[3] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

[4] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1337 tal-11 ta' Lulju 2017 li taħtar membru u membru supplenti, proposti minn Malta, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 185, 18.7.2017, p. 48).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2017/2436

tat-18 ta' Diċembru 2017

li taħtar membru, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Settembru 2015 u fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE, Euratom) 2015/1600 [1] u (UE, Euratom) 2015/1790 [2] li jaħtru l-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Giancarlo DURANTE, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Giovanni SABATINI, *Direttore Generale dell'ABI (Associazione Bancaria Italiana)*, huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2020.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

K. SIMSON

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/1600 tat-18 ta' Settembru 2015 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020 (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 53).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/1790 tal-1 ta' Ottubru 2015 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020 (ĠU L 260, 7.10.2015, p. 23).

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2437

tat-18 ta' Diċembru 2017

dwar it-tiġdid tal-mandat tal-President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 56(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 daħal fis-seħħ fid-19 ta' Awwissu 2014.

(2) Fid-19 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/943/UE ([2]), f'konformità mal-Artikolu 56(6) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, li taħtar l-ewwel President, il-Viċi President u erba' membri oħra full-time tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

(3) Skont l-Artikolu 56(7) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-mandat tal-ewwel President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni maħtur wara d-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament huwa ta' tliet snin, li jista' jiġġedded darba għal perijodu ta' ħames snin.

(4) Fid-29 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew proposta għat-tiġdid tal-mandat tas-Sinjura Elke KÖNIG, l-ewwel President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, għal perijodu ta' ħames snin mit-23 ta' Diċembru 2017. Il-Parlament Ewropew approva din il-proposta fit-12 ta' Diċembru 2017,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sinjura Elke KÖNIG, President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, huwa b'dan imġedded għal perijodu ta' ħames snin mit-23 ta' Diċembru 2017.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

K. SIMSON

([1]) ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.

([2]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/943/UE tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar il-ħatra tal-President, il-Viċi President u l-membri l-oħra full-time tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 97).

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2017/2438

tad-19 ta' Diċembru 2017

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM GEORGIA/1/2017)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia ([1]), EUMM Georgia, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni 2010/452/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita kontroll politiku u direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia), inkluż id-deċiżjoni li jaħtar Kap tal-Missjoni.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2238 ([2]) estendiet il-mandat tal-EUMM Georgia sal-14 ta' Diċembru 2018.

(3) Fil-15 ta' Diċembru 2017, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet il-ħatra tas-Sur Erik HØEG bħala Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2017 sal-14 ta' Diċembru 2018,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Erik HØEG huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia għall-perijodu mill-15 ta' Diċembru 2017 sal-14 ta' Diċembru 2018.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-15 ta' Diċembru 2017.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

([1]) ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2238 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georġja, EUMM Georgia (ĠU L 337, 13.12.2016, p. 15).

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2017/2439

tad-19 ta' Diċembru 2017

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (EUTM RCA/4/2017)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/610, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUTM RCA, inklużi d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandanti sussegwenti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.

(2) Fis-26 ta' Ġunju 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1177 ([2]) biex ħatar lill-Brigadier Ġeneral Fernando GARCÍA BLÁZQUEZ bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM RCA.

(3) Fl-20 ta' Novembru 2017, il-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea rrakkomanda li tiġi approvata n-nomina tal-Brigadier Ġeneral Hermínio TEODORO MAIO biex biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Fernando GARCÍA BLÁZQUEZ bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM RCA mill-11 ta' Jannar 2018.

(4) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Hermínio TEODORO MAIO huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) mill-11 ta' Jannar 2018.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

([1]) ĠU L 104, 20.4.2016, p. 21.

([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/1177 tas-26 ta' Ġunju 2017 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (EUTM RCA/2/2017) (ĠU L 170, 1.7.2017, p. 96).

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2440

tat-18 ta' Diċembru 2017

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/190/UE rigward it-tqassim annwali tar-riżorsi mill-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ skont l-Istat Membru flimkien mal-lista ta' reġjuni eliġibbli

(notifikata bid-dokument C(2017) 8300)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 91(2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/190/UE ([2]) tistipula, *inter alia*, it-tqassim annwali skont l-Istat Membru tar-riżorsi mill-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI, Youth Employment Initiative), flimkien mal-lista ta' reġjuni eliġibbli għall-YEI skont l-Artikolu 91(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

(2) Bir-Regolament (UE) 2017/2305 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 l-allokazzjoni speċifika għall-YEI żdiedet.

(3) Ir-reġjuni eliġibbli għall-YEI għall-perjodu 2017-2020 huma ddeterminati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) billi ssir referenza, madankollu, għall-aħħar dejta annwali disponibbli dwar il-qgħad fost iż-żgħażagħ. Skont l-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, in-nefqa taħt il-YEI hija eliġibbli sal-31 ta' Diċembru 2023, kemm għar-reġjuni li huma diġà elenkati fl-Anness IV tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/190/UE u kif ukoll għar-reġjuni eliġibbli għall-YEI għall-perjodu 2017-2020. Il-lista eżistenti għandha għalhekk tkompli tkun applikabbli. Għal raġunijiet ta' ċarezza u trasparenza, l-Anness IV tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/190/UE jenħtieġ għalhekk li jinkludi ż-żewġ listi u li jiġi emendat skont dan.

(4) Skont l-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, it-tqassim minn kull Stat Membru tar-riżorsi addizzjonali għandu jsegwi l-istess passi li japplikaw għall-allokazzjoni inizjali. It-tqassim annwali tal-allokazzjoni speċifika għall-YEI kif stabbilit fil-prezzijiet tal-2011 fl-Anness III għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/190/UE jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan.

(5) Sabiex l-Istati Membri jitħallew jippjanaw minn qabel, it-tqassim annwali jenħtieġ li jingħata wkoll fi prezzijiet attwali sabiex jirrifletti l-indiċjar ta' 2 % kull sena, f'konformità mal-Artikolu 91(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Għaldaqstant, l-Anness X tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/190/UE jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(6) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/190/UE jenħtieġ li tiġi emendata,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/190/UE tal-Kummissjoni tat-3 ta' April 2014 li tistabbilixxi t-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi globali għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni fil-qafas tal-Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, it-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi mill-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, flimkien mal-lista ta' reġjuni eliġibbli u l-ammonti li għandhom jiġu ttrasferiti mill-allokazzjonijiet tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-Fondi Strutturali ta' kull Stat Membru għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u għall-għajnuna maħsuba għall-persuni l-aktar fil-bżonn, għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 104, 8.4.2014, p. 13).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2017/2305 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' tibdil fir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u fir-riżorsi għall-Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi u għall-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 335, 15.12.2017, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/190/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Annessi III u IV jinbidlu bit-test stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(2) L-Anness X jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni
Corina CREȚU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS III

INIZJATTIVA FAVUR L-IMPJIEG TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ — TQASSIM ANNWALI TAL-ALLOKAZZJONI SPEĊIFIKA

EUR, prezzijiet tal-2011

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Totali
BE	22 464 896	17 179 038	—	7 569 546	3 463 191	3 395 285	3 328 711	57 400 667
BG	29 216 622	22 342 123	—	—	—	—	—	51 558 745
CZ	—	12 564 283	—	—	—	—	—	12 564 283
DK	—	—	—	—	—	—	—	—
DE	—	—	—	—	—	—	—	—
EE	—	—	—	—	—	—	—	—
IE	36 075 815	27 587 388	—	—	—	—	—	63 663 203
EL	90 800 184	69 435 434	—	29 193 451	13 356 481	13 094 589	12 837 832	228 717 971
ES	499 481 827	381 956 689	—	154 715 855	70 785 031	69 397 090	68 036 362	1 244 372 854
FR	164 197 762	125 562 994	—	59 683 863	27 306 342	26 770 924	26 246 004	429 767 889
HR	35 033 821	26 790 569	—	12 993 208	5 944 604	5 828 044	5 713 768	92 304 014
IT	300 437 373	229 746 226	—	126 913 692	58 065 088	56 926 557	55 810 350	827 899 286
CY	6 126 207	4 684 747	—	2 428 857	1 111 242	1 089 453	1 068 091	16 508 597
LV	15 358 075	11 744 410	—	—	—	—	—	27 102 485

EUR, prezzijiet tal-2011

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Totali
LT	16 825 553	12 866 600	—	—	—	—	—	29 692 153
LU	—	—	—	—	—	—	—	—
HU	26 345 509	20 146 566	—	—	—	—	—	46 492 075
MT	—	—	—	—	—	—	—	—
NL	—	—	—	—	—	—	—	—
AT	—	—	—	—	—	—	—	—
PL	133 639 212	102 194 692	—	6 060 353	2 772 711	2 718 344	2 665 043	250 050 355
PT	85 111 913	65 085 581	—	23 156 678	10 594 559	10 386 822	10 183 159	204 518 712
RO	56 112 815	42 909 800	—	16 695 447	7 638 440	7 488 666	7 341 830	138 186 998
SI	4 876 537	3 729 117	—	—	—	—	—	8 605 654
SK	38 209 190	29 218 793	—	4 574 741	2 093 019	2 051 979	2 011 745	78 159 467
FI	—	—	—	—	—	—	—	—
SE	23 379 703	17 878 597	—	—	—	—	—	41 258 300
UK	24 516 103	166 367 414	—	—	—	—	—	190 883 517
UE 28	**1 608 209 117**	**1 389 991 061**	—	**443 985 691**	**203 130 708**	**199 147 753**	**195 242 895**	**4 039 707 225**

ANNESS IV

INIZJATTIVA FAVUR L-IMPJIEG TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ - LISTA TA' REĠJUNI ELIĠIBBLI

LISTA TA' REĠJUNI ELIĠIBBLI BBAŻATA FUQ DEJTA TAL-2012 DWAR IL-QGĦAD TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

BE10 Région de Bruxelles-Capitale/Brussels Hoofdstedelijk Gewest

BE32 Prov. Hainaut

BE33 Prov. Liège

BG31 Severozapaden

BG32 Severen tsentralen

BG33 Severoiztochen

BG34 Yugoiztochen

BG42 Yuzhen tsentralen

CZ04 Severozápad

IE01 Border, Midland and Western

IE02 Southern and Eastern

EL11 Anatoliki Makedonia, Thraki

EL12 Kentriki Makedonia

EL13 Dytiki Makedonia

EL14 Thessalia

EL21 Ipeiros

EL23 Dytiki Ellada

EL24 Sterea Ellada

EL25 Peloponnisos

EL30 Attiki

EL41 Voreio Aigaio

EL42 Notio Aigaio

EL43 Kriti

ES11 Galicia

ES12 Principado de Asturias

ES13 Cantabria

ES21 País Vasco

ES22 Comunidad Foral de Navarra

ES23 La Rioja

ES24 Aragón

ES30 Comunidad de Madrid

ES41 Castilla y León

ES42 Castilla -La Mancha

ES43 Extremadura

ES51 Cataluña

ES52 Comunidad Valenciana

ES53 Illes Balears

ES61 Andalucía

ES62 Región de Murcia

ES63 Ciudad Autónoma de Ceuta

ES64 Ciudad Autónoma de Melilla

ES70 Canarias

FR61 Aquitaine

FR21 Champagne-Ardenne

FR22 Picardie

FR23 Haute-Normandie

FR24 Centre

FR30 Nord — Pas-de-Calais

FR72 Auvergne

FR81 Languedoc-Roussillon

FR91 Guadeloupe

FR92 Martinique

FR93 Guyane

FR94 Réunion

FR — Mayotte

HR03 Jadranska Hrvatska

HR04 Kontinentalna Hrvatska

ITC1 Piemonte

ITC2 Valle d'Aosta/Vallée d'Aoste

ITC3 Liguria

ITC4 Lombardia

ITF1 Abruzzo

ITF2 Molise

ITF3 Campania

ITF4 Puglia

ITF5 Basilicata

ITF6 Calabria

ITG1 Sicilia

ITG2 Sardegna

ITH5 Emilia-Romagna

ITH4 Friuli-Venezia Giulia

ITI1 Toscana

ITI2 Umbria

ITI3 Marche

ITI4 Lazio

CY00 Kýpros

LV00 Latvija

LT00 Lietuva

HU23 Dél-Dunántúl

HU31 Észak-Magyarország

HU32 Észak-Alföld

HU33 Dél-Alföld

PL11 Łódzkie

PL21 Małopolskie

PL31 Lubelskie

PL32 Podkarpackie

PL33 Świętokrzyskie

PL42 Zachodniopomorskie

PL43 Lubuskie

PL51 Dolnośląskie

PL61 Kujawsko-Pomorskie

PL62 Warmińsko-Mazurskie

PT11 Norte

PT15 Algarve

PT16 Centro (PT)

PT17 Lisboa

PT18 Alentejo

PT20 Região Autónoma dos Açores

PT30 Região Autónoma da Madeira

RO12 Centru

RO22 Sud-Est

RO31 Sud - Muntenia

SI01 Vzhodna Slovenija

SK02 Západné Slovensko

SK03 Stredné Slovensko

SK04 Východné Slovensko

SE22 Sydsverige

SE31 Norra Mellansverige

SE32 Mellersta Norrland

UKC1 Tees Valley and Durham

UKD7 Merseyside

UKG3 West Midlands

UKI1 Inner London

UKM3 South Western Scotland

LISTA TA' REĠJUNI ELIĠIBBLI BBAŻATA FUQ DEJTA TAL-2016 DWAR IL-QGĦAD TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

BE10 — Région de Bruxelles-Capitale/Brussels Hoofdstedelijk Gewest

BE32 — Prov. Hainaut

BE34 — Prov. Lussemburgu (BE)

BE35 — Prov. Namur

EL51 — Anatoliki Makedonia, Thraki

EL52 — Kentriki Makedonia

EL53 — Dytiki Makedonia

EL54 — Ipeiros

EL61 — Thessalia

EL62 — Ionia Nisia

EL63 — Dytiki Ellada

EL64 — Sterea Ellada

EL65 — Peloponnisos

EL30 — Attiki

EL41 — Voreio Aigaio

EL42 — Notio Aigaio

EL43 — Kriti

ES11 — Galicia

ES12 — Principado de Asturias

ES13 — Cantabria

ES21 — País Vasco

ES22 — Comunidad Foral de Navarra

ES23 — La Rioja

ES24 — Aragón

ES30 — Comunidad de Madrid

ES41 — Castilla y León

ES42 — Castilla-la Mancha

ES43 — Extremadura

ES51 — Cataluña

ES52 — Comunidad Valenciana

ES53 — Illes Balears

ES61 — Andalucía

ES62 — Región de Murcia

ES63 — Ciudad Autónoma de Ceuta (ES)

ES64 — Ciudad Autónoma de Melilla (ES)

ES70 — Canarias (ES)

FR21 — Champagne-Ardenne

FR22 — Picardie

FR23 — Haute-Normandie

FR24 — Centre (FR)

FR26 — Bourgogne

FR30 — Nord - Pas-de-Calais

FR42 — Alsace

FR81 — Languedoc-Roussillon

FRA1 — Guadeloupe

FRA2 — Martinique

FRA3 — Guyane

FRA4 — La Réunion

FRA5 — Mayotte

HR03 — Jadranska Hrvatska

HR04 — Kontinentalna Hrvatska

ITC1 — Piemonte

ITC2 — Valle d'Aosta/Vallée d'Aoste

ITC3 — Liguria

ITC4 — Lombardia

ITF1 — Abruzzo

ITF2 — Molise

ITF3 — Campania

ITF4 — Puglia

ITF5 — Basilicata

ITF6 — Calabria

ITG1 — Sicilia

ITG2 — Sardegna

ITH4 — Friuli-Venezia Giulia

ITI1 — Toscana

ITI2 — Umbria

ITI3 — Marche

ITI4 — Lazio

CY00 — Kypros

PL32 — Podkarpackie

PT11 — Norte

PT16 — Centro (PT)

PT17 — Área Metropolitana de Lisboa

PT18 — Alentejo

PT20 — Região Autónoma dos Açores (PT)

PT30 — Região Autónoma da Madeira (PT)

RO22 — Sud-Est

RO31 — Sud — Muntenia

RO41 — Sud-Vest Oltenia

SK04 — Východné Slovensko"

ANNESS II

"ANNESS X

INIZJATTIVA FAVUR L-IMPJIEG TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ — ALLOKAZZJONI SPEĊIFIKA

EUR, prezzijiet attwali

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Totali
BE	23 839 927	18 595 143	—	8 524 538	3 978 118	3 978 118	3 978 118	62 893 962
BG	31 004 913	24 183 832	—	—	—	—	—	55 188 745
CZ	—	13 599 984	—	—	—	—	—	13 599 984
DK	—	—	—	—	—	—	—	—
DE	—	—	—	—	—	—	—	—
EE	—	—	—	—	—	—	—	—
IE	38 283 943	29 861 476	—	—	—	—	—	68 145 419
EL	96 357 882	75 159 147	—	32 876 567	15 342 398	15 342 398	15 342 398	250 420 790
ES	530 054 111	413 442 204	—	174 235 182	81 309 751	81 309 751	81 309 751	1 361 660 750
FR	174 247 979	135 913 423	—	67 213 724	31 366 404	31 366 404	31 366 404	471 474 338
HR	37 178 171	28 998 973	—	14 632 462	6 828 482	6 828 482	6 828 482	101 295 052
IT	318 826 544	248 684 704	—	142 925 430	66 698 534	66 698 534	66 698 534	910 532 280
CY	6 501 180	5 070 921	—	2 735 288	1 276 468	1 276 468	1 276 468	18 136 793
LV	16 298 112	12 712 527	—	—	—	—	—	29 010 639
LT	17 855 411	13 927 222	—	—	—	—	—	31 782 633
LU	—	—	—	—	—	—	—	—
HU	27 958 065	21 807 291	—	—	—	—	—	49 765 356
MT	—	—	—	—	—	—	—	—
NL	—	—	—	—	—	—	—	—

EUR, prezzijiet attwali

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Totali
AT	—	—	—	—	—	—	—	—
PL	141 819 001	110 618 821	—	6 824 942	3 184 973	3 184 973	3 184 973	268 817 683
PT	90 321 443	70 450 726	—	26 078 181	12 169 818	12 169 818	12 169 818	223 359 804
RO	59 547 368	46 446 947	—	18 801 785	8 774 166	8 774 166	8 774 166	151 118 598
SI	5 175 020	4 036 516	—	—	—	—	—	9 211 536
SK	40 547 898	31 627 361	—	5 151 901	2 404 221	2 404 221	2 404 221	84 539 823
FI	—	—	—	—	—	—	—	—
SE	24 810 728	19 352 368	—	—	—	—	—	44 163 096
UK	26 016 685	180 081 439	—	—	—	—	—	206 098 124
UE 28	**1 706 644 381**	**1 504 571 025**	—	**500 000 000**	**233 333 333**	**233 333 333**	**233 333 333**	**4 411 215 405”**

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2441

tal-21 ta' Diċembru 2017

dwar l-ekwivalenza tal-qafas legali u superviżorju applikabbli għall-boroż fl-Iżvizzera f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(4)(a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jirrikjedi lid-ditti ta' investiment biex jiżguraw li n-negozjar li jwettqu f'ishma ammessi għan-negozjar fi swieq regolati, jew innegozjati f'ċentri tan-negozjar għandhom isiru fi swieq regolati, faċilitajiet ta' kummerċ multilaterali (MTFs — multilateral trading facilities) jew f'internalizzaturi sistematiċi, jew f'ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi vvalutati mill-Kummissjoni bħala ekwivalenti f'konformità mal-Artikolu 25(4)(a) tad-Direttiva 2014/65/UE.

(2) L-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 japplika obbligu tan-negozjar fir-rigward ta' ishma biss. Dan l-obbligu tan-negozjar ma jikkompromettix strumenti oħra ta' ekwità, bħal irċevuti tad-depożiti, ETFs, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra.

(3) Il-proċedura ta' ekwivalenza għal ċentri tan-negozjar stabbiliti f'pajjiżi terzi, stabbiliti fl-Artikolu 25(4)(a) tad-Direttiva 2014/65/UE għandha l-għan li tippermetti lid-ditti ta' investiment biex iwettqu negozjar f'ishma li huma soġġetti għall-obbligu ta' negozjar fl-Unjoni, fuq ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti bħala ekwivalenti. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgurax li ċentru tan-negozjar awtorizzat f'dak il-pajjiż terz huwiex konformi mar-rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), mit-Titolu III tad-Direttiva 2014/65/UE, mit-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u mid-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz. Dan għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-għanijiet imfittxija minn dak il-att, b'mod partikolari għall-kontribuzzjoni tiegħu għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investitur u fl-aħħar nett imma mhux inqas importanti, l-istabbiltà finanzjarja.

(4) F'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 25(4)(a) tad-Direttiva 2014/65/UE, qafas ġuridiku u superviżorju ta' pajjiż terz jista' jitqies bħala ekwivalenti fejn dak il-qafas jissodisfa tal-anqas il-kundizzjonijiet li (a) is-swieq huma soġġetti għal awtorizzazzjoni u għal superviżjoni u infurzar effettivi fuq bażi kontinwa (b) is-swieq ikollhom regoli ċari u trasparenti fir-rigward tal-ammissjoni ta' titoli għan-negozjar sabiex dawn it-titoli jkunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod ġust, effiċjenti u b'ordni, u jkunu negozjabbli liberament, (c) l-emittenti ta' titoli għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' informazzjoni perjodika u kontinwa sabiex tiġi żgurata livell għoli ta' protezzjoni għall-investitur, u (d) it-trasparenza u l-integrità tas-suq jiġu żgurati permezz tal-prevenzjoni ta' abbuż tas-suq fil-forma ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).
([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).
([4]) Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

(5) L-għan ta' din il-valutazzjoni ta' ekwivalenza huwa li jiġi evalwat *inter alia* jekk rekwiżiti li huma legalment vinkolanti li huma applikabbli fl-Iżvizzera għall-boroż nazzjonali stabbiliti u li huma reġistrati ma' u taħt is-superviżjoni tal-Awtorità Superviżorja tas-Suq Finanzjarju Żvizzeru ("FINMA") humiex ekwivalenti għar-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 596/2014, mit-Titolu III tad-Direttiva2014/65/UE, mit-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u mid-Direttiva 2004/109/KE, li huma soġġetti għas-superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.

(6) Fir-rigward tal-kundizzjonijiet li l-boroż huma soġġetti għal awtorizzazzjoni u għal superviżjoni u infurzar effettivi fuq bażi kontinwa, l-Artikolu 26(b) tal-Att Federali dwar l-Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji u l-Kondotta tas-Swieq fin-Negozjar tat-Titoli u d-Derivattivi (l-Att dwar l-Infrastruttura tas-Suq Finanzjarju Żvizzeru ("FMIA") jiddefinixxi borża bħala istituzzjoni għan-negozjar ta' titoli multilaterali fejn huma elenkati t-titoli, li l-għan tagħha huwa l-kambju simultanju ta' offerti bejn diversi parteċipanti u l-konklużjoni ta' kuntratti bbażati fuq regoli mhux diskrezzjonali. Borża ma jkollhiex id-diskrezzjoni dwar kif teżegwixxi n-negozjar u mhijiex permessa tagħmel negozjar f'isimha jew twettaq negozjar matched principle. Barra minn hekk, borża għandha tipprovdi lill-parteċipanti b'aċċess imparzjali u mhux diskriminatorju għas-swieq u s-servizzi tagħha. B'dan il-għan, borża għandha jkollha regoli stabbiliti li jippreskrivu l-mezzi li bihom negozjant tat-titoli jew partijiet oħra taħt superviżjoni mill-FINMA, kif ukoll parteċipanti barranin awtorizzati mill-FINMA jistgħu japplikaw biex isiru parteċipanti. B'konformità mal-Artikolu 27(4) tal-FMIA, flimkien mal-Artikolu 25(1) tad-Digriet dwar Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji u l-Kondotta tas-Swieq fin-Negozjar tat-Titoli u d-Derivattivi (l-Ordinanza dwar l-Infrastruttura tas-Suq Finanzjarju ("FMIO"), il-FINMA tivvaluta u tapprova regolamenti u l-emendi tagħhom dwar id-dħul, id-dmirijiet u l-esklużjoni ta' parteċipanti f'borża. Borża għandha tiċħad l-isħubija għal kull parteċipant li mhuwiex awtorizzat mill-FINMA u tista' tiċħad l-isħubija għal kwalunkwe parteċipant li huwa suġġett għal skwalifika statutorja.

(7) L-erba' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25(4)(a) fis-subparagrafu 4 tad-Direttiva 2014/65/UE għandhom jiġu ssodisfati biex jiddeterminaw li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiż terz fir-rigward taċ-ċentri tan-negozjar awtorizzati hemmhekk huma ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 2014/65/UE.

(8) Skont l-ewwel kundizzjoni, ċentri tan-negozjar f'pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni u l-infurzar effettivi fuq bażi kontinwa.

(9) Borża għandha tkun irreġistrata mill-FINRA qabel ma tista' tibda l-operat tagħha. B'konformità għall-Artikoli 4 u 5 tal-FMIA, il-FINMA tagħti awtorizzazzjoni jekk issib li l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti applikabbli fil-konfront tar-rikorrenti huwa ssodisfati. Ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni huma stabbiliti fil-FMIA u fl-ordinanzi assoċjati, li għandhom is-saħħa tal-liġi. Il-FMIA tirrikjedi li skambju jkollu stabbiliti arranġamenti biex tindirizza t-tipi kollha ta' kondotta u attività li applikant jixtieq iwettaq. Skont l-Artikolu 27(1) tal-FMIA, taħt is-superviżjoni tal-FMIA, skambju għandu jistabbilixxi l-organizzazzjoni regolatorja u superviżorja tagħha stess, li hija xierqa għall-attività li twettaq. Bl-approvazzjoni tal-FINRA, l-awtoregolamentazzjoni tal-iskambju ssir regolament vinkolanti u infurzabbli. Skont l-Artikolu 27 tal-FMIA, flimkien mal-Artikolu 24(1) tal-FMIO, organizzazzjoni regolatorja u superviżorja xierqa tirrikjedi s-stabbiliment ta' korp li jissodisfa l-kompiti regolatorji, korp superviżorju għan-negozjar, korp responsabbli għall-ammissjoni ta' titoli għan-negozjar u korp ta' appell. Dawn il-korpi għandhom ikunu indipendenti mill-ġestjoni kummerċjali tal-borża mill-aspett organizzattiv kif ukoll fir-rigward tal-persunal. Bħala parti mill-organizzazzjoni awtoregolatorja u superviżorja, il-korp responsabbli rispettiv għandu jimmonitorja u jinforza l-konformità mar-regoli u r-regolamenti tal-borża mill-parteċipanti tal-borża.

(10) Barra minn hekk, l-Artikolu 18 tal-FMIA jirrikjedi lill-boroż biex jagħtu aċċess miftuħ u mhux diskriminatorju lil parteċipanti u lil ġeneraturi tas-swieq. FINMA tiżgura li r-regoli tal-kambju jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit kemm waqt il-proċess ta' awtorizzazzjoni kif ukoll fuq bażi kontinwa (ara t-taqsimiet 3 sa 5 tal-Ġabra tar-Regoli SSX flimkien mad-Direttiva 1 tal-SSX u t-taqsimiet 3-5 tal-Ġabra tar-Regoli Żvizzeri BX). Iċ-ċaħda mill-aċċess hija permessa biss fuq bażijiet ta' sikurezza u effiċjenza u soġġett għal test strinġenti ta' proporzjonalità (l-Artikolu 18 tal-FMIA, 17 tal-FMIO). Applikanti li ġew miċħuda aċċess jistgħu jressqu appell kontra deċiżjoni ma' bord ta' appell independenti (it-taqsima 8 tal-Ġabra tar-Regoli SSX u t-Taqsima 15 tal-Ġabra tar-Regoli Żvizzeri BX). Konformità tal-iskambji mal-Artikolu 18 tal-FMIA u l-Artikolu 17 tal-FMIO hija soġġetta għas-superviżjoni ta' FINMA. L-adozzjoni tar-regoli u emendi tagħhom jirrikjedu l-approvazzjoni ex ante ta' FINMA, l-implimentazzjoni tagħhom tista' tiġi skrutinizzata mill-persunal, awditi, talbiet għal informazzjoni, jew azzjoni ta' rimedju tal-FINMA skont l-Artikoli 24 ff tal-Att Federali dwar l-Awtorità Superviżorja tas-Swieq Finanzjarji Żvizzeri ("l-Att ta' Superviżjoni dwar is-Swieq Finanzjarji", "FINMASA").

(11) Fir-rigward tas-supervijoni effettiva, il-FINMASA, l-Att Federali dwar Boroż u Negozjar ta' Titoli ("L-Att dwar il-Boroż", "SESTA") u l-FMIA jikkostitwixxu s-sorsijiet prinċipali tal-leġiżlazzjoni primarja li tistabbilixxi reġim

ġuridikament vinkolanti għan-negozjar ta' titoli fl-Iżvizzera. IL-FINMASA, is-SESTA u l-FMIA jagħtu s-setgħa lill-FINMA b'awtorità wiesgħa dwar l-aspetti kollha tal-industrija tat-titoli, inkluż is-setgħa li jawtorizzaw u jissorveljaw in-negozjanti tat-titoli, il-kontropartijiet ċentrali, id-depożitorji ċentrali tat-titoli, ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet u sistemi ta' ħlas. Il-FMIA u l-FMIO jidentifikaw u jipprojbixxu wkoll ċerti tipi ta' kondotta fis-swieq u jipprovdu lill-FINMA b'setgħat dixxiplinarji fuq entitajiet regolati u persuni assoċjati magħhom. L-Artikolu 29 tal-FINMASA tagħti aċċess komprensiv lill-FINMA għall-informazzjoni rilevanti kollha ta' kwalunkwe persuna jew entità sorveljata, id-ditti tal-awditjar tagħhom u l-awdituri. Taħt il-qafas Żvizzeru, il-boroż huma primarjament responsabbli għat-twaqqif ta' regoli li skonthom il-parteċipanti iwettqu kummerċ u għall-monitoraġġ tal-modi kif il-parteċipanti tagħhom iwettqu l-kummerċ. Il-FINMA tissorvelja r-regolamenti tal-boroż b'mod dirett biex tiżgura li huma konformi mal-qafas legali. Ir-regolamenti kollha u kwalunkwe bidla li ssirilhom għandhom jintbagħtu lill-FINMA għall-approvazzjoni (l-Artikolu 27(4) tal-FMIA). Investigazzjonijiet mill-FINMA jiskattaw minn rapporti ta' ksur potenzjali tal-liġi rrappurtati lill-FINMA mill-boroż jew abbażi tas-suspetti tagħha stess.

(12) Ladarba tiġi awtorizzata borża, il-FINMA tissorvelja fuq bażi kontinwa jekk din tkomplix tikkonforma mal-kundizzjonijiet u l-obbligi assoċjati mal-awtorizzazzjoni (l-Artikolu 83 tal-FMIA). Borża hija legalment obbligata li tinnotifika lill-FINMA dwar kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanza li fuqha kienet oriġinarjament issejset l-awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni tagħha. Jekk il-bidliet ikunu sostanzjali, l-infrastruttura tas-suq finanzjarju għandha takkwista awtorizzazzjoni jew approvazzjoni minn qabel mingħand il-FINMA biex tkompli bl-attivitajiet tagħha (l-Artikolu 7 tal-FMIA). Rekwiżiti ewlenin huma l-konformità mar-rekwiżiti organizzattivi; l-eżistenza u l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern; l-adegwatezzaa tas-sistemi tal-IT; U l-kondotta kummerċjali adegwata. Is-superviżjoni tal-FINMA testendi lill-korpi kollha tal-borża, inkluż lill-funzjonijiet ta' sorveljanza u sanzjonar tagħha fin-negozjar. Skont l-Artikoli 24, 24a tal-FINMASA, il-FINMA tista' twettaq awditi direttament jew indirettament permezz ta' kumpaniji ta' awditjar liċenzjati, kemm fuq il-post kif ukoll mhux fuq il-post. L-Artikoli 27, 30 u 34 tal-FMIA jirrikjedu wkoll li l-boroż awtorizzati kollha jkunu jistgħu jinfurzaw l-konformità mill-emittenti tagħhom, mill-parteċipanti u mill-persuni assoċjati mal-parteċipanti tagħhom mad-dispożizzjonijiet tal-FMIA u l-FMIO, mal-atti u r-regolamenti assoċjati u mar-regoli u r-regolamenti tagħhom stess. Bħala parti mill-obbligu tagħha li tinforza l-konformità mill-membri tagħha, il-borża hija responsabbli għall-investigazzjoni u d-dixxiplinar ta' kwalunkwe ksur tal-liġijiet u r-regoli applikabbli.

(13) Fir-rigward tal-infurzar effettiv, il-FINMA għandha firxa ta' mekkaniżmi amministrattivi għall-infurzar tas-setgħat u l-awtorità tagħha. Fejn jiġu identifikati ksur fil-liġijiet jew irregularitajiet, il-FINMA tieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa li jistgħu jinvolvu proċedimenti ta' infurzar amministrattivi. B'kunsiderazzjoni xierqa lejn il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-FINMA timponi l-miżuri li hija tqis bħala l-iktar xierqa biex tiżgura l-konformità mal-liġi. Il-miżuri disponibbli jinkludu twissijiet, istruzzjonijiet speċifiċi biex tiġi restawrata l-konformità mal-liġi, projbizzjonijiet fuq individwi li jipprattikaw il-professjoni tagħhom, projbizzjonijiet fuq negozjanti li jagħmlu negozju u r-revoka ta' liċenzji. Il-FINMA tista' wkoll tikkonfiska profitti ġġenerati b'mod illegali jew it-telf evitat illegalment u tista' tordna l-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni finali u vinkolanti. Sabiex terġa' tistabbilixxi l-konformità ta' borża b'dispożizzjonijiet li japplikaw, il-FINMA tista' tuża s-setgħat amministrattivi tagħha għat-tneħħija tal-membri tal-bord jew persunal li l-imġiba kummerċjali impekkabbli tagħhom hija waħda dubjuża. Il-mekkaniżmi amministrattivi tal-FINMA stess huma sostnuti minn sanzjonijiet kriminali fir-rigward tal-offiżi deskritti fil-Kapitolu 4 tal-FINMASA. Proviżjonijiet għal sanzjonijiet kriminali huma inklużi wkoll fl-Artikolu 147 ff. tal-FMIA u l-Artikoli 42a u 43 tas-SESTA. Il-FINMA tgħaddi dawn il-każijiet lill-awtoritajiet kompetenti tal-prosekuzzjoni. Il-FINMA u l-awtorità tal-prosekuzzjoni kompetenti jikkoordinaw l-investigazzjonijiet tagħhom, skont kemm dan huwa prattikabbli u meħtieġ. B'mod ġenerali, id-Dipartiment Federali tas-Servizzi Legali Finanzjarji jħarrek u jiġġudika ksur tad-dispożizzjonijiet kriminali tal-FINMASA u tal-atti tas-swieq finanzjarji. Madankollu, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali Federali huwa kompetenti għall-prosekuzzjoni ta' informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tal-prezzijiet taħt il-FMIA.

(14) Għalhekk jista' jiġi konkluż li l-boroż Żvizzeri huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni u l-infurzar effettivi fuq bażi kontinwa.

(15) Skont it-tieni kundizzjoni, ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terz għandhom ikollhom regoli ċari u trasparenti dwar l-ammissjoni tat-titoli għan-negozjar sabiex tali titoli jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati b'mod ġust, ordnat u effiċjenti, u jkunu liberament negozjabbli.

(16) Il-liġi Żvizzera tirrikjedi li l-boroż joħorġu regolamenti dwar l-ammissjoni tat-titoli għan-negozjar (l-Artikoli 35 u 36 tal-FMIA). Dawn ir-regolamenti jridu jiġu approvati mill-FINMA. Ir-regolamenti se jqisu l-istandards internazzjonali rikonoxxuti u b'mod partikolari, se jkollhom dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ ta' titoli; il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni li l-investituri jiddependu fuqhom għall-valutazzjoni tal-karatteristiċi ta' titoli u

l-kwalità tal-emittent; id-dmirijiet tal-emittent, ir-rappreżentanti tiegħu u terzi partijiet għat-tul ta' żmien kollu tal-elenkar jew l-ammissjoni ta' titoli għan-negozjar; l-obbligu fir-rigward tal-ammissjoni ta' titoli ta' ekwità, biex ikun hemm konformità mal-Artikoli 7 u 81 tal-Atti Federali tas-16 ta' Diċembru 2005 dwar il-Liċenzjar u s-Sorveljanza tal-Awdituri. L-ammissjoni għan-negozjar ta' titoli fuq il-borża u l-kwotazzjoni, formola kkwalifikata ta' ammissjoni għan-negozjar ta' titoli f'boroż hija primarjament iggovernata mir-Regoli ta' Kwotazzjoni u minn Regoli Addizzjonali għall-Kwotazzjoni u l-Ammissjoni għan-Negozjar. Il-borża tivvaluta l-applikazzjoni rreġistrata mill-emittent għal kull titolu u tivverifika li r-rekwiżiti rilevanti kollha huma ssodisfati. Għal kull applikazzjoni, il-borża toħroġ deċiżjoni mil-miktub. L-informazzjoni dwar deċiżjoni ta' ammissjoni hija disponibbli għall-pubbliku. Bil-kwotazzjoni ta' titolu, l-emittent huwa soġġett għal obbligi ta' manteniment fir-rigward ta' obbligi ta' rappurtar perjodiku, bħal, pereżempju, ir-rappurtar finanzjarju u obbligi ta' governanza korporattiva, imma wkoll obbligi ta' rappurtar ibbażati fuq ir-riskju bħall-obbligi ta' rappurtar regolari, l-iżvelar ta' tranżazzjonijiet ta' ġestjoni u pubbliċità *ad hoc*. Skont l-Artikolu 35(3) tal-FMIA, il-borża tissorvelja l-konformità tal-emittent ma' dawn ir-regoli u timponi s-sanzjonijiet previsti kuntrattwalment f'każ ta' ksur. Skont l-Artikolu 33(1) tal-FMIO, borża għandha tiggarantixxi li t-titoli kollha ammessi għan-negozjar u t-titoli kollha kkwotati jistgħu jiġu nnegozjati b'mod ġust, effiċjenti u ordnat. Fir-rigward ta' titoli ta' ekwità, ir-Regoli tal-Kwotazzjoni jagħtu lok għal rekwiżiti ta' ishma oħra biex jiżguraw li tali titoli jistgħu jiġu nnegozjati b'mod effiċjenti. Il-korpi independenti tal-borża jistgħu temporanjament jissospendu n-negozjar ta' titoli f'ċirkostanzi mhux tas-soltu, u b'mod speċifiku, il-ksur ta' obbligi importanti dwar l-iżvelar mill-emittent jindikaw li tali sospensjoni hija rakkomandabbli. Jistgħu jikkanċellaw il-kwotazzjoni ta' titoli jekk is-solvenza tal-emittent hija dubjuża ħafna, jew jekk proċedimenti ta' insolvenza jew likwidazzjoni diġà bdew. IL-FINMA tista' wkoll tobbliga borża biex tissospendi n-negozjar f'ċertu titolu billi tuża s-setgħat tagħha taħt l-Artikolu 31 tal-FINMASA bil-għan li tiġi restawrata l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-FMIA jew b'reazzjoni għal irregolaritajiet oħra.

(17) Il-qafas regolatorju Żvizzeru jinkludi rekwiżiti għall-għoti ta' informazzjoni ta' qabel in-negozjar lill-parteċipanti fis-suq. It-trasparenza ta' qabel in-negozjar għandha l-bażi legali tagħha fl-Artikolu 29(1) tal-FMIA li tistipula li l-borża għandha tippubblika l-aħjar ħames offerti u toffri premji għal kull sehem u titoli oħra f'ħin reali, kif ukoll id-daqsijiet ta' pożizzjonijiet ta' negozjar b'dawn il-prezzijiet. L-istess japplika għal indikazzjonijiet ta' interess azzjonabbli (l-Artikolu 27(3) tal-FMIO). Ir-rinunzji huma disponibbli għal sistemi ta' prezz ta' referenza, sistemi li jeżistu biss biex jifformalizzaw it-transzzjonijiet li diġà ġew innegozjati, ordnijiet miżmuma f'faċilità ta' ġestjoni tal-ordnijiet tal-borża li qed tistenna sakemm tiġi żvelata u ordnijiet li jkunu ta' daqs kbir meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq. Il-qafas regolatorju Żvizzeru jinkludi wkoll rekwiżiti għall-għoti ta' informazzjoni ta' wara n-negozjar. It-trasparenza ta' wara n-negozjar hija bbażata fuq l-Artikolu 29(2) tal-FMIA li tistipula li l-borża se tippubblika immedjatament informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet imwettqa kambju ġewwa u barra l-borża għat-titoli kollha ammessi għan-negozjar. B'mod partikolari, il-prezz, il-volum u l-ħin tat-tranżazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati. L-eżenzzjonijiet mit-trasparenza ta' wara n-negozjar huma l-istess għat-trasparenza ta' qabel in-negozjar. Informazzjoni dwar ċerti tranżazzjonijiet atipiċi se tiġi ppubblikata wkoll ippubblikata b'dewmien. Is-servizzi ta' dejta tal-borża ta' qabel u ta' wara n-negozjar huma totalment trasparenti u offruti lill-parteċipanti kollha fuq bażi mhux diskriminatorja. Id-dejta ittardjata hija disponibbli għall-utenti kollha mingħajr ħlas.

(18) Għalhekk jista' jiġi konkluż li ċ-ċentri tan-negozjar Żvizzeri jkollhom regoli ċari u trasparenti dwar l-ammissjoni ta' titoli għan-negozjar sabiex tali titoli jkunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod ġust, ordnat u effiċjenti, u jkunu liberament negozjabbli.

(19) Skont it-tielet kundizzjoni, emittenti tat-titoli għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' informazzjoni perjodika u kontinwa u b'hekk jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri.

(20) Ir-regolamenti tal-borża dwar l-ammissjoni għan-negozjar għandhom jistabbilixxu informazzjoni li għandha tkun ippubblikata biex jippermettu lill-utenti biex jivvalutaw il-karatteristiċi tat-titoli u l-kwalità tal-emittenti biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-investitur. L-emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għan-negozjar fuq borża Żvizzera huma meħtieġa jippubblikaw rapporti finanzjarji annwali u interim. L-emittent għandu jagħmel ir-rapporti finanzjarju annwali tiegħu disponibbli fuq is-sit web tiegħu. Titoli ammessi għan-negozjar fuq borża Żvizzera jistgħu jiġu nnegozjati wkoll f'ċentru ieħor. L-obbligu tan-negozjar applikabbli għal emittenti japplika irrispettivament mill-post fejn isir in-negozjar. L-iżvelar ta' informazzjoni komprensiva u f'waqtha dwar l-emittenti tat-titoli jippermetti lill-investituri biex jivvalutaw il-prestazzjoni kummerċjali ta' emittenti u jiżgura t-trasparenza xierqa għall-investituri permezz ta' fluss regolari ta' informazzjoni.

(21) Għalhekk jista' jiġi konkluż li emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi fuq boroż Żvizzeri huma soġġetti għal rekwiżiti ta' informazzjoni perjodika u kontinwa u b'hekk jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-investitur.

(22) Skont ir-raba' kundizzjoni, il-qafas superviżorju u legali ta' pajjiż terz għandu jiżgura t-trasparenza tas-suq u l-integrità billi jipprevjeni l-abbuż tas-suq fil-forma ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

(23) L-Artikoli 142 u 143 tal-FMIA jipprojbixxu l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq minn kwalunkwe persuna. Barra minn hekk, taħt il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 154 u 155 tal-FMIA, l-isfruttament jew tentattiv ta' sfruttament ta' informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tal-prezzijiet jikkostitwixxu reati kriminali. Il-borża għandha toħroġ regolamenti rigward l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata mill-emittenti. Taħt ir-Regoli ta' Kwotazzjoni ta' borża, l-emittent għandu jinforma lis-suq dwar kwalunkwe fatt sensittiv għall-prezz li tqajmu jew li se jitqajmu fl-isfera ta' attività tiegħu malli dan isir jaf b'din l-informazzjoni. Fatti sensittivi għall-prezzijiet huma fatti li jistgħu jiskattu bidla sinifikanti fil-prezzijiet tas-suq. L-iżvelar għandu jsir b'tali mod li jiġi żgurat it-trattament ugwali għall-parteċipanti kollha tas-suq. Barra minn hekk, taħt l-Artikolu 31(1) tal-FMIA, il-boroż Żvizzeri huma meħtieġa jissorveljaw il-formazzjoni tal-prezzijiet u t-tranżazzjonijiet esegwiti dwar il-borża bil-għan li jinkixef l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, il-manipulazzjoni tal-prezzijiet u tas-suq u ksur ieħor ta' dispożizzjonijiet statutorji u regolatorji. B'dan il-għan, borża trid tirrevedi wkoll tranżazzjonijiet imwettqa barra miċ-ċentru tan-negozjar u li jkunu rrappurtati lilu jew miġjuba għall-attenzjoni tiegħu b'xi mod ieħor (l-Artikolu 31(1) tal-FMIA). Dan il-kompitu għandu jitwettaq minn korp indipendenti tal-borża. Emittenti għandhom ikunu kapaċi jipprovdu lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata lill-FINMA fuq talba tagħhom, inkluż kwalunkwe informazzjoni addizzjonali u dokumenti li l-FINMA tirrikjedi biex twettaq il-kompiti tagħha (l-Artikolu 29(1) tal-FINMASA flimkien mal-Artikolu 145 tal-FMIA). Borża trid tinnotifika lill-FINMA dwar kull ksur suspettat tal-liġi jew irregolaritajiet oħra. Jekk il-ksur inkwistjoni jinvolvu reat kriminali, għandha tinforma wkoll lill-awtorità ta' prosekuzzjoni kompetenti mingħajr dewmien (l-Artikolu 31(2) tal-FMIA). Il-FINMA tinvestiga l-informazzjoni li tirċievi mill-boroż dwar il-ksur tal-liġi, kif ukoll abbażi tal-monitoraġġ tagħha tas-suq bil-għan li tinfurza d-dispożizzjonijiet tal-liġi superviżorja li jipprojbixxu l-abbuż tas-suq.

(24) Għalhekk jista' jiġi konkluż li l-qafas superviżorju u legali tal-Iżvizzera jiżgura t-trasparenza tas-suq u l-integrità billi jipprevjeni l-abbuż tas-suq fil-forma ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

(25) Għalhekk jista' wkoll jiġi konkluż li l-qafas legali u superviżorju li jiggoverna boroż kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u li jopera fl-Iżvizzera taħt is-superviżjoni tal-FINMA jissodisfa l-erba' kundizzjonijiet għall-arranġamenti legali u superviżorji u għalhekk għandu jitqies biex jipprovdi għal sistema ekwivalenti għar-rekwiżiti għaċ-ċentri tan-negozjar stipulati fid-Direttiva 2014/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u d-Direttiva 2004/109/KE.

(26) Minħabba li għadd sinifikanti ta' ishma maħruġa u ammessi għan-negozjar fl-Iżvizzera huma wkoll innegozjati f'ċentri tan-negozjar fl-UE, huwa neċessarju li jiġu żgurat li d-ditti kollha ta' investiment soġġetti għall-obbligu tan-negozjar, kif stipulat fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jippreżervu l-abbiltà li jwettqu negozjar f'ishma ammessi għan-negozjar fil-kambji Żvizzeri fejn tinsab il-likwidità primarja tagħhom. Peress li l-likwidità primarja ta' ishma ammessi għan-negozjar tal-iskambji Żvizzeri tinsab f'dawn il-kambji, ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Iżvizzera jippermetti lid-ditti ta' investiment biex jinnegozjaw l-ishma ammessi għan-negozjar fl-Iżvizzera f'kambji Żvizzeri u biex jissodisfaw l-aħjar obbligi ta' eżekuzzjoni lejn il-klijenti tagħhom.

(27) Id-deċiżjoni hija bbażata fuq dejta li turi li n-negozjar inġenerali tal-UE f'multitudni ta' ishma ammessi fuq l-iskambji Żvizzeri hija ta' tali frekwenza li ditti tal-MiFID ma setgħux jinqdew bl-eċċezzjoni stipulata fl-Artikolu 23(1) (a) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. Dan jimplika li l-obbligu ta' negozjar stipulat fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 japplika għal għadd sinifikanti ta' ishma ammessi għan-negozjar fl-Iżvizzera.

(28) Id-deċiżjoni se tkun ikkumplimentata wkoll minn arranġamenti ta' kooperazzjoni biex jiġi żgurat il-kambju effettiv ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-FINMA.

(29) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq ir-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbli għal boroż approvati fl-Iżvizzera fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tkompli timmonitorja fuq bażi regolari l-evoluzzjoni tal-arranġamenti legali u superviżorji għall-boroż Żvizzeri approvati u t-twettiq tal-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom ittieħdet din id-Deċiżjoni.

(30) Din id-Deċiżjoni tqis ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2017 fejn prekundizzjoni li tiżviluppa iktar l-approċċ settorjali mal-Iżvizzera huwa l-istabbiliment ta' qafas istituzzjonali komuni għal ftehimiet eżistenti u futuri li permezz tagħhom l-Iżvizzera tipparteċipa fis-Suq Uniku tal-Unjoni. Sabiex sabiex tiġi żgurata l-integrità tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni, din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018, sakemm ma tiġix estiża mill-Kummissjoni qabel dik id-data. Meta wieħed jiddeċiedi jekk għandhiex tiġi estiża l-applikabbiltà ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari, tikkunsidra l-progress li jkun sar lejn l-iffirmar ta' Ftehim li jistabbilixxi dak il-qafas istituzzjonali komuni.

(31) Il-Kummissjoni għandha tagħmel reviżjonijiet regolari tal-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli għal boroż fl-Iżvizzera. Dawk ir-reviżjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Kummissjoni twettaq reviżjoni speċifika fi żmien iktar kmieni, fejn dipartimenti rilevanti jagħmluha neċessarja għall-Kummissjoni li tivvaluta mill-ġdid l-ekwivalenza mogħtija b'din id-Deċiżjoni u, b'mod partikolari, il-progress li sar lejn l-istabbiliment ta' qafas istituzzjonali komuni għal ftehimiet eżistenti u futuri li permezz tagħhom l-Iżvizzera tipparteċipa fis-Suq Uniku tal-Unjoni. Kwalunkwe valutazzjoni mill-ġdid tista' twassal għat-tħassir ta' din id-Deċiżjoni.

(32) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

(33) Meta wieħed jikkunsidra li r-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE japplikaw mit-3 ta' Jannar 2018, huwa neċessarju li din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 600/2014, il-qafas legali u superviżorju applikabbli għal boroż fl-Iżvizzera stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitqiesu li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-Direttiva 2014/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u d-Direttiva 2004/109/KE u li jkun soġġett għal superviżjoni u infurzar effettivi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Boroż fl-Iżvizzera meqjusa bħala ekwivalenti għal swieq regolati kif definiti fid-Direttiva 2014/65/UE:

(a) SIX Swiss Exchange AG

(b) BX Swiss AG

DEĊIŻJONI (UE) 2017/2442 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-8 ta' Diċembru 2017

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2164 dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2017 (BĊE/2017/39)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li ra d-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2015 dwar il-qafas proċedurali għall-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti tal-euro (BĊE/2015/43) ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

(1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

(2) Skont l-estimi tad-domanda għall-muniti tal-euro fl-2017 li l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ppreżentaw lill-BĊE, il-BĊE approva l-volum totali tal-muniti tal-euro intiżi għaċ-ċirkolazzjoni u l-muniti tal-euro għall-kolletturi mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni fl-2017, fid-Deċiżjoni (UE) 2016/2164 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/43). ([2])

(3) Fid-19 ta' Ottubru 2017, il-Ministeru tal-Finanzi Taljan talab li l-volum ta' muniti tal-euro li l-Italja tista' toħroġ fl-2017 jiżdied minn EUR 96,0 miljun għal EUR 141,0 miljun sabiex tkun tista' twieġeb għal żieda mhux mistennija fid-domanda għall-muniti. Il-BĊE approva din it-talba għal żieda fil-volum ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni li l-Italja tista' toħroġ fl-2017.

(4) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2016/2164 (BĊE/2016/43) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda

It-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2164 (BĊE/2016/43) hija mibdula b'dan li ġej:

"(EUR miljun)

	Volum ta' muniti euro approvati għall-ħruġ fl-2017		
	Muniti fiċ-ċirkolazzjoni	Muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni)	Volum ta' ħruġ ta' muniti
Il-Belġju	51,0	1,0	52,0
Il-Ġermanja	419,0	219,0	638,0
L-Estonja	9,7	0,3	10,0
L-Irlanda	30,7	0,8	31,5
Il-Greċja	106,3	0,6	106,9
Spanja	359,3	30,0	389,3
Franza	224,3	51,0	275,3
L-Italja	139,2	1,8	141,0

([1]) ĠU L 328, 12.12.2015, p. 123.
([2]) Deċiżjoni (UE) 2016/2164 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-30 ta' Novembru 2016 dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2017 (BĊE/2016/43) (ĠU L 333, 8.12.2016, p. 73).

(EUR miljun)

	Volum ta' muniti euro approvati għall-ħruġ fl-2017		
	Muniti fiċ-ċirkolazzjoni	Muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni)	Volum ta' ħruġ ta' muniti
Ċipru	14,0	0,1	14,1
Il-Latvja	16,3	0,3	16,6
Il-Litwanja	30,0	0,3	30,3
Il-Lussemburgu	17,7	0,2	17,9
Malta	10,2	0,2	10,4
In-Netherlands	25,0	4,0	29,0
L-Awstrija	87,2	181,8	269,0
Il-Portugall	62,0	3,0	65,0
Is-Slovenja	24,0	2,0	26,0
Is-Slovakkja	15,6	1,4	17,0
Il-Finlandja	35,0	10,0	45,0
Total	**1 676,5**	**507,8**	**2 184,3"**

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lid-destinatarji.

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-8 ta' Diċembru 2017.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

DEĊIŻJONI (UE) 2017/2443 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-8 ta' Diċembru 2017

dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2018 (BĊE/2017/40)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li ra d-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2015 dwar il-qafas proċedurali għall-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti tal-euro (BĊE/2015/43) ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

(1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

(2) Id-19-il Stat Membru li l-munita tagħhom hija l-euro ppreżentaw lill-BĊE it-talbiet tagħhom għall-approvazzjoni tal-volum ta' muniti li għandhom jinħarġu fl-2018, flimkien ma' noti spjegattivi dwar il-metodoloġija tat-tbassir. Uħud minn dawn l-Istati Membri pprovdew ukoll informazzjoni addizzjonali dwar muniti fiċ-ċirkolazzjoni, fejn din l-informazzjoni hija disponibbli u kkunsidrata importanti mill-Istati Membri kkonċernati biex tiġi ssostanzjata t-talba għall-approvazzjoni.

(3) Peress li d-dritt tal-Istati Membri li joħorġu muniti tal-euro huwa soġġett għall-approvazzjoni mill-BĊE tal-volum tal-ħruġ, il-volumi approvati mill-BĊE m'għandhomx jinqabżu mill-Istati Membri mingħajr approvazzjoni minn qabel mill-BĊE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu fl-2018

Il-BĊE b'dan japprova l-volum ta' muniti tal-euro li għandu jinħareġ mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fl-2018, kif jidher fit-tabella li ġejja:

(EUR miljun)

	Volum ta' muniti euro approvati għall-ħruġ fl-2018		
	Muniti fiċ-ċirkolazzjoni	Muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni)	Volum ta' ħruġ ta' muniti
Il-Belġju	48,8	1,0	49,8
Il-Ġermanja	421,0	218,5	639,5
L-Estonja	13,2	0,6	13,8
L-Irlanda	18,5	0,5	19,0
Il-Greċja	101,8	0,7	102,5
Spanja	321,1	30,0	351,1
Franza	262,5	51,0	313,5
L-Italja	203,9	2,1	206,0
Ċipru	12,0	0,1	12,1

([1]) ĠU L 328, 12.12.2015, p. 123.

(EUR miljun)

	Volum ta' muniti euro approvati għall-ħruġ fl-2018		
	Muniti fiċ-ċirkolazzjoni	Muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni)	Volum ta' ħruġ ta' muniti
Il-Latvja	10,0	0,4	10,4
Il-Litwanja	22,0	0,5	22,5
Il-Lussemburgu	13,5	0,2	13,7
Malta	9,5	0,2	9,7
Il-Pajjiżi l-Baxxi	35,0	4,0	39,0
L-Awstrija	95,2	182,0	277,2
Il-Portugall	52,0	3,0	55,0
Is-Slovenja	24,0	2,0	26,0
Is-Slovakkja	17,0	1,5	18,5
Il-Finlandja	25,0	10,0	35,0
Total	**1 706,0**	**508,3**	**2 214,3**

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-indirizzati.

Artikolu 3

Indirizzati

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-8 ta' Diċembru 2017.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

DEĊIŻJONI (UE) 2017/2444 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-8 ta' Diċembru 2017

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 dwar il-qafas proċedurali għall-approvazzjoni tal-volum ta' ħrug ta' muniti tal-euro (BĊE/2017/41)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 12.1 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/43) [1] tistabbilixxi regoli dwar il-qafas proċedurali għall-approvazzjoni tal-volum ta' ħrug ta' muniti.

(2) Il-Kunsill Governattiv jikkunsidra li s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet dwar talbiet ta' approvazzjoni annwali u *ad hoc* għall-volum ta' ħruġ ta' muniti sottomessi mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandha tiġi ddelegata lill-Bord Eżekuttiv meta ma tkun meħtieġa l-ebda modifika tal-volum mitlub ta' ħruġ ta' muniti.

(3) Fejn il-Bord Eżekuttiv jikkunsidra li l-volum ta' ħruġ ta' muniti mitlub minn Stat Membru wieħed jew aktar li l-munita tiegħu hija l-euro jeħtieġ li jiġi mmodifikat, għandu jissottometti proposta mmotivata li tispjega l-modifiki meħtieġa lill-Kunsill Governattiv, u l-Kunsill Governattiv għandu jibqa' kompetenti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni.

(4) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 (BĊE/2015/43) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 (BĊE/2015/43) hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej,

   (a) il-paragrafu 9 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

   "9. Fejn il-Bord Eżekuttiv jiddetermina li t-talbiet ta' approvazzjoni annwali ma jeħtiġux modifika tal-volum annwali ta' ħruġ ta' muniti mitlub minn kull Stat Membru taż-żona tal-euro, il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-volum annwali ta' ħruġ ta' muniti għaż-żona tal-euro qabel it-tmiem tas-sena kalendarja ta' qabel is-sena li għaliha jsiru t-talbiet għall-approvazzjoni."; u

   (b) il-paragrafu 10 li ġej huwa miżjud:

   "10. Fejn il-Bord Eżekuttiv jiddetermina li l-volum ta' ħruġ ta' muniti mitlub minn wieħed jew aktar mill-Istati Membri taż-żona tal-euro rikjedenti jeħtieġ modifika, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, għandu jissottometti proposta mmotivata li tispjega l-modifiki meħtieġa lill-Kunsill Governattiv. F'każijiet bħal dawn, il-Kunsill Governattiv għandu jadotta d-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-volum annwali ta' ħruġ ta' muniti għaż-żona tal-euro mingħajr dewmien.";

2. L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej,

   (a) il-paragrafu 7 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

   "7. Fejn il-Bord Eżekuttiv jiddetermina li l-volum addizzjonali ta' ħruġ ta' muniti mitlub minn Stat Membru taż-żona tal-euro skont il-paragrafu 5 ma jeħtieġx modifika, il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta deċiżjoni individwali dwar it-talba *ad hoc* għall-approvazzjoni mingħajr dewmien."; u

[1] Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2015 dwar il-qafas proċedurali għall-approvazzjoni tal-volum ta' ħrug ta' muniti tal-euro (BĊE/2015/43) (ĠU L 328, 12.12.2015, p. 123).

(b) il-paragrafu 8 li ġej huwa miżjud:

"8. Fejn il-Bord Eżekuttiv jiddetermina li l-volum addizzjonali ta' ħruġ ta' muniti mitlub minn wieħed jew aktar mill-Istati Membri taż-żona tal-euro rikjedenti jeħtieġ modifika, għandu jissottometti proposta mmotivata li tispjega l-modifiki meħtieġa lill-Kunsill Governattiv. F'dawn il-każijiet il-Kunsill Governattiv għandu jadotta deċiżjoni individwali dwar it-talba *ad hoc* għall-approvazzjoni mingħajr dewmien.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lid-destinatarji.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri taż-żona tal-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-8 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI Nru 1/2017 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-GEORGIA

tal-20 ta' Novembru 2017

dwar l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia [2017/2445]

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-GEORGIA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra [1] (il-"Ftehim") ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) F'konformità mal-Artikolu 406(1) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jadotta rakkomandazzjonijiet bil-għan li jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim.

(3) Skont l-Artikolu 420(1) tal-Ftehim, il-Partijiet iridu jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u jridu jiżguraw li jintlaħqu l-objettivi stipulati fil-Ftehim.

(4) Ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ipproponiet fażi ġdida ta' involviment mas-sieħba, li tippermetti sens akbar ta' sjieda miż-żewġ naħat.

(5) L-Unjoni u l-Georgia jixtiequ jikkonsolidaw is-sħubija tagħhom billi jaqblu fuq sett ta' prijoritajiet għall-perijodu 2017-2020 bil-għan li jappoġġaw u jsaħħu r-reżiljenza u l-istabbiltà tal-Georgia filwaqt li jfittxu assoċjazzjoni politika aktar mill-qrib u integrazzjoni ekonomika aktar profonda.

(6) Il-Partijiet għall-Ftehim qablu għalhekk fuq it-test tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE -Georgia, li ser tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim, b'enfasi fuq il-kooperazzjoni f'interessi identifikati b'mod komuni bejniethom,

ADOTTA R-RAKKOMANDAZZJONI LI ĠEJJA:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jirrakkomanda li l-Partijiet jimplimentaw l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia, kif tinsab fl-Anness.

Artikolu 2

L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia 2017-2020, kif tinsab fl-Anness, għandha tissostitwixxi l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia 2014-2016 li ġiet adottata fis-26 ta' Ġunju 2014.

[1] ĠU L 261, 30.8.2014, p. 4.

Artikolu 3

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tieħu effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Tbilisi, l-20 ta' Novembru 2017.

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-President

Giorgi KVIRIKASHVILI

ANNESS

AĠENDA TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-GEORGIA 2017-2020

Werrej

1. Prinċipji, strumenti u riżorsi għall-implimentazzjoni tal-aġenda ta' assoċjazzjoni 69

2. Prijoritajiet tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni 70

2.1 Prijoritajiet ta' Azzjoni Ewlenin 70

2.2 Demokrazija, Drittijiet tal-Bniedem, Governanza Tajba u Tisħiħ tal-Istituzzjonijiet 72

Settur tal-Ġustizzja 73

Infurzar tal-liġi 74

Antikorruzzjoni, riforma amministrattiva pubblika u servizz pubbliku 74

Trattament ħażin u tortura 75

Trattament indaqs 76

Drittijiet tat-tfal 76

Drittijiet tat-trejdjunjins u l-istandards ewlenin tax-xogħol 76

2.3 Politika Barranija u ta' Sigurtà 76

Terroriżmu, nonproliferazzjoni tal-armi tal-qerda tal-massa u esportazzjonijiet illegali tal-armi 77

Riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti 78

Il-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) 78

2.4 Ġustizzja, Libertà u Sigurtà 79

Protezzjoni ta' Data Personali 79

Migrazzjoni u Asil 79

Ġestjoni tal-fruntieri 80

Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata 80

Indirizzar tad-Drogi Illegali 80

Ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu 80

Kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu 81

Kooperazzjoni Ġuridika 81

2.5 Kwistjonijiet Kummerċjali u Relatati mal-Kummerċ 81

Kummerċ ta' Prodotti 81

Regolamenti tekniċi, Standardizzazzjoni u Infrastruttura Relatata 82

Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (SPS) 82

Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u d-Dwana 82

Regoli tal-Oriġini 83

Regolamenti tekniċi, Standardizzazzjoni u Infrastruttura Relatata 83

	Pagamenti Kurrenti u Moviment tal-Kapital	83
	Akkwist Pubbliku	84
	Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali (DPI)	84
	Kompetizzjoni	84
	Trasparenza	84
	Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli	85
2.6	Żvilupp Ekonomiku u Opportunitajiet tas-Suq	85
	Agrikoltura u Żvilupp Rurali	85
	Kontroll Finanzjarju Intern Pubbliku u Awditjar Estern	86
	Tassazzjoni	86
	Statistika	86
	Politika dwar il-Konsumatur	87
	Liġi tal-Kumpaniji, Kontabbiltà u Awditjar u Governanza Korporattiva	87
	Servizzi Finanzjarji	87
	Politika Industrijali u tal-Intrapriżi u l-Minjieri	88
	Turiżmu	88
	Impjiegi, Politika Soċjali u Opportunitajiet Indaqs	88
	Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Ekonomija Diġitali u s-Soċjetà	89
	Politika tas-Sajd u Marittima	89
	Saħħa Pubblika	89
2.7	Konnettività, Effiċjenza fl-Enerġija, Ambjent, Azzjoni dwar il-Klima u Protezzjoni Ċivili	90
	Trasport	90
	Kooperazzjoni fl-Enerġija	90
	Ambjent	91
	Tibdil fil-Klima	91
	Protezzjoni Ċivili	92
2.8	Mobbiltà u Kuntatti bejn il-Persuni	92
	Kooperazzjoni fir-Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Innovazzjoni	92
	Edukazzjoni, Taħriġ u Żgħażagħ	93
	Kooperazzjoni fil-Qasam Kulturali	93
	Kooperazzjoni fil-Qasam Awdjoviżiv u fil-Qasam tal-Mezzi tal-Informazzjoni	93
	Żvilupp Reġjonali, u l-Kooperazzjoni fil-Livell Reġjonali	94
	Parteċipazzjoni f'Aġenziji u Programmi tal-UE	94
	Sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u viżibbiltà	94

Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Georgia 2017-2020

Fis-27 ta' Ġunju 2014, l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Georgia ("il-Partijiet") iffirmaw Ftehim ta' Assoċjazzjoni ambizzjuż u innovattiv (FA), li jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA). Il-Ftehim fih dispożizzjonijiet vinkolanti, bbażati fuq ir-regoli u jipprovdi għal kooperazzjoni msaħħa, li tmur lil hinn minn ftehimiet tradizzjonali u li jkopri l-oqsma kollha ta' interess. Wara t-tlestija tal-proċess ta' ratifika, l-applikazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bdiet fl-1 ta' Lulju 2016.

Fis-26 ta' Ġunju 2014, l-UE u l-Georgia ftehmu fuq Aġenda ta' Assoċjazzjoni, sabiex jippreparaw u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. L-Aġenda tipprovdi qafas għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet għall-ħidma konġunta fil-perjodu bejn l-2014 u l-2016 sabiex jinkisbu l-objettivi tal-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika stipulati mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Id-dokument attwali jaġġorna u jiffoka mill-ġdid l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni 2014-2016 u jistabbilixxi prijoritajiet ġodda għall-ħidma konġunta għall-perjodu mill-2017 sal-2020. Jagħmel distinzjoni bejn il-prijoritajiet fuq terminu qasir (li għandhom jinkisbu jew li fuqhom għandu jsir progress sinifikanti sal-aħħar tal-2018) u l-prijoritajiet fuq terminu medju (li għandhom jinkisbu jew li fuqhom jista' jsir progress sal-aħħar tal-2020).

Il-fatt li l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni tiffoka fuq numru limitat ta' prijoritajiet huwa mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni jew il-mandat tad-djalogu eżistenti taħt Ftehimiet rilevanti oħrajn jew taħt it-traċċa multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant. Lanqas ma tippreġudika l-implimentazzjoni tal-impenji li saru fl-AA/DCFTA sa mid-dħul fis-seħħ tagħha fl-1 ta' Lulju 2016.

Barra minn hekk, l-ivjaġġar mingħajr viża lejn il-pajjiżi ta' Schengen ([1]) minn ċittadini Georgjani fil-pussess ta' passaport bijometriku daħal fis-seħħ fit-28 ta' Marzu 2017, bil-għan li jitjiebu b'mod sostanzjali l-mobbiltà u l-kuntatti bejn il-persuni bejn iż-żewġ naħat, f'ambjent sikur u mmaniġġat tajjeb, huwa element fundamentali li jsejjes l-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika tal-Georgia mal-Unjoni Ewropea kif previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. L-UE tirrikonoxxi l-kisba tal-Georgia fl-issodisfar tal-parametri kollha meħtieġa tal-Pjan ta' Azzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża (VLAP), li wasslet għall-adozzjoni mill-Kummissjoni tar-raba' u l-aħħar rapport tal-progress finali fit-18 ta' Diċembru 2015. Din l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni aġġornata għandha l-għan ukoll li żżomm rendikont tar-riżultati miksubin fl-oqsma kollha relatati mal-VLAP u tinkoraġġiehom aktar, b'hekk tiġi żgurata l-osservanza kontinwa tal-punti ta' riferiment kollha tal-VLAP kif meħtieġ mill-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-eżenzjoni ta' viża rivedut.

1. **Prinċipji, strumenti u riżorsi għall-implimentazzjoni tal-aġenda ta' assoċjazzjoni**

Il-prinċipji komuni li ġejjin sejrin jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni:

— Azzjonijiet imwettqa permezz tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni għandhom jiġu implimentati f'konformità sħiħa tal-AA/DCFTA, inkluż il-preambolu tagħha/tiegħu;

— Il-prijoritajiet tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni jikkumplimentaw ir-responsabbiltajiet tal-UE u l-Georgia biex jimplimentaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia, issa li dan daħal fis-seħħ;

— L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni għandha tiġi implimentata b'rispett sħiħ għall-prinċipji ta' trasparenza, kontabbiltà u inklużività;

— L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni tinvolvi impenn miż-żewġ naħat għall-implimentazzjoni tagħha;

— L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni għandha l-għan li tikseb riżultati tanġibbli u definiti permezz tal-implimentazzjoni progressiva ta' miżuri prattiċi;

— Il-partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jsostnu l-prijoritajiet miftiehma permezz ta' mezzi politiċi, tekniċi u finanzjarji xierqa u suffiċjenti; u

— L-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni ser tkun soġġetta għal rappurtar, monitoraġġ u valutazzjoni annwali; Il-progress li jkun sar għandu jiġi vvalutat ukoll fil-kuntest tal-istrutturi istituzzjonali stabbiliti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Is-soċjetà ċivili ser tkun imħeġġa wkoll biex tiffoka l-attivitajiet tagħha ta' monitoraġġ fuq l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni;

([1]) L-Istati Membri tal-UE koperti mill-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża huma:

— l-Istati Membri tal-UE li jagħmlu parti miż-Żona ta' Schengen: l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.

— l-Istati Membri tal-UE li għadhom mhumiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen (dawk li għadhom ma jagħmlux parti miż-żona ta' Schengen mingħajr fruntieri interni): il-Bulgarija, Ċipru, il-Kroazja u r-Rumanija.

— L-Unjoni Ewropea ser tappoġġa lill-Georgia fl-implimentazzjoni tal-objettivi u l-prijoritajiet stabbiliti fl-Aġenda ta' Assoċjazzjoni. Hija ser tagħmel hekk billi tuża s-sorsi disponibbli kollha ta' appoġġ mill-UE, kif ukoll permezz ta' għarfien espert u konsulenza, l-aħjar prattiki u għarfien, skambju ta' informazzjoni, appoġġ għall-bini tal-kapaċità, tisħiħ istituzzjonali u żvilupp ta' strumenti ta' assistenza ġodda. Hija tenfasizza li l-assistenza tal-UE hija marbuta ma' kundizzjonalitajiet maqbula b'mod konġunt relatati mal-progress fir-riforma. Hija tinkoraġġixxi u tfittex ukoll il-koordinazzjoni tal-appoġġ mis-sħab l-oħra tal-Georgia. L-istrumenti finanzjarji rilevanti tal-UE ser ikunu disponibbli wkoll biex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni. Minkejja dan, din tal-aħħar mhix dokument ta' programmar finanzjarju u ma tissostitwixxix l-eżerċizzji ta' programmar jew formulazzjoni mwettqa mill-Partijiet.

L-appoġġ tal-UE ser jingħata fil-kuntest tal-prijoritajiet kumplessivi tal-assistenza favur il-Georgia, kif spjegat fil-Qafas Uniku ta' Appoġġ (SSF) tal-ENI u fl-ipprogrammar ta' diversi pajjiżi skont l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) bħala parti mill-iffinanzjar kumplessiv disponibbli għall-Georgia u f'konformità sħiħa mar-regoli u l-proċeduri rilevanti ta' implimentazzjoni tal-assistenza esterna tal-UE, fl-istess waqt bil-għan li jittieħed kont tal-prijoritajiet skont l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni.

Din l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni ser tkun applikabbli mill-mument tal-adozzjoni tagħha sa tmiem l-2020, għal perijodu inizjali li jista' jiġi estiż bi ftehim reċiproku. Tista' tiġi emendata fi kwalunkwe żmien skont kif ikun hemm bżonn, bi ftehim tal-Kunsill tal-Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia.

2. **Prijoritajiet tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni**

2.1 **Prijoritajiet ta' Azzjoni Ewlenin**

L-UE u l-Georgia jikkunsidraw l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bħala prijorità ewlenija għall-konsolidazzjoni u l-promozzjoni ta' valuri u prinċipji komuni, kif iddikjarati mill-UE u l-Georgia.

Wara l-firma tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, il-Georgia ħadet passi sostanzjali u wettqet riformi sostanzjali lejn l-implimentazzjoni effettiva tiegħu. L-UE tirrikonoxxi l-progress li għamlet il-Georgia lejn assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika aktar profondi mal-UE.

L-UE ttenni l-appoġġ sod tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Georgia fi ħdan il-fruntieri internazzjonalment rikonoxxuti tagħha, inkluż il-politika tagħha ta' nonrikonoxximent u involviment fil-Georgia, kif ukoll l-impenn sod tagħha għall-paċi, l-istabbiltà u r-riżoluzzjoni tal-konflitti fil-Georgia. Barra minn hekk, filwaqt li tirrikonoxxi lill-Georgia bħala eżempju ta' reżiljenza tal-istat u s-soċjetà u r-rwol ewlieni tagħha bħala demokrazija prospera, paċifika u stabbli fir-reġjun, l-UE tinsab lesta li tintensifika l-kooperazzjoni mal-Georgia fuq kwistjonijiet ta' sigurtà bil-għan li timplimenta l-prijoritajiet strateġiċi tagħha fil-viċinat, kif enfasizzat fl-Istrateġija Globali tal-UE.

F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-azzjonijiet ta' riforma li ġejjin jiġu indirizzati bi prijorità:

Fil-qasam tat-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-governanza tajba

1/ Indipendenza tal-ġudikatura u aġenziji tal-infurzar tal-liġi

Titkompla r-riforma fil-qasam tal-ġudikatura, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-indipendenza sħiħa tal-imħallfin u tissaħħaħ il-kontabbiltà, l-effiċjenza, l-imparzjalità, l-integrità u l-professjonalità tas-sistema ġudizzjarja, billi jiġu implimentati riformi ġudizzjarji ewlenin li jindirizzaw, fost l-oħrajn, il-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja, l-Uffiċċju tal-Prosekutur, ir-reklutaġġ trasparenti u bbażat fuq il-mertu, ir-responsabbiltà ġudizzjarja, it-taħriġ tal-imħallfin, l-istruttura istituzzjonali tal-qrati, sistema effettiva għall-ġestjoni elettronika tal-każijiet, l-għajnuna u s-servizzi legali, il-ġustizzja kummerċjali u l-mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim. Tkompli tiżdied ir-responsabbiltà u s-sorveljanza demokratika tal-aġenziji għall-infurzar tal-liġi ħielsa minn kwalunkwe interferenza mhux xierqa. Tkompli tiġi riformata l-kodiċi kriminali tal-Georgia bl-objettiv tal-liberalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-liġi u l-iżgurar tal-konformità sħiħa tagħha mal-istandards internazzjonali rilevanti.

2/ Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u Titjib fis-Servizzi Pubbliċi u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni

Tiġi segwita riforma ta' amministrazzjoni pubblika f'konformità mal-Prinċipji tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Liġi dwar is-Servizz Ċivili li għada kif ġiet adottata b'enfasi fuq il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u t-trawwim ta' amministrazzjoni pubblika responsabbli, effiċjenti, effettiva u trasparenti, sistema ta' għażla, promozzjoni u tkeċċija u fuq il-bini ta' servizz ċivili bbażat fuq il-mertu u professjonali, taħriġ speċjalizzat ibbażat fuq il-bżonnijiet għall-impjegati taċ-ċivil li jaħdmu fis-setturi tal-amministrazzjoni pubblika, fl-aġenziji kif ukoll fl-intrapriżi tal-Istat kollha, rigward it-twassil ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità u rigward it-titjib tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-indirizzar tal-korruzzjoni, b'mod partikolari korruzzjoni kumplessa kif ukoll tiġi implimentata l-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u d-dħul tal-uffiċjali rilevanti kollha.

3/ Drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali

Titkompla l-implimentazzjoni effettiva tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni, l-Istrateġija Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u jissaħħu l-pluraliżmu tal-mezzi tal-informazzjoni, it-trasparenza u l-indipendenza. Jiġi stabbilit mekkaniżmu investigattiv indipendenti biex jiġu investigati l-allegazzjonijiet ta' trattament ħażin mill-korpi għall-infurzar tal-liġi; Titjieb l-ugwaljanza bejn is-sessi u jiġi żgurat trattament indaqs fil-ħajja soċjali, politika u ekonomika; u tingħata attenzjoni fuq miżuri li jipproteġu lit-tfal kontra kull forma ta' vjolenza. Jitkomplew sforzi għal riforma biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali.

Fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà

4/ Riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti

Tinżamm kooperazzjoni effettiva bejn l-UE u l-Georgia biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt f'formati miftiehma; jiġu intensifikati l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni effettivi bejn l-UE u l-Georgia fuq ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti; tinżamm parteċipazzjoni kostruttiva fid-Diskussjonijiet Internazzjonali ta' Ġinevra, kopreseduti mill-UE, in-NU, l-OSKE u li jiġi żgurat is-sostenn għalihom; l-użu tal-bon offiċji tal-EUMM Georgia biex ikun hemm kontribuzzjoni lejn l-istabbiltà, in-normalizzazzjoni u l-bini tal-fiduċja; jittieħdu passi xierqa biex jiġi mħeġġeġ il-kummerċ, il-libertà tal-moviment u r-rabtiet ekonomiċi fil-linji konfinali amministrattivi, inkluż ir-reviżjoni tal-leġislazzjoni; jitrawmu l-kuntatti bejn in-nies, il-bini tal-kunfidenza u r-rikonċiljazzjoni.

5/ Kooperazzjoni intensifikata fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża

Jiġi approfondit id-djalogu bilaterali dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' tħassib komuni, inkluż it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata internazzjonali, eċċ., u titmexxa aktar kooperazzjoni; tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-Georgia fl-operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet tal-UE kif ukoll f'taħriġ u attivitajiet ta' konsultazzjoni relatati mal-PSDK; jiġu attivati għodod differenti tal-UE b'appoġġ għar-reżiljenza u l-bini tal-kapaċità fil-Georgia biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu.

Fil-qasam tal-iżvilupp ekonomiku u l-opportunitajiet tas-suq

6/ Ambjent kummerċjali u ġestjoni tal-investimenti mtejbin

L-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar l-SMEs u l-pjan ta' azzjoni korrispondenti għall-2016-2017 kif ukoll il-pjanijiet ta' azzjoni sussegwenti; ikompli jitjieb il-qafas regolatorju, l-ambjent operattiv u l-appoġġ lill-SMEs; jitjieb id-Djalogu Pubbliku-Privat biex jiġu identifikati prijoritajiet tas-settur privat li jeħtieġu l-appoġġ ta' riformi ekonomiċi strutturali. Jiġu appoġġati riformi tal-infrastruttura tas-settur finanzjarju; l-istabbiliment ta' sistema ta' assigurazzjoni tad-depożiti, ir-riforma tas-settur bankarju u tal-leġislazzjoni, reġistri tal-kreditu/kollaterali mtejba, ir-rappurtar finanzjarju mtejjeb u l-awditjar, il-miżuri li jippermettu s-swieq kapitali bħall-iżvilupp tal-mikrokreditu, il-lokazzjoni, il-fatturament u l-assigurazzjoni, jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' soluzzjonijiet tat-tilwim alternattivi għat-tilwimiet kummerċjali u l-infurzar tal-kuntratti.

7/ Agrikoltura u l-iżvilupp rurali

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Rurali tal-Georgia 2017-2020; l-appoġġ tal-iżvilupp tal-ktajjen ta' valur effiċjenti, it-titjib tal-impjieg f'żoni rurali u l-appoġġ lill-SMEs sabiex tiżdied il-kompetittività tagħhom fis-setturi magħżula b'valur għoli ta' esportazzjoni.

8/ Riformi relatati mal-kummerċ u miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS)

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (TBT); l-iżvilupp tal-infrastruttura relatata mal-amministrazzjoni tal-istandards, ir-regolamenti tekniċi, il-metroloġija, is-sorveljanza tas-suq, l-akkreditazzjoni, il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità; l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sorveljanza tas-Suq; it-titjib ulterjuri tal-istatistiċi tas-suq; L-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni doganali; il-leġislazzjoni approssimattiva fuq l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-iżgurar tar-rispett tal-klawżola ta' sospensjoni għad-dazji applikabbli fuq l-importazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sikurezza tal-Ikel u l-Programm tal-Approssimazzjoni, b'mod partikolari l-Kodiċi tas-Sigurtà tal-Ikel u l-iżgurar tal-adozzjoni progressiva tal-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni orizzontali; jiġu żgurati kontrolli fitosanitarji veterinarji u tas-sikurezza tal-ikel fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri; tiġi appoġġata s-sistema ta' twissija bikrija għall-ikel u l-għalf, is-sikurezza tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa tal-pjanti u li tiżdied il-kapaċità tal-laboratorji għall-miżuri SPS.

Fil-qasam tal-konnettività, l-effiċjenza fl-enerġija u l-azzjoni klimatika

9/ Ġestjoni tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika

L-appoġġ għall-implimentazzjoni f'waqtha tal-impenji li jirriżultaw mill-adeżjoni formali tal-Georgia fil-Komunità tal-Enerġija, b'mod partikolari permezz ta' riformi regolatorji u investiment fis-sigurtà tal-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija, inkluż it-tisħiħ tal-mandat, il-kapaċità u l-indipendenza tar-regolatur tal-enerġija; it-tisħiħ tan-netwerks tal-infrastruttura tal-enerġija u l-interkonnessjonijiet, kif ukoll it-titjib tat-trasparenza u l-funzjonament tas-suq tal-enerġija tal-elettriku u l-gass.

10/ Trasport

L-iżvilupp ta' infrastruttura ekonomikament importanti, permezz ukoll tal-implimentazzjoni ulterjuri tal-proġetti għall-iżvilupp tan-netwerk ewlieni TEN-T.

11/ Ambjent u azzjoni dwar il-klima

It-titjib tal-approssimazzjoni mal-*acquis* ambjentali tal-UE fil-governanza ambjentali permezz tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni ġdida dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali, il-valutazzjoni ambjentali strateġika, dwar ir-responsabbiltà ambjentali; permezz tal-iżgurar tal-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjoni, bl-involviment tal-partijiet interessati kollha, kif ukoll billi l-ambjent jiġi integrat f'oqsma oħrajn tal-politika u billi titjieb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-ambjent. Tiġi finalizzata Strateġija ta' Żvilupp b'Emissjonijiet Baxxi ta' Karbonju. Tinbeda l-implimentazzjoni tal-ftehim globali ġdid dwar it-tibdil fil-klima (il-Ftehim ta' Pariġi).

Fil-qasam tal-mobilità u l-kuntatti interpersonali

12/ Ġestjoni tal-migrazzjoni, l-asil u l-fruntieri

Jiġi żgurat rispett sostnut tal-parametri kollha tal-pjan ta' azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża kif rekwiżit mill-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-eżenzjoni ta' viża rivedut; tiġi implimentata b'mod effettiv is-Sħubija għall-Mobilità bejn l-UE u l-Georgia, l-Istrateġija dwar il-Migrazzjoni tal-Georgia 2016-2020 u l-Istrateġija Integrata għall-Ġestjoni tal-Fruntieri tal-Georgia 2014-2018 u l-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' akkumpanjament rispettivi.

13/ Edukazzjoni, impjiegi, riċerka, innovazzjoni u żgħażagħ

It-titjib tal-prestazzjoni tar-riċerka fl-edukazzjoni ġenerali permezz ta' riforma komprensiva tar-riċerka dwar l-edukazzjoni; u l-iżvilupp ta' approċċ strateġiku għall-impjiegi u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV); l-iżvilupp ta' viżjoni u strateġija għall-appoġġ tal-iżvilupp ta' sistema tal-STI tal-Georgjana, inkluż politika tal-Innovazzjoni Georgjana; l-implimentazzjoni tad-drittijiet ewlenin tax-xogħol.

2.2 **Demokrazija, Drittijiet tal-Bniedem, Governanza Tajba u Tisħiħ tal-Istituzzjonijiet**

Id-djalogu u l-kooperazzjoni politiċi lejn ir-riformi fil-qafas ta' din l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni għandhom l-għan li jkomplu jsaħħu r-rispett għall-prinċipji demokratiċi, bħall-pluraliżmu politiku, l-inklużjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet u s-separazzjoni tas-setgħat u l-kooperazzjoni mal-oppożizzjoni, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi kif imħaddan fil-Konvenzjonijiet tan-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa u l-protokolli relatati u biex jikkontribwixxu għall-konsolidazzjoni tar-riformi politiċi domestiċi, partikolarment permezz tal-approssimazzjoni mal-*acquis communautaire* tal-UE.

Id-djalogu u l-kooperazzjoni ser ikopru l-oqsma li ġejjin:

(i) **Tisħiħ tal-istabbiltà, l-indipendenza u l-effettività tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u b'mod partikolari billi:**

— Jitkompla l-iżgurar tat-twettiq demokratiku tal-elezzjonijiet, anke għall-elezzjonijiet lokali ta' Ottubru 2017, billi jiġi indirizzat fiċ-ċiklu elettorali ġdid kwalunkwe nuqqas fil-qafas leġislattiv u l-amministrazzjoni elettorali kif identifikat mit-Task Force Interaġenzjali dwar Elezzjonijiet Ħielsa u Ġusti (IATF, Inter-Agency Task Force) u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE)/l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR), b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-ODIHR wara l-elezzjonijiet parlamentari tal-2016;

— Jitkompla l-iżgurar li l-emendi leġislattivi li jaffettwaw komponenti ewlenin tal-istat tad-dritt, bħall-indipendenza tal-ġudikatura jkunu soġġetti għall-konsultazzjoni komprensiva domestika u, skont kif ikun il-każ, mal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa biex jiġi żgurat li jibqgħu tajbin maż-żmien u jissodisfaw standards Ewropej, b'mod partikolari fil-każ tal-emendi ppjanati għall-kostituzzjoni Georgjana, fejn il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni ta' Venezja u l-Kummissjoni Kostituzzjonali Georgjana hija ta' importanza kbira;

— It-titjib ulterjuri tal-bilanċ tal-poter bejn fergħat differenti tal-gvern u l-kapaċitajiet tal-parlament li jwettaq is-superviżjoni u l-funzjonijiet leġislattivi tiegħu.

(ii) **Tkompli r-riforma tas-settur tal-ġustizzja, b'mod partikolari tiġi żgurata l-indipendenza sħiħa tal-imħallfin u t-tisħiħ tar-responsabbiltà, l-effiċjenza, l-imparzjalità u l-professjonaliżmu tas-sistema ġudizzjarja, u tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, ħielsa minn kwalunkwe ndħil mhux dovut; tkompli l-ġlieda kontra l-korruzzjoni:**

Settur tal-Ġustizzja

<u>Prijoritajiet fuq terminu qasir</u>

— Jiġu żviluppati u gradwalment implimentati l-Istrateġija Ġudizzjarja u l-pjan ta' azzjoni tagħha, li fost kwistjonijiet oħrajn ser ikopru t-titjib tal-politika u l-prattika tal-ħatra, il-promozzjoni u t-taħriġ tal-imħallfin, fokus partikolari fuq id-drittijiet tal-bniedem u jiġu pprovduti riżorsi adegwati sabiex jiġu żgurati kompetenzi ġudizzjarji xierqa; tiġi promossa ulterjorment l-indipendenza tal-Kulleġġ tal-Ġustizzja, notevolment permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet;

— B'mod partikolari, titjieb l-effettività tal-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja, fost l-oħrajn billi tiġi żgurata l-indipendenza kif ukoll ir-responsabbiltà tiegħu;

— Titjieb is-sistema tar-responsabbiltà ġudizzjarja permezz tal-implimentazzjoni ta' regoli dixxiplinari ċari u eżawrjenti li jiġu infurzati b'mod effettiv kif ukoll billi jiġu ggarantiti l-professjonaliżmu u l-integrità tal-imħallfin;

— Tiġi ssimplifikata l-istruttura istituzzjonali tal-qrati ġenerali, inkluż, fejn ikun meħtieġ, bl-introduzzjoni ta' bordijiet u kmamar speċjalizzati u t-tnaqqis tal-kawżi pendenti b'lura fid-diviżjonijiet ċivili tal-qrati ġenerali;

— L-iżvilupp ta' sistema elettronika għall-allokazzjoni tal-każijiet u t-titjib tal-programm elettroniku ta' ġestjoni tal-każijiet sabiex tiżdied il-fiduċja fil-ġudikatura;

— Tkompli r-riforma tal-uffiċċju tal-Prosekutur li għandha l-għan li tiżgura ulterjorment l-indipendenza tal-ħidma tal-prosekuturi minn ebda influwenza indebita u trasparenza u responsabbiltà akbar;

— Tkompli tiġi riformata l-Kodiċi Kriminali bl-objettiv tal-liberalizzazzjoni ta' sentenzi u l-modernizzazzjoni tal-liġi u l-iżgurar ta' konformità sħiħa tagħha mal-istandards rilevanti tal-UE u dawk internazzjonali;

— Jitjiebu ulterjorment l-oqfsa leġislattivi u istituzzjonali għall-għoti ta' għajnuna legali ta' kwalità għolja mingħajr ħlas kif ukoll servizzi legali bil-ħlas;

— Ikomplu jiġu żgurati s-smigħ ġust, l-aċċess għall-ġustizzja u d-drittijiet proċedurali fil-proċedimenti kriminali f'konformità mal-obbligi tal-Georgia skont il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-ġurisprudenza tal-Qorti u Konvenzjonijiet oħrajn rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa billi b'mod sħiħ:

  — jiġu garantiti d-drittijiet proċedurali ta' persuni mixlija fi proċedimenti kriminali;

  — jiġu garantiti d-drittijiet għall-vittmi tal-kriminalità, inkluż ir-reati ta' mibegħda, l-aċċess għall-ġustizzja, il-protezzjoni, l-appoġġ u l-kumpens

— Jiġi introdott mezz alternattiv ta' soluzzjonijiet tat-tilwim ġust u effiċjenti, u użat b'mod usa';

— Jiġu implimentati approċċi ta' riabilitazzjoni u soċjalizzazzjoni mill-ġdid fis-Sistemi Penitenzjarji u ta' Probazzjoni u lil hinn minnhom, sabiex jiġi evitat li jerġgħu jwettqu r-reati u jinżamm bilanċ xieraq bejn l-iżgurar tal-ordni pubbliku u s-sikurezza u l-garanzija tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

<u>Prijoritajiet fuq terminu medju</u>

— Jiġu modernizzati l-leġislazzjonijiet fl-oqsma kummerċjali, ċivili u amministrattivi f'konformità mal-istrateġiji nazzjonali u l-*acquis* tal-UE;

— Jiġi żgurat l-aċċess inklużiv għall-ġustizzja permezz ta' Servizz ta' Għajnuna Legali ffinanzjat b'mod xieraq.

Infurzar tal-liġi

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Tiżdied ir-responsabbiltà u s-sorveljanza demokratika tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. L-ilmenti kontra l-pulizija jkunu jeħtieġu mekkaniżmu professjonali u effettiv biex ikun hemm reazzjoni kredibbli. Jiġi kkunsidrat it-teħid ta' miżuri ulterjuri biex tiġi promossa l-investigazzjoni indipendenti u effettiva ta' ilmenti kontra uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. Jingħata taħriġ komprensiv u professjonali lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi dwar standards etiċi u d-drittijiet tal-bniedem kif garantit mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

— Tiġi estiża ulterjorment l-applikazzjoni tal-alternattivi għall-priġunerija, billi jiġu introdotti sentenzi ġodda mingħajr arrest u ż-żieda fil-kapaċitajiet tas-servizz ta' probazzjoni.

Antikorruzzjoni, riforma amministrattiva pubblika u servizz pubbliku

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Tkompli l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-istrumenti legali internazzjonali rilevanti, bħall-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni, u l-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali dwar il-Korruzzjoni u l-Protokoll Addizzjonali tagħha, kif ukoll tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni **tal-Kunsill** tal-Ewropa (GRECO) u tar-rakkomandazzjonijiet tan-Netwerk tal-OECD Kontra l-Korruzzjoni għall-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali;

— Jitjieb id-dritt taċ-ċittadini għall-informazzjoni bħala waħda mill-miżuri ewlenin sabiex tiġi evitata b'mod effettiv il-korruzzjoni;

— Tkompli tissaħħaħ il-kapaċità tal-korpi eżistenti għas-sorveljanza, l-awditu u l-investigazzjoni finanzjarja;

— Jitkompla t-tfassil tal-politika inklużiva bil-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u d-djalogu bejn is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet nazzjonali u lokali;

— Jissaħħu l-kapaċitajiet tal-parlament billi titjieb il-kapaċità tal-kumitati settorjali;

— Titkompla l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u jissaħħu l-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-Pjan Direzzjonali u l-istrateġiji sottostanti kemm fil-livell politiku kif ukoll dak amministrattiv;

— Jiġi implimentat il-qafas legali tas-servizz ċivili l-ġdid biex jiġi żgurat servizz ċivili aktar professjonali u bbażat fuq il-mertu.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Tkompli tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija Nazzjonali kontra l-Korruzzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni rilevanti biex tiġi evitata, identifikata u indirizzata l-korruzzjoni, speċjalment il-korruzzjoni kumplessa;

— Tkompli tiġi żgurata investigazzjoni effettiva tal-każijiet ta' korruzzjoni allegata u tinħoloq sistema effettiva għall-prevenzjoni tal-kunflitt ta' interess;

— Jiġi aġġornat il-Pjan Direzzjonali għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u strateġiji sottostanti f'konformità mal-Prinċipji tal-Amministrazzjoni Pubblika;

— Titrawwem amministrazzjoni pubblika responsabbli, effiċjenti, trasparenti u jinbena servizz ċivili bbażat fuq il-mertu u professjonali;

— Tissaħħaħ il-governanza u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika fil-livell lokali f'konformità mal-istandards Ewropej.

(iii) **Jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali permezz ta' kooperazzjoni komprensiva dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż kif enfasizzat fir-rapport ta' Thomas Hammarberg "Georgia in transition". Din il-kooperazzjoni ser tinkludi b'mod partikolari:**

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Tiġi implimentata b'mod attiv l-istrateġija Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u pjan ta' azzjoni li jinkludi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-korpi tan-NU, OSKE/ODIHR, il-Kunsill tal-Ewropa/il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) u organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-politiki kontra d-diskriminazzjoni, il-protezzjoni tal-minoranzi u l-ħajja privata u l-iżgurar tal-libertà reliġjuża;

— Titkompla l-implimentazzjoni effettiva tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva kontra d-diskriminazzjoni;

— Jittieħdu passi lejn l-iffirmar, ir-ratifika u t-traspożizzjoni fil-leġislazzjoni nazzjonali tal-istrumenti rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, inkluż il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, l-hekk imsejħa Konvenzjoni ta' Istanbul u lejn l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità fil-leġislazzjoni nazzjonali;

— Jissaħħaħ l-aċċess għal saħħa riproduttiva u sesswali, l-informazzjoni u l-prevenzjoni, u tkompli l-ġlieda kontra prattiki dannużi diretti kontra n-nisa, inkluż il-mutilazzjoni ġenitali u forom oħra ta' trattament degradanti, b'mod partikolari f'żoni rurali.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jinżammu mekkaniżmi effikaċi ta' qabel il-ġudizzju u mhux ġudizzjarji kemm għal soluzzjoni tat-tilwim kif ukoll għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

— Tkompli l-promozzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u kontra d-diskriminazzjoni fil-ġudikatura, l-infurzar tal-liġi u l-amministrazzjoni wkoll billi jsir it-taħriġ rispettiv;

— Ikomplu jissaħħu l-pluraliżmu tal-mezzi tal-informazzjoni, it-trasparenza u l-indipendenza skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa;

— Jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju tad-Difensur Pubbliku (UDP) fit-tfassil tal-politika u jiġu pprovduti riżorsi adegwati u jissaħħaħ l-uffiċċju tal-UDP; Ikun hemm kooperazzjoni mad-Difensur Pubbliku dwar ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu relatati mal-każijiet ta' diskriminazzjoni u l-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmu istituzzjonali previst fil-liġi kontra d-diskriminazzjoni permezz ukoll ta' emendi għal-leġislazzjoni;

— Jitkompla l-bini tal-kapaċitajiet ta' monitoraġġ tal-Kumitat Parlamentari dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni Ċivili kif ukoll il-kwistjonijiet legali marbuta mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

— Ikun hemm kooperazzjoni mal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSĊ) u b'mod partikolari s-sħab soċjali rappreżentattivi (it-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem) bħala partijiet interessati u gwardjani f'oqsma prijoritizzati mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia (FA), inkluż id-drittijiet tax-xogħol, il-privatezza, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għall-minoritajiet u gruppi vulnerabbli oħra u l-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni;

— Tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet permanenti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji.

Trattament ħażin u tortura

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Jiġi adottat il-Pjan ta' Azzjoni kontra t-tortura għall-2017-2018 u jitkompla t-teħid ta' miżuri ulterjuri biex jiġu miġġielda t-trattament ħażin u t-tortura, u jiżdiedu l-isforzi sabiex tiġi miġġielda l-impunità;

— Tiġi żgurata investigazzjoni bir-reqqa, trasparenti u indipendenti ta' kull allegazzjoni ta' użu ta' tortura u trattament ħażin fis-sistema penitenzjarja, mill-pulizija, il-militar u faċilitajiet magħluqa oħra billi jiġi stabbilit mekkaniżmu investigattiv indipendenti biex jiġu investigati l-allegazzjonijiet ta' trattament ħażin mill-korpi ta' infurzar tal-liġi;

— Jitkompla l-appoġġ u l-involviment mal-Mekkaniżmu Preventiv Nazzjonali (NPM) taħt l-Uffiċċju tad-Difensur Pubbliku sabiex jiġi evitat l-abbuż permezz tal-iżgurar tal-funzjonament effettiv tiegħu;

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jitkomplew l-isforzi biex titjieb is-sistema tal-kura tas-saħħa penitenzjarja u jitjieb l-aċċess tal-priġunieri għal servizzi tal-kura tas-saħħa inkluż is-saħħa mentali. Tinbena l-kapaċità u l-persunal tal-kura tas-saħħa jingħata s-setgħa, li jaħdem f'istituzzjonijiet magħluqa jew li jaħdem għalihom, li jiddenunzja u jirrapporta trattament ħażin;

— Ikompli jissaħħaħ il-monitoraġġ intern u estern effikaċi tas-sistema penitenzjarja, tal-pulizija, il-militar u faċilitajiet magħluqa oħra għall-kxif bikri u l-prevenzjoni tal-abbuż u t-trattament ħażin.

Trattament indaqs

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Titjieb l-ugwaljanza bejn is-sessi u jiġi żgurat trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll persuni li jappartjenu għall-minoritajiet, irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, l-oriġini etnika jew nazzjonali, razza, sess, lingwa, orjentazzjoni sesswali, identità sesswali, abbiltà jew oħrajn fil-ħajja soċjali, politika u ekonomika;

— Jittieħdu miżuri ulterjuri sabiex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż azzjonijiet biex tinħoloq sensibilizzazzjoni kemm tal-popolazzjoni ġenerali kif ukoll ta' gruppi professjonali speċifiċi, bħal pereżempju l-pulizija, u b'mod partikolari fiż-żoni rurali u minoritarji. Jiżdied l-aċċess tal-vittmi għal servizzi ta' għoti ta' pariri u postijiet ta' kenn.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Approssimazzjoni għall-istandards Ewropej fir-rigward tar-regoli tas-saħħa u s-sigurtà, regoli dwar il-protezzjoni tal-maternità, regoli dwar ir-rikonċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri u dawk professjonali kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;

— Jittieħdu passi attivi biex tiġi promossa r-rappreżentanza tan-nisa fil-fora tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Drittijiet tat-tfal

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Jiġu pprovduti riżorsi adegwati u jissaħħaħ ir-rwol tal-Uffiċċju tad-Difensur Pubbliku biex titwettaq aktar ħidma tal-ombudsman favur it-tfal u fost l-oħrajn tiġi mmonitorjata s-sitwazzjoni fl-istituzzjonijiet rilevanti, inkluż fiċ-ċentri ta' matul il-ġurnata;

— Tingħata attenzjoni fuq miżuri li jipproteġu lit-tfal kontra kull forma ta' vjolenza.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jissaħħu l-miżuri biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tat-tfal l-aktar vulnerabbli (inkluż it-tfal bid-diżabbiltajiet u t-tfal f'sitwazzjoni tat-triq), permezz tat-titjib u l-espansjoni tal-mekkaniżmi tal-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-appoġġ tal-aċċess territorjali għall-programmi ta' abilitazzjoni/riabilitazzjoni għat-tfal b'diżabilitajiet, u jittieħdu passi lejn l-eliminazzjoni tat-tħaddim tat-tfal;

— Titkompla r-riforma tal-ġustizzja minorenni;

— Titkompla l-ħidma lejn id-deistituzzjonalizzazzjoni tat-tfal.

Drittijiet tat-trejdjunjins u l-istandards ewlenin tax-xogħol

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Jiġi adottat il-qafas legali li jiddefinixxi l-funzjonijiet superviżorji tas-sistema tal-Ispezzjoni tax-Xogħol fil-qasam tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, u jitneħħew ir-restrizzjonijiet għas-setgħat tal-ispetturi fil-leġislazzjoni eżistenti f'konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jiġi implimentat il-Kodiċi tax-Xogħol (adottat f'Ġunju 2013) u jinġieb f'konformità, flimkien mal-leġislazzjoni rilevanti l-oħra, mal-istandards tal-ILO. Il-Kodiċi tax-Xogħol jiġi mirfud bi proċeduri għar-riżoluzzjoni tat-tilwim industrijali u tiġi żviluppata kultura ta' negozjati billi jiġi approvat roster ta' medjaturi;

— Titkompla l-ħidma fuq l-istabbiliment ta' sistema effettiva ta' Spezzjoni tax-Xogħol b'kompetenzi u kapaċitajiet adegwati għall-ispezzjonijiet tal-kundizzjonijiet ta' ħidma u tar-relazzjonijiet tax-xogħol kollha skont l-istandards tal-ILO;

— Jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-Kummissjoni ta' Sħubija Soċjali Tripartitika u jkompli jitjieb id-djalogu soċjali permezz tal-kooperazzjoni mal-ILO.

2.3 **Politika Barranija u ta' Sigurtà**

Id-djalogu u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) jimmiraw lejn konverġenza gradwali, inkluż dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), u ser jindirizzaw b'mod partikolari kwistjonijiet ta' sigurtà, prevenzjoni tal-kunflitti u ġestjoni tal-kriżijiet, l-istabbiltà reġjonali, id-diżarm, in-nonproliferazzjoni, il-kontroll tal-armi u l-kontroll tal-esportazzjoni. Il-kooperazzjoni ser tkun ibbażata fuq valuri komuni u interessi reċiproċi, u timmira lejn iż-żieda tal-konverġenza u l-effikaċja politika, bl-użu ta' fora bilaterali, internazzjonali u reġjonali.

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Tkompli l-kooperazzjoni biex jiżdied l-allinjament tal-Georgia mad-dikjarazzjonijiet tal-PESK tal-UE;

— Tkompli l-kooperazzjoni fuq l-allinjament mal-miżuri ta' sanzjonijiet awtonomi tal-UE;

— Tkompli l-kooperazzjoni fuq il-Komunikazzjoni Strateġika dwar il-kwistjonijiet tal-UE relatati mal-integrazzjoni;

— Tissaħħaħ il-kooperazzjoni prattika fil-prevenzjoni tal-kunflitti u l-ġestjoni tal-kriżijiet, billi tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-Georgia fl-operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet ċivili u militari mmexxija mill-UE, u tingħata konsulenza u attivitajiet ta' taħriġ fil-qasam tal-PSDK fuq il-bażi tal-Qafas ta' Ftehim ta' Parteċipazzjoni ffirmat f'Novembru 2013) u fil-qafas multilaterali tal-Bord tas-Sħubija tal-Lvant dwar PSDK;

— Tiġi promossa u ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-Georgia fl-attivitajiet tat-taħriġ u l-konsultazzjoni relatati mal-PSDK (fil-qafas ta' konsultazzjonijiet bilaterali u multilaterali regolari tal-Bord tas-Sħubija tal-Lvant dwar il-PSDK);

— Tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tal-Georgia mal-aġenziji tal-UE fi kwistjonijiet relatati mal-PSDK;

— Tiġi promossa l-kooperazzjoni reġjonali fi kwistjonijiet ta' sigurtà bħall-ġestjoni tas-suq imtejba, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, il-kontroll tal-esportazzjoni, ir-rispons għall-emerġenzi, il-protezzjoni ċivili, il-ġlieda kontra l-kuntrabandu u t-traffikar illeċitu (bħall-materjali bijoloġiċi u nukleari) u t-taħriġ ta' persunal xieraq, inkluż b'mod partikolari ċ-Ċentru ta' Eċċellenza Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari (CBRN) li jinsab fil-Georgia.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Issir kontribuzzjoni konġunta biex jinħoloq ambjent li jwassal għal kooperazzjoni pragmatika u l-iżvilupp ta' djalogu politiku u kooperazzjoni dwar kwistjonijiet reġjonali u internazzjonali, inkluż fil-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSKE;

— Il-promozzjoni tas-soluzzjoni b'mod paċifiku tal-kunflitti u l-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali abbażi ta' multilateraliżmu effettiv;

— Jitjieb l-investiment fir-reżiljenza u l-kapaċità tal-ġlieda kontra theddid ibridu tal-Istat u s-soċjetà tal-Georgia billi l-Georgia tiġi inkluża fit-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet għas-Sigurtà u l-Iżvilupp (CBSD) permezz tal-għoti ta' appoġġ istituzzjonali, taħriġ u apparat li ser jikkontribwixxu għall-effettività tal-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà;

— Tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tal-Georgia mal-UE dwar Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fil-Georgia;

— Jiġi promoss ir-rispett konġunt għall-prinċipji tas-sovranità u l-integrità territorjali, l-invjolabbiltà tal-fruntieri u l-indipendenza, kif stipulat fil-Karta tan-NU u l-Att Finali ta' Ħelsinki tal-OSKE.

Terroriżmu, nonproliferazzjoni tal-armi tal-qerda tal-massa u esportazzjonijiet illegali tal-armi

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Kooperazzjoni u kontribuzzjoni biex tiġi miġġielda l-proliferazzjoni tal-armi tal-qerda tal-massa u tal-mezzi tat-twassil tagħhom permezz ta' konformità sħiħa mal-obbligi eżistenti tal-Partijiet skont it-trattati u l-ftehim internazzjonali dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni u skont obbligi internazzjonali rilevanti oħra, u l-implimentazzjoni nazzjonali tagħhom.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Ikun hemm kooperazzjoni ħalli jikber il-kunsens internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem, inkluż dwar id-definizzjoni legali tal-atti terroristiċi, inkluż billi jiġi promoss ftehim dwar il-Konvenzjoni Komprensiva dwar it-Terroriżmu Internazzjonali;

— Ikun hemm kooperazzjoni fir-rigward tal-kontroll doganali abbażi tar-riskju li jiżgura s-sikurezza u s-sigurtà tal-oġġetti importati, esportati, jew fi transitu;

— Jiġi indirizzat il-kummerċ illegali ta' armi żgħar u armamenti ħfief, inkluż il-munizzjon tagħhom, skont il-ftehimiet internazzjonali attwali u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u l-impenji skont strumenti internazzjonali oħrajn applikabbli f'dan il-qasam;

— Tissokta l-kooperazzjoni fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi konvenzjonali, fid-dawl tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari. Tiġi żviluppata kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi u l-qerda tal-ħażniet tagħhom;

— Tissokta l-kontribuzzjoni lejn l-implimentazzjoni tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni Nukleari (TNP) fuq it-tliet pilastri kollha tiegħu, b'mod ibbilanċjat.

Riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Tinżamm kooperazzjoni effettiva bejn l-UE u l-Georgia biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt f'formati miftiehma, inkluż konsultazzjonijiet bil-għan li jiġu stabbiliti modi għal involviment xieraq tar-reġjuni tal-Georgjani tal-Abkażja u r-reġjun ta' Tskhinvali/l-Ossezja tan-Nofsinhar fl-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Georgia;

— Jiġu intensifikati l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni effettivi bejn l-UE u l-Georgia dwar ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti inkluż permezz ta' djalogu politiku regolari;

— Tinżamm parteċipazzjoni kostruttiva fid-Diskussjonijiet Internazzjonali ta' Ġinevra, kopreseduti mill-UE, in-NU, l-OSKE u li jiġi żgurat is-sostenn għalihom;

— L-użu sħiħ u effettiv tal-bon offiċji tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia biex tikkontribwixxi għall-istabbiltà, in-normalizzazzjoni, inkluż l-iffaċilitar ta' ħajja sikura u normali għall-komunitajiet lokali li jgħixu fuq iż-żewġ naħat tal-linji konfinali amministrattivi, u l-bini tal-fiduċja, fost l-oħrajn permezz tal-Mekkaniżmi ta' Prevenzjoni u Rispons għall-Inċidenti u permezz ta' kwalunkwe mekkaniżmu, miżura jew arranġament xieraq ieħor;

— Sostenn għall-isforzi favur ir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti, inkluż permezz ta' kuntatti mal-popolazzjonijiet tar-reġjuni Georgjani tal-Abkażja u r-reġjun ta' Tskhinvali/l-Ossezja tan-Nofsinhar fid-dawl tal-politika ta' rikonċiljazzjoni u impenn tal-Georgia u l-politika ta' nonrikonoxximent u impenn tal-UE li dwarha jikkooperaw l-UE u l-Georgia;

— Kooperazzjoni fil-kondiviżjoni mal-popolazzjonijiet bejn il-linji konfinali amministrattivi tal-benefiċċji u l-opportunitajiet li jirriżultaw mill-assoċjazzjoni politika bejn l-UE u l-Georgia u l-proċess ta' integrazzjoni ekonomika, inkluż is-sistema mingħajr viża għal soġġorn qasir fiż-żona ta' Schengen;

— Jittieħdu passi xierqa biex jitħeġġu l-kummerċ, il-libertà tal-moviment u r-rabtiet ekonomiċi bejn il-konfini amministrattivi, inkluż l-analiżi tal-leġislazzjoni bħal-Liġi dwar it-Territorji Okkupati. Kooperazzjoni fit-teħid ta' miżuri biex jitrawmu l-kuntatti bejn in-nies, il-bini tal-fiduċja u l-isforzi għar-rikonċiljazzjoni bejn il-komunitajiet mifrudin b'kunflitt;

— Jittieħdu passi ulterjuri biex jippromwovu l-integrazzjoni sostenibbli tal-persuni spostati f'pajjiżhom (IDPs) mifruxa fis-soċjetà tal-Georgia (dritt għall-proprjetà, impjieg, appoġġ immirat).

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Ikomplu l-isforzi konġunti mmirati lejn l-iżgurar tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Sitt Punti tat-12 ta' Awwissu 2008 u l-miżuri ta' implimentazzjoni sussegwenti tiegħu;

— Ikomplu l-isforzi konġunti u jittieħdu passi lejn involviment internazzjonali sinifikanti fil-Georgia, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa tal-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia);

— Tkompli l-ħidma biex tippermetti r-ritorn sikur, dinjituż u volontarju tal-IDPs u r-refuġjati kollha lejn il-postijiet ta' oriġini f'konformità mal-prinċipji tal-liġi internazzjonali;

— Jittieħdu passi lejn soluzzjoni sostenibbli għall-kunflitt u mingħajr preġudizzju għal formati eżistenti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet marbuta mal-kunflitti, ir-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitt ser tikkostitwixxi wieħed mis-suġġetti ewlenin fuq l-aġenda tad-djalogu politiku bejn il-Partijiet, kif ukoll fid-djalogu ma' atturi internazzjonali oħrajn rilevanti.

Il-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI)

— Tkompli l-kooperazzjoni mal-Qorti Kriminali Internazzjonali billi jiġi implimentat l-Istatut ta' Ruma u l-istrumenti relatati tiegħu, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta sabiex tinżamm l-integrità tiegħu. Tkompli l-kooperazzjoni mal-QKI fir-rigward tal-investigazzjonijiet fuq il-gwerra ta' Awwissu 2008.

2.4 **Ġustizzja, Libertà u Sigurtà**

Il-Georgia għandha kontinwament tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-erba' Blokok tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża tal-25 ta' Frar 2013. L-implimentazzjoni effettiva, kontinwa u sostenibbli tal-parametri inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni, inkluż dawk fil-Blokk 3 (Ordni Pubbliku u Sigurtà), hija essenzjali għaż-żamma tar-reġim mingħajr viża fi ħdan l-UE. F'konformità mal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-eżenzjoni ta' viża rivedut, ivvjaġġar mingħajr viża jista' jiġi sospiż f'każijiet fejn wieħed jew aktar mir-rekwiżiti speċifiċi ma jibqgħux jiġu sodisfatti ([1]). Fil-każ ta' tħassib iġġustifikat dwar l-issodisfar tal-parametri referenzjarji konkreti tal-Pjan ta' Azzjoni, il-Georgia għandha tipprovdi l-informazzjoni lill-Unjoni Ewropea.

Il-Partijiet ser jikkooperaw fl-oqsma li ġejjin:

Protezzjoni ta' Data Personali

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali f'konformità mal-istandards Ewropej u jittieħdu passi prattiċi lejn ir-rispett għad-dritt tal-protezzjoni tad-data privata, inkluż fil-qasam tal-ġustizzja kriminali; tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' standards għall-protezzjoni tad-data fis-setturi pubbliċi u privati.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Ikompli t-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtorità għall-protezzjoni tad-data (l-Uffiċċju tal-Ispettur) u s-segwitu tal-applikazzjoni tal-istandards tal-protezzjoni tad-data;

— Tissokta l-implimentazzjoni tal-qafas legali għall-protezzjoni tad-data personali fis-setturi kollha sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni f'konformità mal-istrumenti u l-istandards Ewropej;

— L-Approssimazzjoni tal-leġislazzjoni u l-prattika dwar il-protezzjoni tad-data Georgjana mal-aħħar standards Ewropej għall-protezzjoni tad-data.

Migrazzjoni u Asil

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Jiġi żgurat li s-Sistema Analitika tal-Migrazzjoni Unifikata u l-Analiżi tar-Riskju ta' Migrazzjoni jkunu operattivi b'mod sħiħ u jirrapportaw fuq it-titjib konsegwenti fl-analiżi tad-data migratorja u l-valutazzjoni tar-riskji;

— Jiġu żviluppati mekkaniżmi biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni irregolari u titrawwem il-migrazzjoni legali, permezz ukoll ta' kampanji ta' informazzjoni kontinwi u mmirati dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-migranti, ir-regoli li jirregolaw l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol tal-UE u r-responsabbiltà għal kwalunkwe abbuż tad-drittijiet taħt ir-reġim ta' mingħajr viża;

— Rappurtar fuq it-tmiem gradwali tal-użu ta' passaporti mhux bijometriċi Georgjani skont il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Tiġi implimentata b'mod effettiv l-Istrateġija tal-Migrazzjoni tal-Georgia 2016-2020 u l-Pjan ta' Azzjoni ta' magħha;

— Jiġi aġġornat fuq bażi regolari (tal-inqas kull sentejn) il-Profil tal-Migrazzjoni Georgia;

— Titkompla l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u l-Georgia u jiġi żgurat trasferiment bla xkiel taċ-Ċentri ta' Mobbiltà u l-attivitajiet ta' riintegrazzjoni għall-programm tal-Istat tal-Georgia għar-riintegrazzjoni;

— Ikompli l-iżvilupp tal-kooperazzjoni prattika fil-qafas tas-Sħubija għall-Mobbiltà bejn l-UE u l-Georgia.

([1]) Regolament (UE) 2017/371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (ĠU L 61, 8.3.2017, p. 1).

Ġestjoni tal-fruntieri

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Tiġi implimentata b'mod effettiv l-Istrateġija Integrata għall-Ġestjoni tal-Fruntieri tal-Georgia 2014-2018 u l-Pjan ta' Azzjoni ta' magħha;

— Tinżamm kwalità għolja ta' kontrolli tal-fruntiera u sorveljanza tal-fruntieri bl-għajnuna tas-Sistema ta' Amministrazzjoni u Rappurtar tal-Migrazzjoni mill-Fruntieri (BMARS) u l-implimentazzjoni tal-proġett tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Operazzjonijiet fil-Fruntiera (BOMS);

— Progress fid-demarkazzjoni tal-fruntieri statali ma' pajjiżi tal-viċinat.

Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Jiġi implimentat b'mod effiċjenti l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali fuq il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin għall-perijodu 2017-2018 u jitkomplew l-attivitajiet ta' żvilupp tal-kapaċità għall-awtoritajiet tal-Istat sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw b'mod proattiv, u jinvestigaw b'mod effiċjenti, il-każijiet ta' traffikar tal-bnedmin;

— Tiġi mmonitorjata u jsir rapportar fuq l-effettività tal-identifikazzjoni proattiva u l-investigazzjoni tal-każijiet ta' traffikar fil-bnedmin.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Ikomplu l-isforzi fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata;

— Għall-iskop li tiġi indirizzata b'mod effettiv il-kriminalità organizzata, tiġi żviluppata kooperazzjoni ulterjuri bejn l-Istati Membri tal-UE u l-aġenziji ta' infurzar tal-liġi Georgjani, jiġi implimentat il-ftehim ta' kooperazzjoni mal-Europol u titkompla l-kooperazzjoni mas-CEPOL għal skopijiet ta' taħriġ fl-infurzar tal-liġi;

— Titjieb il-kooperazzjoni fl-indirizzar tal-kriminalità ċibernetika, u jingħata t-taħriġ rilevanti fl-infurzar tal-liġi lill-awtoritajiet Georgjani.

Indirizzar tad-Drogi Illegali

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Jiġu implimentati l-Istrateġija Nazzjonali għad-Drogi u l-Pjan ta' Azzjoni 2016-2018.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Ikompli jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat u integrat lejn il-kwistjonijiet tad-droga, sabiex jiġu ġestiti l-konsegwenzi fuq is-saħħa u dawk soċjali tal-abbuż mid-drogi, kif ukoll tiġi żgurata prevenzjoni aktar effettiva, u ħidma biex titnaqqas il-provvista u d-domanda għad-drogi illegali kif ukoll it-traffikar tagħhom;

— Ikompli d-djalogu regolari fil-qafas tad-Djalogu tas-Sħubija tal-Lvant (SL) dwar id-Drogi;

— Jiġi żviluppat ulterjorment l-iskambju tal-kooperazzjoni u l-informazzjoni, inkluż billi jsir l-aħjar użu tal-Memorandum ta' Qbil bejn iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) u l-Ministeru għall-Ġustizzja tal-Georgia.

Ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Tiġi allinjata l-leġislazzjoni Georgjana mar-raba' Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus;

— Jiġi mmonitorjat u jsir rappurtar fuq in-numru ta' ordnijiet ta' ffriżar u konfiska maħruġin u fuq il-valur stmat ta' proprjetà ffriżata u kkonfiskata, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni tal-Georgia dwar il-konfiska tal-assi kriminali.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Ikomplu l-isforzi fl-iżvilupp ulterjuri tal-qafas legali u istituzzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż ukoll permezz tal-approssimazzjoni mal-leġislazzjoni tal-UE f'dawn l-oqsma;

— Titkompla l-implimentazzjoni tal-istandards tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-iffinanzjar tat-terroriżmu tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF);

— Titjieb il-kooperazzjoni operattiva dwar il-konfiska, l-irkupru tal-assi u l-ġestjoni tal-assi permezz ta' komunikazzjoni effettiva u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet Georgjani u l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi tal-UE.

Kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Isir użu sħiħ mill-ftehim operattiv bejn il-Georgia u l-EUROPOL, iffirmat fl-4 ta' April, sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet terroristiċi, l-attivitajiet tagħhom u n-networks ta' sostenn tagħhom;

Kooperazzjoni Ġuridika

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Jittieħdu miżuri effettivi u intensivi biex tiġi ffirmata u promossa l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' kooperazzjoni operattiva mal-Eurojust.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali permezz tal-adeżjoni u l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet multilaterali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili u b'mod partikolari tal-Konvenzjonijiet tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja kif ukoll il-protezzjoni tat-tfal bħall-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali, il-Konvenzjoni tal-1970 dwar it-Teħid ta' Provi Barra mill-Pajjiż f'Materji Ċivili jew Kummerċjali, il-Konvenzjoni tal-2005 dwar il-Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 dwar il-Manteniment għat-Tfal u Forom Oħra ta' Manteniment tal-Familja, u l-Protokoll dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment;

— Tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali permezz tal-adeżjoni u l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet rilevanti, speċjalment dawk tal-Kunsill tal-Ewropa.

2.5 **Kwistjonijiet Kummerċjali u Relatati mal-Kummerċ**

Iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva tifforma parti estensiva mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Għalhekk huwa mistenni li l-implimentazzjoni ta' din il-parti, li tinsab fit-Titolu IV KUMMERĊ U KWISTJONIJIET RELATATI MAL-KUMMERĊ, ser tingħata livell ta' prijorità xieraq għall-importanza tagħha fil-kuntest ġenerali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u fil-qafas tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Georgia.

Kummerċ ta' Prodotti

Il-partijiet ser jikkooperaw fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għas-suq għal oġġetti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni previst, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet konġunti, biex:

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Ikun hemm aktar titjib fil-qasam tal-istatistika dwar il-kummerċ;

— Jiġi żgurat li ma sseħħ l-ebda żieda fid-dazji tal-importazzjoni applikabbli attwalment fil-kummerċ bejn il-partijiet fil-perijodu wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim (klawsola ta' waqfien totali);

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jingħata appoġġ lill-Georgia sabiex iżżid id-diversifikazzjoni tal-istruttura tal-esportazzjoni tal-Georgia, inkluż l-esportazzjoni ta' prodotti ġodda lejn is-suq tal-UE;

— Kooperazzjoni mill-qrib bil-għan li jiġi applikat b'mod effettiv mekkaniżmu ta' kontra ċ-ċirkomvenzjoni;

— Tingħata assistenza lill-Georgia fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni li jista' jkollha l-ħsieb thejji dwar l-aċċess għas-suq jew kwistjonijiet relatati oħra (jiġifieri rimedji kummerċjali);

— Jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi relatati mal-aċċess tas-suq u mal-politika dwar l-aċċess għas-suq.

Regolamenti tekniċi, Standardizzazzjoni u Infrastruttura Relatata

Il-Partijiet ser jikkooperaw fil-qasam tal-istandards, ir-regolamenti tekniċi, il-metroloġija, is-sorveljanza tas-swieq, l-akkreditazzjoni u l-valutazzjoni tal-konformità biex tinkiseb approssimazzjoni gradwali ta' dawn is-sistemi mas-sistemi rilevanti tal-UE kif previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Il-kooperazzjoni ser tinkludi:

Prijoritajiet fuq terminu medju

— L-iżvilupp tal-leġislazzjoni li l-Georgia impenjat ruħha li timplimenta fuq il-bażi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kif previst fl-Istrateġija tal-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (TBT) tagħha;

— L-iżvilupp tal-infrastruttura relatata mal-amministrazzjoni tal-istandards, ir-regolamenti tekniċi, il-metroloġija, is-sorveljanza tas-suq, l-akkreditazzjoni, il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità, inkluż permezz tal-appoġġ tal-UE;

— Il-faċilitazzjoni tat-tħejjija u l-adattament tal-partijiet ikkonċernati, inkluż l-operaturi ekonomiċi, għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni approssimata;

— It-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għas-Sorveljanza tas-Suq għall-oġġetti industrijali;

— Fil-qasam tas-Sorveljanza tas-Suq, jissaħħu l-kapaċitajiet amministrattivi rilevanti tal-istituzzjonijiet tal-Istat u tal-korpi tas-sorveljanza tas-suq Georgjani;

— Jingħata aktar taħriġ lill-persunal tal-amministrazzjoni tal-korpi u l-aġenziji governattivi responsabbli;

— L-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aspetti kollha rilevanti tat-TBT u l-Istrateġiji tas-Sorveljanza tas-Suq tal-Georgia, inkluż l-oqfsa ta' żmien kif applikabbli.

Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (SPS)

Il-Partijiet ser jikkooperaw fit-tħejjija għall-approssimazzjoni tal-istandards sanitarji u fitosanitarji tal-Georgia għall-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-pjanti kif ukoll il-leġislazzjoni u l-prattika tal-UE dwar is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, kif stabbilit fl-Annessi rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Il-kooperazzjoni ser tinkludi:

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— L-appoġġ ta' sistema ta' twissija bikrija għall-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali u s-sikurezza tas-saħħa tal-pjanti;

— Jiġu organizzati kampanji ta' informazzjoni, ma' aġenziji, negozji u l-NGOs rilevanti, dwar ir-rekwiżiti għall-aċċess tas-suq tal-UE, u mas-soċjetà ċivili dwar l-aspetti tal-konsumatur fis-sikurezza tal-ikel u l-għalf;

— Jingħataw aktar konsulenza u appoġġ tekniku lill-Georgia fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni, inkluż taħriġ tal-persunal rilevanti, għajnuna fil-bini tal-kapaċità lill-awtorità kompetenti u l-appoġġ għat-titjib tal-kapaċità tal-laboratorji, f'konformità mar-rekwiżiti tal-UE;

— Titjib fil-kapaċità ta' adattament tal-kummerċ Georgjan għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni approssimata.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— L-appoġġ għall-Georgia biex issaħħaħ l-analiżi tar-riskju fil-qasam tal-SPS; l-iżgurar tal-kontrolli fitosanitarji veterinarji u tas-sikurezza tal-ikel fil-postijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera;

— Faċilitazzjoni tal-adattament tan-negozji Georgjani għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni approssimata;

— Il-kollaborazzjoni fil-qasam tal-benessri tal-annimali u fuq it-tnaqqis tal-użu tal-antibijotiċi fil-produzzjoni tal-annimali biex tiġi miġġielda r-reżistenza għall-antibijotiċi.

Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u d-Dwana

Il-Partijiet ser jikkooperaw fit-tħejjija tal-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Georgia mal-*acquis* tal-UE u l-istandards internazzjonali elenkati fl-Anness rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. L-approssimazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li qed jiġi implimentat mill-1 ta' Mejju 2016. L-Anness tal-FA rilevanti għandu jirrifletti s-sostituzzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità bil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— L-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni doganali;

— Approssimazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Georgia dwar l-infurzar doganali tal-IPR mal-*acquis* tal-UE, kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Approssimazzjoni tas-sistema tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Georgia ma' dik tal-UE;

— Tkomplija tal-modernizzazzjoni tal-awtoritajiet doganali tal-Georgia;

— Tkomplija tas-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-proċeduri doganali;

— Assistenza lill-Georgia fl-adeżjoni tagħha għall-Konvenzjoni dwar proċedura ta' tranżitu komuni;

— Kooperazzjoni fuq il-kontroll doganali bbażat fuq ir-riskju u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti li tikkontribwixxi għal ġestjoni aħjar tar-riskji u s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ leġittimu u s-sikurezza u s-sigurtà tal-prodotti importati, esportati jew fi tranżitu;

— Tisħiħ tad-djalogu dwar il-ġlieda kontra l-frodi għall-prevenzjoni tal-kummerċ illegali, inkluż ta' prodotti soġġetti għas-sisa, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni msaħħa skont il-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka f'Materji Doganali;

— Konsiderazzjoni tal-prospett ta' rikonoxximent reċiproku tas-sistema ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Regoli tal-Oriġini

Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex jimplimentaw ir-regoli tal-oriġini stipulati fil-protokoll rilevanti għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Georgia għall-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji. Din il-kooperazzjoni ser tinkludi ħidma biex:

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Jiġu diskussi l-proċeduri attwali applikati mis-servizzi doganali tal-Georgia biex jiċċertifikaw u jivverifikaw l-oriġini tal-prodotti.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jiġi sostitwit il-protokoll attwali ta' regoli tal-oriġini (Protokoll 2 tal-FA) permezz ta' referenza għar-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji wara l-adeżjoni tal-Georgia;

— Jitkompla t-taħriġ dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-verifika tal-oriġini preferenzjali lis-servizzi doganali tal-Georgia.

Regolamenti tekniċi, Standardizzazzjoni u Infrastruttura Relatata

Il-Partijiet ser ikomplu d-djalogu dwar l-istabbiliment, il-kummerċ fis-servizzi u l-kummerċ elettroniku skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Barra minn hekk, il-Partijiet ser jippreparaw għall-implimentazzjoni tal-impenji li saru fl-oqsma tas-servizzi, kif previst fl-annessi rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni previst. Dawn jinkludu l-għoti tat-taħriġ u l-bini tal-kapaċità amministrattiva adegwata sabiex titwettaq l-approssimazzjoni leġislattiva ppjanata, u jiġu żgurati l-iskambji regolari ta' informazzjoni fir-rigward tal-ħidma prevista u għaddejja fiż-żoni magħżula għall-approssimazzjoni.

— Isir skambju tal-informazzjoni u esperjenza fuq il-pjattaformi ta' żvilupp interoperabbli tal-kummerċ elettroniku;

— Isir skambju tal-informazzjoni u l-esperjenza dwar is-sensibilizzazzjoni fost il-partijiet interessati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-prinċipji ewlenin tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali, b'mod partikolari l-obbligu tal-posta universali, kif ukoll dwar kwalunkwe politika oħra fis-settur postali.

Pagamenti Kurrenti u Moviment tal-Kapital

Il-Partijiet ser ikomplu d-djalogu dwar il-movimenti tal-kapital u l-pagamenti b'mod partikolari bil-għan li jimmonitorjaw il-konformità mal-impenji eżistenti kollha u għat-tħejjija tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Akkwist Pubbliku

Il-Partijiet ser jaħdmu flimkien fit-tħejjija tal-Georgia għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu dwar l-Akkwist Pubbliku kif previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u r-riformi relatati. Il-ħidma ser tinkludi:

Prijoritajiet fuq terminu medju

— L-għoti ta' informazzjoni preċiża u f'waqtha dwar il-ħidma leġislattiva ppjanata li taffettwa l-politika dwar l-akkwist pubbliku u l-implimentazzjoni tagħha, kemm għall-approssimazzjoni legali kif ukoll għall-istabbiliment tal-istituzzjonijiet fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Diġà ġie adottat pjan direzzjonali komprensiv mill-Gvern tal-Georgia fil-31 ta' Marzu 2016, u dan ikopri ħames fażijiet ta' azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati matul il-perijodu mill-2016 sal-2022. Il-Partijiet ser jiddiskutu ulterjorment l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali, fid-dawl ukoll tal-iżgurar tal-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni dwar l-akkwist pubbliku Georgjan mal-*acquis* tal-UE dwar l-akkwist pubbliku kif previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali (DPI)

Il-Partijiet ser jikkooperaw fil-preparazzjonijiet tal-Georgia għall-approssimazzjoni mal-*acquis* tal-UE u l-istandards internazzjonali dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi kif previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u ser jiżguraw il-protezzjoni effettiva tal-IPR kollha, inkluż l-indikazzjonijiet ġeografiċi. Il-kooperazzjoni għandha tinkludi:

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jiġi żgurat li d-detenturi tad-drittijiet miż-żewġ Partijiet ikollhom livell għoli ta' protezzjoni u nfurzar tad-DPI;

— Tissaħħaħ il-kapaċità tal-infurzar tal-korpi governattivi rilevanti jew l-aġenziji eżekuttivi, kif ukoll l-iżgurar tal-funzjonament xieraq tas-sistema ġudizzjarja sabiex jiġi ggarantit l-aċċess għall-ġustizzja lid-detenturi tad-drittijiet u l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet;

— Jiġi appoġġat il-funzjonament taċ-Ċentru Nazzjonali għall-Proprjetà Intellettwali tal-Georgia "Sakpatenti" sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà industrijali u tad-drittijiet tal-awtur; tiġi estiża l-kooperazzjoni ma' awtoritajiet u assoċjazzjonijiet tal-industrija ta' pajjiżi terzi;

— Jittieħdu miżuri biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika fil-qasam tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u industrijali u jiġi żgurat djalogu effikaċi mad-detenturi tad-drittijiet;

— Jittieħdu miżuri effettivi kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija, inkluż il-produzzjoni ta' informazzjoni statistika dwar dawn l-attivitajiet sabiex tiġi skambjata bejn il-Partijiet.

Kompetizzjoni

Prijoritajiet fuq terminu medju

Il-Partijiet ser jikkooperaw fuq l-implimentazzjoni tal-Kapitolu dwar il-Kompetizzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni previst u r-riformi relatati. Il-Kooperazzjoni ser tittratta l-qafas istituzzjonali tal-Georgia u l-kapaċità amministrattiva rilevanti li tiggarantixxi l-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni rilevanti, kif ukoll id-djalogu mtejjeb dwar l-infurzar leġislattiv fil-qasam tal-kompetizzjoni u l-leġislazzjonijiet relatati.

Trasparenza

Prijoritajiet fuq terminu qasir

Il-Partijiet għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għall-kooperazzjoni meta jippreparaw għall-implimentazzjoni tal-impenji fuq it-trasparenza fit-tfassil tal-politiki relatati mal-kummerċ. Il-partijiet għandhom jiddiskutu l-aħjar prattiki u esperjenzi rispettivi fit-tfassil trasparenti tal-politiki, l-iskambju tal-informazzjoni u l-għoti ta' taħriġ rilevanti, inkluż fuq il-mekkaniżmi ta' komunikazzjoni u l-konsultazzjonijiet bejn il-partijiet interessati, kif ukoll imexxu seminars u avvenimenti oħrajn għall-pubbliku ġenerali, bl-għan li tiġi spjegata l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-proċess ta' approssimazzjoni.

Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli

Prijoritajiet fuq terminu medju

Il-Partijiet għandhom ikomplu d-djalogu tagħhom fuq il-kwistjonijiet koperti mill-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, b'mod partikolari l-iskambju tal-informazzjoni dwar l-iżvilupp tas-sistema ta' spezzjoni tax-xogħol xierqa għall-istandards internazzjonali tax-xogħol fundamentali kollha, l-implimentazzjoni tal-Kodiċi tax-Xogħol, l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali multilaterali, li kull naħa hija parti għalihom, u l-implimentazzjoni tal-impenji tagħhom relatati mal-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll għandhom jiddiskutu u jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni futura tal-impenji taħt il-Kapitolu fir-rigward tal-involviment tal-partijiet interessati u d-djalogu mas-soċjetà ċivili.

2.6. **Żvilupp Ekonomiku u Opportunitajiet tas-Suq**

Il-Partijiet sejrin jikkooperaw biex jappoġġaw lill-Georgia biex tistabbilixxi ekonomija tas-suq li taħdem bis-sħiħ u biex b'mod gradwali tapprossimizza l-politiki tagħha mal-politiki tal-UE, f'konformità mal-prinċipji gwida tal-istabbiltà makroekonomika, finanzi pubbliċi sodi, sistema finanzjarja b'saħħitha u bilanċ tal-pagamenti sostenibbli. Għal dan il-għan sejrin jimmonitorjaw l-iżviluppi makroekonomiċi, jiddiskutu sfidi ewlenin tal-politika u jiskambjaw l-informazzjoni dwar l-aħjar prattiki billi jsaħħu d-djalogu makroekonomiku regolari sabiex itejbu l-kwalità tat-tfassil tal-politika ekonomika.

Barra minn hekk, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw bl-għan li:

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Tissaħħaħ l-indipendenza u s-setgħat regolatorji tal-Bank Nazzjonali tal-Georgia (NBG) u tiġi kondiviża l-esperjenza tal-UE, inkluż dik mill-BĊE, fuq il-politika monetarja u tar-rata tal-kambju kif ukoll ir-regolamentazzjoni u l-politiki ta' sorveljanza fis-settur finanzjarju u bankarju, sabiex jiżviluppaw ulterjorment il-kapaċitajiet tal-Georgia f'dawn l-oqsma;

— Titjieb is-sostenibbiltà u l-governanza tal-finanzi pubbliċi, bl-implimentazzjoni ta' riformi fiskali;

— Tiġi żviluppata xibka tas-sikurezza soċjali sostenibbli, komprensiva u mmirata.

Agrikoltura u Żvilupp Rurali

Il-Partijiet ser jikkooperaw fuq:

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— L-adozzjoni tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Rurali tal-Georgia 2017-2020 u l-implimentazzjoni tagħha.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— L-immodernizzar u t-titjib tal-effiċjenza tal-istituzzjonijiet responsabbli għall-iżvilupp agrikolu, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni, f'dan il-proċess, tal-partijiet interessati rilevanti kollha fis-settur;

— Il-faċilitazzjoni tal-adozzjoni gradwali tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti agrikoli biex jappoġġaw iktar sikurezza tal-ikel u l-implimentazzjoni ta' skemi ta' kwalità;

— It-titjib tal-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola, billi jitrawmu ekonomiji ta' skala permezz ta' kooperattivi agrikoli orjentati lejn is-suq, billi jiġu żviluppati sistemi ta' konsulenza u estensjoni biex jiżdiedu l-produzzjoni u l-esportazzjonijiet; u billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għal kreditu u riżorsi finanzjarji vijabbli għall-agrikoltura;

— L-appoġġ għall-iżvilupp tal-ktajjen ta' valur effiċjenti u appoġġ lill-SMEs sabiex tiżdied il-kompetittività tagħhom fis-setturi magħżula b'valur għoli ta' esportazzjoni;

— Il-mixja lejn il-konverġenza progressiva u l-implimentazzjoni ta' politiki ta' żvilupp agrikoli u rurali effettivi, fuq il-bażi tal-mudelli li ħadmu tal-UE;

— It-titjib fil-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-għajxien fiż-żoni rurali permezz tal-ġestjoni mtejba tar-riżorsi naturali, servizzi u infrastruttura mtejbin u diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali;

— L-appoġġ għall-promozzjoni tal-prodotti agrikoli Georgjani.

Kontroll Finanzjarju Intern Pubbliku u Awditjar Estern

Il-Partijiet ser jikkooperaw bl-għan li jiżguraw l-iżvilupp tal-kontroll finanzjarju intern pubbliku u l-awditjar estern billi:

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Jiżviluppaw ulterjorment is-sistema ta' kontroll intern taħt responsabbiltà maniġerjali deċentralizzata, inkluż awditi interni funzjonalment indipendenti fl-awtoritajiet tal-Istat billi tiġi żgurata l-armonizzazzjoni ma' standards internazzjonali, oqfsa u prassi tajbin tal-UE li jkunu aċċettati b'mod ġenerali;

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jitkompla t-titjib tas-sistema ta' kontroll u ta' awditjar intern fis-settur pubbliku f'konformità mal-valutazzjoni tad-differenza bejn il-prattika attwali u l-istandards internazzjonali, l-oqfsa u prassi tajbin tal-UE li jkunu aċċettati b'mod ġenerali;

— Jiġi żgurat aktar żvilupp tal-funzjoni tal-awditjar estern tal-Qorti tal-Kontijiet (l-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat tal-Georgia), f'konformità ma' standards internazzjonali aċċettati b'mod ġenerali (INTOSAI).

Tassazzjoni

Il-Partijiet ser ikabbru u jsaħħu l-kooperazzjoni bil-għan li jtejbu u jiżviluppaw is-sistema u l-amministrazzjoni tat-taxxa tal-Georgia, abbażi tal-istandards tal-UE u dawk internazzjonali, inkluż il-preparazzjoni għall-approssimazzjoni gradwali mal-*acquis* tal-UE u l-istrumenti internazzjonali kif stabbilit fl-Anness rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni previst, b'mod partikolari billi:

— Titjieb u tiġi ssimplifikata l-leġislazzjoni tat-taxxa;

— Titjieb il-kooperazzjoni internazzjonali dwar it-taxxa biex titjieb il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, jiġifieri l-prinċipji tat-trasparenza, l-iskambju tal-informazzjoni u l-kompetizzjoni ġusta fit-tassazzjoni;

— Titjieb il-kapaċità tal-amministrazzjoni fiskali, b'mod partikolari billi wieħed jimxi lejn Sistema aktar iffokata bbażata fuq ir-riskju għall-kontrolli fiskali u l-awditjar;

— Jittieħdu miżuri għall-armonizzazzjoni ta' politiki fil-mitigazzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi u l-kuntrabandu ta' prodotti li titħallas is-sisa fuqhom;

— Tiġi żviluppata kooperazzjoni mal-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri tal-UE billi jiġu skambjati esperjenzi u tendenzi ġodda fil-qasam tat-tassazzjoni.

Statistika

Il-Partijiet ser jikkooperaw fuq:

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jiġu indirizzati d-diskrepanzi statistiċi fil-kejl tad-data dwar il-kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Georgia;

— Tkompli tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-istatistika u d-data lir-riċerkaturi, il-ġurnalisti u l-pubbliku ġenerali;

— It-tħejjija għall-approssimazzjoni lejn l-*acquis tal-UE, b'mod partikolari permezz ta'*:

  — Jiġi introdott rappurtar ta' kwalità għall-maġġoranza tal-istħarriġ statistiku;

  — Titlesta l-introduzzjoni tal-SNA 2008;

  — Tiġi allinjata l-Metodoloġija tal-Istatistika tan-Negozju mal-istandards tal-UE u l-istatistiċi dwar in-Negozju orjentati fuq ir-rekwiżiti futuri tad-data kif inkluż fir-Regolament Qafas għall-Istatistika Integrata tan-Negozju (FRIBS); il-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-esperjenzi tal-pajjiżi tal-UE fl-implimentazzjoni tal-FRIBS hija mixtieqa għat-titjib tal-proċess ta' allinjament.

Politika dwar il-Konsumatur

Bil-għan li jħejju għall-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-UE u tal-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Anness rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni previst, il-Partijiet ser jikkooperaw biex:

— L-appoġġ lill-Georgia sabiex tapprossima gradwalment il-leġislazzjoni tagħha lil-leġislazzjoni rilevanti tal-UE u lill-istrumenti internazzjonali skont l-iskedi taż-żmien stipulati fl-anness XXIX tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;

— Tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur fil-Georgia, speċjalment permezz ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-gvern u rappreżentanti oħra tal-interess tal-konsumatur dwar l-approssimazzjoni mal-leġislazzjoni tal-UE u l-implimentazzjoni sussegwenti tagħha.

Liġi tal-Kumpaniji, Kontabbiltà u Awditjar u Governanza Korporattiva

Il-Partijiet ser jikkooperaw fid-dawl tal-preparazzjoni tal-Georgia għall-implimentazzjoni tal-approssimazzjoni tal-*acquis* tal-UE u l-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Anness rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, u b'mod partikolari tal-isforzi tal-Georgia biex isir użu akbar mid-djalogu regolari bejniethom sabiex tiġi approfondita l-kooperazzjoni u jiġu diskussi l-passi li għandhom jittieħdu.

<u>Prijoritajiet fuq terminu qasir</u>

— Jiġu identifikati l-oqsma li fihom l-UE tista' tipprovdi aktar taħriġ u bini tal-kapaċitajiet.

<u>Prijoritajiet fuq terminu medju</u>

— Tiġi żviluppata l-kapaċità amministrattiva tal-istituzzjonijiet statali rilevanti;

— Jiġu żviluppati liġijiet tal-kumpaniji u liġijiet rilevanti oħrajn fir-rigward tal-*acquis* tal-UE;

— Tiġi żgurata l-implimentazzjoni tar-regoli stipulati mil-liġi ġdida dwar il-Kumpaniji relatata mad-divulgazzjoni obbligatorja tal-informazzjoni;

— Jiġu introdotti standards ta' awditjar internazzjonali rilevanti fil-livell nazzjonali u tiġi promossa l-applikazzjoni tagħhom mill-kumpaniji elenkati kollha fil-livell nazzjonali;

— Tingħata informazzjoni f'waqtha, rilevanti u preċiża dwar l-istat u l-iżvilupp tal-leġislazzjoni eżistenti fil-Georgia u l-konformità tagħha mal-*acquis* tal-UE u l-iskambju minn qabel tal-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-bini tal-istituzzjoni u l-kapaċità rilevanti għall-approssimazzjoni tal-*acquis* tal-UE; (NB F'dan il-kuntest, il-gvern adotta Pjan ta' Azzjoni għar-Rappurtar Finanzjarju u r-Riforma fl-Awditjar. Wieħed mir-riżultati tanġibbli huwa l-liġi dwar il-Kontabbiltà, ir-Rappurtar u l-Awditjar promulgata fit-8 ta' Ġunju 2016).

Servizzi Finanzjarji

Il-kooperazzjoni għandha l-għan li tipprepara lill-Georgia għall-modernizzazzjoni tal-qafas regolatorju finanzjarju u superviżorju finanzjarju tagħha, bl-użu tal-leġislazzjoni tal-UE u l-istrumenti internazzjonali msemmija fl-annessi rilevanti għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bħala referenza għall-iżvilupp ta' sett ta' regoli xierqa għall-Georgia. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi l-azzjonijiet li ġejjin u tikkontribwixxi għall-ilħiq tal-objettivi li ġejjin:

<u>Prijoritajiet fuq terminu qasir</u>

— Jiġu identifikati l-oqsma fejn għandhom jingħataw taħriġ u bini tal-kapaċità;

— Jiġu stabbiliti kuntatti u skambju ta' informazzjoni ma' superviżuri finanzjarji tal-UE skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;

— Tingħata informazzjoni f'waqtha, rilevanti u preċiża dwar l-istat u l-iżvilupp tal-leġislazzjoni eżistenti fil-Georgia.

<u>Prijoritajiet fuq terminu medju</u>

— Jinħoloq qafas regolatorju u superviżorju ġdid f'konformità mal-istandards regolatorji maqbula fuq livell internazzjonali, inkluż approċċ superviżorju, għodod u strumenti ġodda;

— It-titjib tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet superviżorji;

— Issoktar tal-kooperazzjoni mal-FATF, mal-Kunsill tal-Ewropa, mal-MONEYVAL, kif ukoll mal-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri tal-UE u jiġu ffirmati Memoranda ta' Ftehim bejn l-awtoritajiet tal-intelligence finanzjarja tal-Georgia u tal-Istati Membri tal-UE.

Politika Industrijali u tal-Intrapriżi u l-Minjieri

Il-Partijiet ser jikkooperaw sabiex itejbu l-ambjent kummerċjali u dak regolatorju, b'mod partikolari għall-SMEs, inkluż il-mikroimpriżi, b'mod partikolari billi:

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Jiġu implimentati l-Istrateġija tal-Georgia tal-SME u l-Pjan ta' Azzjoni korrispondenti għall-2016-2017;

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jiġi implimentat il-pjan direzzjonali speċifiku għall-pajjiż u r-rakkomandazzjonijiet tal-Valutazzjonijiet tal-SBA (Att dwar in-Negozji ż-Żgħar) sa fejn ikun possibbli;

— L-iżvilupp tal-SMEs jintrabat mal-opportunitajiet maħluqa mid-DCFTA inkluż ukoll permezz tan-netwerks (ta' sostenn) kummerċjali (bħal Netwerk Enterprise Europe) u r-raggruppamenti;

— Jissaħħaħ ir-rwol tal-assoċjazzjonijiet tan-negozju u l-SMEs (inkluż l-assoċjazzjonijiet settorjali) sabiex jitjieb id-Djalogu Pubbliku-Privat;

— Jiġu żviluppati opportunitajiet għan-negozji ġodda tal-Georgia biex jidħlu fis-swieq tal-UE u tal-Georgia.

Permezz tas-Sottokumitat iddedikat, il-Partijiet sejrin jiskambjaw l-informazzjoni dwar il-minjieri u l-metalli sabiex jiksbu fehim aħjar tal-politiki tal-Georgia u tal-UE, inkluż l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva dwar il-Materja Prima tal-UE, il-programm ta' riċerka Orizzont 2020 u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar il-Materja Prima.

Turiżmu

Permezz tas-Sottokumitat iddedikat il-Partijiet ser jiskambjaw l-informazzjoni dwar l-iżvilupp tat-turiżmu fil-Georgia u fl-UE, inkluż l-avvenimenti rilevanti u l-aħjar prattiki u jappoġġaw lill-Georgia fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għat-Turiżmu tal-Georgia adotta fl-2015.

Impjiegi, Politika Soċjali u Opportunitajiet Indaqs

Il-Partijiet ser jikkooperaw biex:

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Issir preparazzjoni għall-approssimazzjoni u l-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-UE fl-oqsma tal-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġi dwar ix-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kif imsemmi fl-annessi għall-Ftehim rilevanti, u b'mod partikolari jiġi stabbilit infurzar tal-liġi u sistema ta' superviżjoni xierqa f'konformità mal-approċċi tal-UE (li jibdew biż-żona ta' Saħħa u Sigurtà Okkupazzjonali) u sabiex tinbena kapaċità tas-sħab soċjali (pereżempju t-taħriġ dwar il-leġislazzjoni u l-istandards tas-saħħa u s-sigurtà tal-UE u l-leġislazzjoni u l-istandards tal-UE fir-rigward tal-liġi tax-xogħol);

— Isir monitoraġġ tal-implimentazzjoni li għaddejja tal-Mudell Ġdid tas-Servizzi għas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi;

— Jiġi kkumplimentat il-qafas legali neċessarju għall-istabbiliment ta' sistema effettiva ta' spezzjoni tax-xogħol;

— Jitjiebu ulterjorment il-kapaċitajiet tas-servizzi soċjali u tal-Ministeru għax-Xogħol, is-Saħħa u l-Affarijiet Soċjali sabiex jiġu msaħħa l-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-impjieg soċjali li jirrispettaw il-prinċipji tal-opportunitajiet indaqs.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jiġu mnedija s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi pubbliku definiti mill-ġdid b'kapaċitajiet adegwati u f'konformità mar-rekwiżiti tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi Ewropej;

— Tiġi stabbilita sistema effikaċi ta' spezzjoni tax-xogħol f'konformità mal-istandards tal-ILO sabiex tiġi żgurata l-kapaċità amministrattiva u ta' infurzar fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol, u t-tisħiħ tal-korpi ġuridiċi rilevanti;

— Jiġi żviluppat approċċ strateġiku għall-impjiegi, li jimmira għal aktar impjiegi u għal impjiegi aħjar, b'kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti, it-tlaqqigħ aħjar tal-ħiliet u l-impjiegi fis-suq tax-xogħol u l-promozzjoni ta' miżuri attivi fis-suq tax-xogħol u servizzi tal-impjiegi effiċjenti, b'attenzjoni partikolari fuq iż-żgħażagħ;

— Jiġi żgurat djalogu soċjali li jiffunzjona sew permezz tal-funzjonament effettiv tal-Kummissjoni ta' Sħubija Soċjali Tripartitika u l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali.

Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Ekonomija Diġitali u s-Soċjetà

Il-Partijiet ser jikkooperaw biex jippreparaw għall-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-UE msemmi fl-Annessi rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni previst u li jappoġġaw lill-Georgia fi:

<u>Prijoritajiet fuq terminu medju</u>

— Sforzi biex tiġi approssimizzata l-leġislazzjoni fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi mal-*acquis* tal-UE;

— Attivitajiet iddedikati għat-tisħiħ tal-indipendenza u l-kapaċità amministrattiva tar-regolatur nazzjonali fil-qasam tal-komunikazzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-kapaċità tiegħu li jieħu miżuri regolatorji xierqa u li jinforza d-deċiżjonijiet tiegħu stess u r-regolamenti kollha applikabbli, u biex tiġi ggarantita l-kompetizzjoni ġusta fis-swieq;

— Tisħiħ tas-settur permezz tal-iskambju tal-informazzjoni u l-esperjenza dwar l-implimentazzjoni tas-Suq Uniku Diġitali (DSM);

— Sforzi biex tiżdied ir-reżiljenza ċibernetika tas-setturi ewlenin tal-infrastruttura kritika u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku, abbażi tal-esperjenzi rilevanti tal-UE u f'konformità man-normi tal-UE.

Politika tas-Sajd u Marittima

Il-Partijiet ser jikkooperaw fuq:

<u>Prijoritajiet fuq terminu qasir</u>

— It-trawwim ta' approċċ integrat għall-kwistjonijiet marittimi, speċjalment permezz ta' kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' inizjattivi transsettorjali fil-qasam marittimu billi jiġi stabbilit grupp ta' ħidma dwar kwistjonijiet marittimi magħmul mill-ministeri u s-servizzi rilevanti, u billi jiġu identifikati oqsma ta' interess komuni u ssir kooperazzjoni attiva mal-Istati tal-kosta u l-partijiet interessati marittimi fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, fil-kuntest tal-Politika Marittima Integrata tal-UE.

<u>Prijoritajiet fuq terminu medju</u>

— It-titjib u t-tisħiħ tal-monitoraġġ u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd u tal-kummerċ fil-prodotti tas-sajd u t-traċċabilità tagħhom, sabiex jiġi miġġieled b'mod effettiv is-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat (sajd IUU);

— Jittieħdu l-passi neċessarji sabiex jinkiseb sajd sostenibbli fil-Baħar l-Iswed, kemm fil-qafas bilaterali kif ukoll fil-qafas multilaterali abbażi ta' approċċ tal-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd;

— Tiżdied il-kooperazzjoni xjentifika u teknika bil-għan li tiġi żgurata l-kapaċità tal-monitoraġġ tas-sajd abbażi ta' data soda u affidabbli, u l-evalwazzjoni tal-istat tar-riżorsi tal-baħar u l-ambjent marin.

Saħħa Pubblika

Il-Partijiet ser jikkooperaw fuq:

— Appoġġ lill-Georgia fil-preparazzjoni għall-implimentazzjoni tal-*acquis* tas-saħħa tal-UE, kif imsemmi fl-annessi rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza tad-demm, il-kontroll tat-tabakk, il-kwalità u s-sikurezza tas-sustanzi li joriġinaw mill-bniedem (tessuti tad-demm, organi, ċelloli) u mard li jittieħed f'konformità wkoll mal-obbligi internazzjonali tal-Georgia skont il-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk u r-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa;

— Titjieb il-kopertura tal-Programm tal-Kura tas-Saħħa Universali u jonqsu l-ispejjeż mill-but li jridu jitħallsu mill-pazjenti. Din il-kwistjoni hija kkunsidrata bħala prijorità ewlenija tal-gvern u hija riflessa, fost l-oħrajn, fiż-żieda tan-nefqa pubblika fuq is-saħħa u r-riformi komprensivi sabiex jissaħħaħ is-settur tal-kura tas-saħħa;

— Titjieb il-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa primarja mmirata lejn il-prevenzjoni tal-mard u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja;

— Jissaħħu l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa – li ħafna minnhom huma mmexxija mill-privat – u r-responsabbiltà tagħhom permezz tal-istabbiliment ta' indikaturi tal-kwalità, xiri bbażat fuq il-valur u proċessi ta' ġestjoni ta' kwalità oħra, inkluż l-għarfien għall-akkreditazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa minn korpi internazzjonali ta' akkreditazzjoni;

— It-tisħiħ tal-azzjoni nazzjonali multisettorjali fil-ġlieda kontra r-reżistenza mikrobijoloġika fost l-oħrajn billi jissaħħu s-sorveljanza, l-użu prudenti tal-antimikrobiċi u l-kontroll tal-infezzjonijiet fl-ambjenti tal-kura tas-saħħa.

2.7 **Konnettività, Effiċjenza fl-Enerġija, Ambjent, Azzjoni dwar il-Klima u Protezzjoni Ċivili**

Trasport

Il-Partijiet ser jikkooperaw biex itejbu ulterjorment l-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-UE fil-modi kollha tat-trasport imsemmija fl-Annessi rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u li jappoġġaw lill-Georgia biex:

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Tiġi segwita l-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-avjazzjoni tal-UE sabiex tisfrutta l-vantaġġ kollu tal-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia;

— Attivitajiet sabiex titjieb is-sikurezza fil-modi tat-trasport (avjazzjoni, fit-triq, marittimu, ferrovjarju);

— L-iżvilupp ta' infrastruttura, b'mod partikolari biex tagħti bidu għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti ulterjuri għall-iżvilupp tan-netwerk ewlieni estiż tat-TEN-T, kif miftiehem fil-laqgħa ministerjali dwar it-TEN-T ta' Rotterdam fl-2016.

Kooperazzjoni fl-Enerġija

Il-Partijiet ser jikkooperaw bil-għan li:

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Titlesta l-adeżjoni formali tal-Georgia fit-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija bħala Parti kontraenti skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;

— Tiġi implimentata l-leġislazzjoni rilevanti fl-oqsma tal-elettriku, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, iż-żejt, il-gass, l-istatistika dwar l-enerġija, l-ambjent relatati mal-enerġija u l-prospettar tal-idrokarburi, f'konformità mat-termini u l-kondizzjonijiet stipulati fil-protokoll ta' adeżjoni għat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jittieħdu passi lejn l-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija tal-Georgia ma' dak tal-UE, u jissaħħu s-sigurtà tal-enerġija tal-Georgia u l-konverġenza regolatorja permezz tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE, inkluż il-leġislazzjoni sekondarja relatata, applikabbli għall-Georgia, skont il-FA u l-impenji tal-Komunità tal-Enerġija u f'konformità mal-iskeda taż-żmien miftiehma mill-Georgia f'dawn l-oqfsa;

— Kooperazzjoni dwar l-attrazzjoni tas-sostenn internazzjonali għall-iżvilupp, inkluż dak mill-fondi internazzjonali għall-klima u strumenti finanzjarji oħrajn;

— It-tisħiħ tal-infrastruttura tan-netwerk u l-interkonnessjonijiet tal-enerġija tal-Georgia, b'mod partikolari:

  — fir-rigward tal-elettriku, il-promozzjoni tal-kummerċ transkonfinali u l-interkonnessjonijiet mal-pajjiżi tal-viċinat u r-rinforz tal-grilja ta' trasmissjoni tal-Georgia;

— fir-rigward tal-gass naturali, l-espansjoni tal-pipelines tal-gass ewlenin, inkluż il-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni tal-espansjoni tal-pipeline tal-gass tal-Kawkasu tan-Nofsinhar fuq it-territorju Georgjan, kif ukoll l-appoġġ/il-promozzjoni ta' proġetti oħrajn ta' importanza reġjonali ta' tranżitu ta' gass u żejt biex jiġi żgurat it-trasport tar-riżorsi tal-enerġija tal-Baħar Kaspju lejn is-swieq tal-punent, kif ukoll biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' ħażna tal-gass taħt l-art biex tiżdied is-sigurtà tal-enerġija fil-Georgia.

Ambjent

Il-Partijiet ser jikkooperaw bil-għan li:

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Titjieb il-governanza ambjentali permezz tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni l-ġdida fil-Georgia fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali, il-valutazzjoni strateġika tal-ambjent, il-leġislazzjoni l-ġdida dwar ir-responsabbiltà ambjentali, permezz tal-iżgurar tal-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjoni, billi jiġu involuti l-partijiet interessati kollha, kif ukoll billi l-ambjent jiġi integrat f'oqsma oħrajn tal-politika u billi titjieb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-ambjent f'konformità mal-prinċipji tas-Sistema dwar l-Informazzjoni Ambjentali Kondiviża (SEIS);

— Jiġi adottat it-Tielet Programm ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Ambjent tal-Georgia (2017-2021);

— Tibda l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart Radjoattiv.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jiġi implimentat it-Tielet Programm ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Ambjent tal-Georgia (2017-2021) skont l-iskeda taż-żmien tan-NEAP 3;

— Tiġi implimentata l-Istrateġija nazzjonali għall-ġestjoni tal-iskart u l-miżuri previsti fil-pjan ta' azzjoni tal-2016-2020;

— Titkompla l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Georgia mal-*acquis* tal-UE u jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi u r-Regolamenti tal-UE kif previst fl-Annessi rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;

— Jitfassal pjan direzzjonali għar-ratifika u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali multilaterali, inkluż, fost oħrajn, il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar il-Protezzjoni u l-Użu ta' Passaġġi tal-Ilma Transkonfinali u Għadajjar Internazzjonali, u l-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Effetti Transkonfinali tal-Inċidenti Industrijali. Javvanzaw it-tħejjijiet biex issir parti għall-Konvenzjoni ta' Espoo u l-protokoll tagħha dwar il-Valutazzjoni Strateġika tal-Ambjent.

Tibdil fil-Klima

Il-Partijiet ser jikkooperaw bil-għan li:

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Tiġi finalizzata u adottata l-Istrateġija għall-Iżvilupp b'Emissjonijiet Baxxi tal-Georgia;

— Tibda l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Tiġi approssimata l-leġislazzjoni tal-Georgia mal-atti tal-UE u l-istrumenti internazzjonali kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni f'konformità mal-Annessi rilevanti tiegħu;

— Jiġi elaborat id-dokument aġġornat dwar tal-Kontribut Determinat fil-Livell Nazzjonali (NDC);

— Tiġi ssimplifikata l-azzjoni klimatika fil-politiki u l-miżuri settorjali u tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet differenti biex tiġi implimentata l-azzjoni klimatika fis-setturi kollha;

— Jissaħħaħ il-qafas tat-trasparenza tal-Georgia għall-azzjoni klimatika, b'mod partikolari permezz ta' sistema nazzjonali robusta għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-politiki dwar il-klima, il-miżuri u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra bbażati fuq il-mudell tal-UE;

— Tiġi żviluppata strateġija ta' żvilupp ta' nofs is-seklu u fuq medda twila ta' żmien tal-Georgia dwar l-istrateġija ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra.

Protezzjoni Ċivili

Il-Partijiet ser jikkooperaw sabiex isaħħu l-prevenzjoni tad-diżastri, il-preparazzjoni u r-rispons. Għal dak il-għan il-Partijiet għandhom, fost l-oħrajn:

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Jesploraw mezzi kif jiddefinixxu l-iktar elementi xierqa tal-kooperazzjoni fir-rigward tal-profil tar-riskju, il-qafas leġislattiv u organizzattiv tal-Georgia, pereżempju permezz ta' arranġamenti bilaterali amministrattivi jew Ittri ta' Intenzjoni;

— Jagħmlu progress fl-iżvilupp tal-valutazzjoni u l-immappjar tar-riskji ta' diżastri għall-pajjiż kollu, u appoġġ għall-iżvilupp meħtieġ tal-Atlas Elettroniku tar-Riskji Reġjonali (AERR) u jiġi żgurat l-użu effettiv tiegħu fil-livell nazzjonali.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jiżguraw komunikazzjoni effettiva fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum, inkluż l-iskambju ta' twissijiet bikrija u informazzjoni dwar emerġenzi fuq skala kbira li jaffettwaw lill-UE u lill-Georgia, kif ukoll pajjiżi terzi li fihom il-Partijiet ikunu involuti fir-rispons għad-diżastri;

— Jiffaċilitaw l-għajnuna reċiproka f'każ ta' emerġenzi maġġuri, kif ikun xieraq u skont id-disponibbiltà ta' riżorsi suffiċjenti;

— Jippromwovu l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' linji gwida tal-UE dwar is-sostenn tan-nazzjon ospitanti;

— Itejbu l-bażi tal-għarfien dwar ir-riskji ta' diżastri billi jsaħħu l-kooperazzjoni fl-aċċessibbiltà u l-komparabbiltà tad-data;

— Isir progress fl-iżvilupp tal-valutazzjoni u l-immappjar għall-pajjiż kollu tar-riskji ta' diżastri, u appoġġ għall-iżvilupp meħtieġ tal-Atlas Elettroniku tar-Riskji Reġjonali (AERR) u jiġi żgurat l-użu effettiv tiegħu fuq livell nazzjonali;

— Tibda l-estensjoni tas-Sistema Ewropea ta' Twissija għall-Għargħar (EFAS) Copernicus lejn il-Georgia f'kooperazzjoni maċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea;

— Titjieb il-prevenzjoni tad-diżastri industrijali u d-diżastri NATECH (perikli naturali kkawżati mit-teknoloġija) u l-istat ta' tħejjija għalihom;

— Jiġi stabbilit djalogu dwar l-aspetti tal-politika tal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għad-diżastri permezz ta' skambju tal-aħjar prattiki, taħriġ konġunt, eżerċizzji, żjarat ta' studju, workshops u laqgħat fuq lezzjonijiet mitgħallma minn sitwazzjonijiet ta' emerġenza reali jew eżerċizzji.

2.8 **Mobbiltà u Kuntatti bejn il-Persuni**

Kooperazzjoni fir-Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Innovazzjoni

Il-Partijiet ser jikkooperaw fuq:

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— L-iżvilupp ta' viżjoni u strateġija għas-sistema tal-STI tal-Georgia (bħala parti mill-istrateġija ġenerali għall-edukazzjoni u s-settur tal-enerġija tal-Georgia) fi ħdan iż-Żona ta' Riċerka Ewropea li tinvolvi lil dawk li jfasslu l-politiki, il-komunità akkademika u tar-riċerka, in-negozjanti u l-mexxejja tas-soċjetà ċivili;

— L-appoġġ tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta' Innovazzjoni, inkluż il-qafas regolatorju u l-infrastruttura għall-innovazzjoni.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jiġu massimizzati l-benefiċċji lill-Georgia tal-Assoċjazzjoni tagħha għall-programm Orizzont 2020;

— Tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni miżjuda taħt il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, li jikkumplimenta l-Orizzont 2020 b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza nukleari u l-protezzjoni tar-radjazzjoni bbażata fuq sejħiet kompetittivi;

— Jissaħħu r-riżorsi umani, materjali u istituzzjonali sabiex jittejbu l-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Edukazzjoni, Taħriġ u Żgħażagħ

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fuq il-modernizzazzjoni ġenerali u r-riforma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u s-sistemi taż-żgħażagħ tal-Georgia, b'mod partikolari billi:

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Isiru kemm xogħol konġunt kif ukoll skambji bl-għan li tiġi promossa l-integrazzjoni ulterjuri tal-Georgia fil-Qasam ta' Edukazzjoni Għolja Ewropea fil-kuntest tas-sħubija tagħha fil-proċess ta' Bologna, permezz ukoll tat-tisħiħ ta' sistema ta' assigurazzjoni indipendenti u orjentata fuq l-iżvilupp, il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet interessati u s-soċjetà ċivili fil-proċessi ta' riforma, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-akkademja u s-suq tax-xogħol għal impjegabbiltà akbar tal-gradwati;

— Jiġu promossi l-kooperazzjoni akkademika, il-bini tal-kapaċità u l-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal permezz tal-programm il-ġdid Erasmus+ kif ukoll il-mobbiltà tar-riċerkaturi, l-iżvilupp tal-karriera u t-taħriġ permezz tal-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie;

— Jiġi mheġġeġ approċċ strateġiku għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) bl-għan li s-sistema tal-ETV tal-Georgia tinġieb f'konformità mal-modernizzazzjoni tal-istrutturi tal-ETV tal-UE, kif segwita permezz tal-Proċess ta' Kopenhagen u l-istrumenti tiegħu u fir-rispett tal-prinċipji ta' opportunitajiet indaqs;

— Jissaħħaħ l-approċċ strateġiku għall-politika taż-żgħażagħ u jitjiebu l-iskambji u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni mhux formali għaż-żgħażagħ u dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ, bħala mezzi li jippromwovu d-djalogu interkulturali u l-appoġġ għas-soċjetà ċivili, fost l-oħrajn permezz tal-qasam taż-żgħażagħ tal-Erasmus+;

— Jiġi żgurat id-dritt għall-edukazzjoni għat-tfal u l-individwi żgħażagħ kollha, inkluż dawk bi bżonnijiet edukattivi speċjali u jittieħdu passi ulterjuri għall-promozzjoni ta' edukazzjoni primarja u sekondarja inklużiva.

Kooperazzjoni fil-Qasam Kulturali

Il-Partijiet ser:

— Jippromwovu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali;

— Jikkooperaw dwar l-iżvilupp ta' politika kulturali inklużiva fil-Georgia u dwar il-preservazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-wirt kulturali u naturali bil-għan li jrawmu l-iżvilupp soċjoekonomiku;

— Jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-operaturi kulturali u/jew awdjoviżivi tal-Georgia fil-programmi ta' kooperazzjoni kulturali/awdjoviżivi, b'mod partikolari l-Ewropa Kreattiva.

Kooperazzjoni fil-Qasam Awdjoviżiv u fil-Qasam tal-Mezzi tal-Informazzjoni

Il-Partijiet ser jikkooperaw biex jippreparaw għall-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-UE msemmi fl-Annessi rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni previst u li jappoġġaw lill-Georgia fi:

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Il-ħidma favur ir-rinfurzar tal-indipendenza u l-professjonaliżmu tal-mezzi tal-informazzjoni f'konformità ma' standards Ewropej rilevanti u l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni awdjoviżiva mal-*acquis* tal-UE kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, fost l-oħrajn permezz tal-iskambju ta' fehmiet dwar il-politika awdjoviżiva u l-istandards internazzjonali rilevanti, inkluż il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija;

— L-iskambju tal-aħjar prattiki u dwar il-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni, il-pluraliżmu tal-mezzi tal-informazzjoni, id-dekriminalizzazzjoni tal-malafama, il-protezzjoni tas-sorsi tal-ġurnalisti u l-aspetti tad-diversità kulturali tal-mezzi tal-informazzjoni permezz ta' djalogu regolari;

— It-tisħiħ tal-kapaċità u l-indipendenza tal-awtoritajiet/korpi regolatorji tal-mezzi tal-informazzjoni.

Żvilupp Reġjonali, u l-Kooperazzjoni fil-Livell Reġjonali

Il-Partijiet ser jikkooperaw fil-qafas tal-politiki tal-iżvilupp reġjonali u fid-Djalogu dwar il-Politika Reġjonali bejn l-UE u l-Georgia, fid-dawl tal-isforzi tal-Georgia biex:

Prijoritajiet fuq terminu qasir

— Titlesta b'suċċess l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Żvilupp Reġjonali 2015-2017, permezz ukoll tal-istabbiliment ta' koordinazzjoni effettiva bejn l-istituzzjonijiet u l-mekkaniżmi ta' governanza fuq bosta livelli;

— Jitħejja programm suċċessur multiannwali, inkluż investimenti potenzjali f'oqsma bħall-innovazzjoni u l-SMEs, bl-għan li jinbena tkabbir sostenibbli għar-reġjuni kollha tal-Georgia.

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jingħata appoġġ ulterjuri lill-awtoritajiet għat-tisħiħ tal-governanza fuq bosta livelli u l-isforzi għall-bini tal-kapaċità ta' amministrazzjonijiet subnazzjonali u strumenti oħrajn ta' żvilupp reġjonali;

— Jiġu appoġġati azzjonijiet integrati u b'bosta partijiet interessati għall-iżvilupp territorjali tal-Georgia bħal fil-qasam tal-ġestjoni tat-territorju, il-ġestjoni tal-ilma u l-iskart, it-toroq, l-elettriku u infrastruttura bażika oħra, id-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali, it-turiżmu u l-iżvilupp tal-kummerċ;

— L-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni tematika u l-iskambju tal-informazzjoni, inkluż billi jsir l-aħjar użu tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Politika fuq id-Djalogu Reġjonali bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Georgia.

Parteċipazzjoni f'Aġenziji u Programmi tal-UE

Il-partijiet ser:

Prijoritajiet fuq terminu medju

— Jeżaminaw l-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-UE abbażi tal-parteċipazzjoni attwali tal-Georgia fil-Programmi tal-UE speċifiċi.

Sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u viżibbiltà

Il-partijiet għandhom jikkooperaw biex jiżguraw diskussjoni infurmata tajjeb, inkluż ma' pubbliku usa' u maċ-ċittadini tal-Georgia dwar l-opportunitajiet u l-implikazzjonijiet tal-approssimazzjoni tal-Georgia mal-UE, inkluż l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni u speċifikament id-DCFTA.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT